


# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 98**
**Settembru 1998**

This booklet was donated
to the Cathedral library
by JOE BUGEJA
during February 2008
MEK 13144

# BULETTIN
# TA' L-ARĊIDJOĊESI
# U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 98** **Settembru 1998**


## WERREJ


Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja ........ 545

Ittra Appostolika "Dies Domini" ........ 550

Ittra Appostolika "Motupropriju" ........ 600

Doctrinal Commentary on "Professio Fidei" ........ 602

The Catholic School ........ 610

The Pilgrimage in The Great Jubilee ........ 625

Kalendarju Ġublew Sena 2000 ........ 654

Nunzju Appostoliku ġdid ........ 665

Messaġġi u diskorsi ta' l-Arċisqof ........ 666

Servizz ta' saċeredoti ........ 684

Stqarrija dwar il-familja u d-divorzju ........ 685

Dokumenti tal-Kurja ........ 689

Lejn is-Sena 2000 ........ 693

Eżempji ta' Omelija ........ 699

Appostolat tat-Talb 1999 ........ 723

Werrej Ġenerali ........ 726

Issettjat u stampat: Media Centre, Blata l-Bajda, 1998

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 98** **Settembru 1998**

## Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 1998

# Is-Sinjal tal-Preżenza ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Missjoni "Ad Gentes"

*"Meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art."* (Atti 1,8)

1. Il-Ġurnata Missjunarja ta' din is-sena, iddedikata lill-Ispirtu s-Santu, it-tieni sena ta' tħejjija immedjata għall-Ġublew tas-sena 2000, ma tistax ma tħarisx lejh. L-Ispirtu s-Santu hu fil-fatt dak li jmexxi l-missjoni kollha tal-Knisja, li tidher b'mod l-aktar għoli fil-missjoni *ad gentes,* kif narawha fil-Knisja ta' l-ewwel żminijiet (ara enċikl. *Redemptoris missio,* 21).

Żgur li ma jistax ikun li tifhem il-ħidma kollha ta' l-Ispirtu fil-Knisja u fid-dinja billi tanalizza biss kull statistika u kull sussidju ieħor li jista' jkollok bħala frott tax-xjenzi tal-bniedem, għaliex il-ħidma ta' l-Ispirtu ssir fuq livell ieħor, li hu dak tal-grazzja, u tingħaraf bil-fidi. Hija ħidma li hi spiss moħbija u misterjuża, iżda effikaċi u dan bla dubju ta' xejn. L-Ispirtu s-Santu ma tilifx dik il-qawwa li jmexxi 'l quddiem li kellu fil-bidu tal-Knisja; illum l-Ispirtu s-Santu qed jaħdem kif kien jaħdem fi żmien Ġesù u l-Appostli. L-għeġubijiet li għamel l-Ispirtu s-Santu u li huma msemmija fl-Atti ta' l-Appostli, qed jiġu mtennija fi żminijietna, għalkemm spiss jibqgħu mhux magħrufin, għaliex illum, f'parti kbira tad-dinja, il-bniedem qed jgħix f'kultura sekularizzata, li tfisser kull realtà bħallikieku Alla ma jeżistix.

Il-Ġurnata Missjunarja għalhekk tiġi f'waqtha biex naslu ħa nintebħu bl-inizjattiva ta' l-għaġeb ta' l-Ispirtu s-Santu, biex isaħħaħ fina l-fidi, u jinħoloq qawmien missjunarju kbir fil-Knisja, u dan proprju bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Forsi mhuwiex dan l-għan ewlieni tal-Ġublew: is-sħuħija tal-fidi u x-xhieda ta' l-insara?

2. L-għarfien tal-ħidma ta' l-Ispirtu fi qlub il-bnedmin u l-indħil tiegħu

fil-ġrajjiet ta' l-istorja jwassluna għall-ottimiżmu tat-tama. *L-ewwel sinjal tassew ta' l-għaġeb* ta' din il-ħidma, li nixtieq li kulħadd jaħseb fuqu, hu – ħaġa ta' l-għaġeb! – l-istess kriżi li minnha għaddejja d-dinja ta' llum: fenomenu kompless li, minħabba l-aspetti negattivi tiegħu, bħala reazzjoni spiss iqanqal talbiet qalbiena lill-Ispirtu li jagħti l-ħajja, u hekk juri dik ix-xewqa ħerqana li hemm fil-qalb ta' kull bniedem għall-Bxara t-tajba ta' Kristu l-Feddej.

Kif ma niftakrux hawn, dak li l-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et spes* gharaf jaqra fuq il-qagħda tad-dinja ta' llum (n. 4-10)? F'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, din il-kriżi aktar kibret: żdied aktar in-nuqqas ta' ideali u ta' valuri, naqas is-sens tal-Verità u kiber ir-relattiviżmu morali; spiss qed tiddomina etika individwalistika, utilitarja, bla ebda riferenza għal xi prinċipji sodi u ċari; f'ħafna postijiet qed jiġi notat li l-bniedem ta' llum, meta jiċħad lil Alla, qed isir inqas bniedem, mimli biża' u tensjonijiet, magħluq fih innifsu, mingħajr sodisfazzjon ta' xejn, egoista.

Il-konsegwenzi ta' din il-qagħda jidhru sewwa fil-prattika: il-konsumiżmu, għalkemm ikkritikat spiss, qed jaħkem dejjem aktar; it-tħassib dwar ħafna problemi materjali, tħassib li spiss hemm ħafna raġunijiet għalih, tant qed jimpenja ħsieb in-nies li l-bnedmin fir-relazzjonijiet ta' bejniethom qed isiru diffiċli, indifferenti u kesħin, u qed juru ruħhom żorri, aggressivi, mhux kapaċi jitbissmu, isellmu, jgħidu grazzi, jinteressaw ruħhom fil-problemi ta' l-oħrajn. Minħabba kompless ta' fatturi ekonomiċi, soċjali u kulturali, is-soċjetajiet l-aktar progrediti huma mħassbin sewwa minħabba "sterilità" li hi fl-istess waqt spiritwali u demografika.

Iżda hi proprju minn din il-qagħda li twassal il-bniedem għad-disperazzjoni, li spiss toħroġ ix-xewqa ta' talb lil Dak li hu "il-Mulej li jagħti l-ħajja" għax ma jistax jiġri li l-bniedem ikun bla sens u bla tama.

3. *It-tieni sinjal kbir* tal-preżenza ta' l-Ispirtu fid-dinja hu d-dehra mill-ġdid tas-sens reliġjuż fost il-popli. Hu moviment, xi kull tant ambigwu, iżda li juri b'mod tassew żgur kemm huma neqsin, fit-teorija u fil-prattika, il-filosofiji u l-ideoloġiji mingħajr Alla, il-materjaliżmi li jillimitaw l-orizzonti tal-bniedem għal dak biss li hu fuq l-art. Il-bniedem mhuwiex biżżejjed għalih innifsu. Illum hi mxerrda ma' kullimkien il-konvinzjoni li l-ħakma fuq in-natura u fuq l-univers, ix-xjenzi u t-teknika l-aktar sofistikata mhumiex biżżejjed għall-bniedem, għax ma jaslux biex juruh x'inhu t-tifsir aħħari ta' kull realtà: huma biss strumenti u mhux l-għan aħħari tal-bniedem, tal-mixi 'l quddiem tal-ġens kollu tal-bnedmin.

Irridu ninnotaw ukoll li, flimkien mal-qawmien reliġjuż, hemm ukoll

il-fatt li fost il-popli qed jinxterdu dawk il-valuri evanġeliċi li Kristu nkarna fil-ħajja tiegħu (paċi, ġustizzja, fraternità, impenn favur dawk li huma l-aktar ċkejknin – ara enċikl. *Redemptoris missio,* 3). Jekk inqisu l-istorja ta' dawn l-aħħar mitejn sena, għandna nintebħu kemm kiber fost il-popli l-għarfien tal-valur tal-persuna umana u tad-drittijiet tar-raġel u tal-mara; l-aspirazzjoni universali għall-paċi; ix-xewqa li jingħelbu l-fruntieri u l-firdiet minħabba r-razza; it-tendenza għal-laqgħat bejn popli u kulturi; it-tolleranza ta' dak li jitqies differenti mill-bqija; l-impenn f'ħidmiet ta' solidarjetà u ta' volontarjat; iċ-ċaħda ta' l-awtoritariżmu fil-politika bis-sħuħija tad-demokrazija; u l-aspirazzjoni għall-ġustizzja internazzjonali aktar meqjusa, l-iktar fil-qasam ekonomiku.

Kif ma narawx f'dan kollu l-ħidma tal-Providenza ta' Alla li qed tmexxi l-ħidma tal-bnedmin u l-istorja għall-qagħdiet ta' ħajja li jixirqu aktar lil kulħadd? Għalhekk ma jistax ikun li nkunu pessimisti. Il-fidi f'Alla tistedinna nkunu ottimisti, b'dak l-ottimiżmu li joħroġ mill-Evanġelju: "Jekk inħarsu fuq fuq lejn id-dinja ta' llum, jolqtuna żgur il-ħafna fatti negattivi li naraw u jistgħu jwassluna għall-pessimiżmu. Iżda ma hemmx raġuni għal dan is-sentiment; aħna nemmnu f'Alla... u Alla qed iħejji rebbiegħa nisranija tassew ta' l-għaġeb, u ġa qed nintebħu biha (ara Enċikl. *Redemptoris missio,* 86).

4. *L-Ispirtu s-Santu hu preżenti fil-Knisja u qed imexxiha fil-missjoni tagħha* (Ad gentes). Hu ta' faraġ għalina nkunu nafu li, mhux aħna, imma l-Ispirtu s-Santu hu l-ħaddiem ewlieni tal-missjoni. Dan hu ta' hena għalina, u jimliena bil-ferħ, it-tama u l-qlubija. Il-missjunarju m'għandux għalfejn joqgħod jitħasseb fuq ir-riżultati tal-ħidma tiegħu, għax dawn huma f'idejn Alla: il-missjunarju għandu biss jimpenja ruħu bir-riżorsi kollha li għandu u jħalli lil Alla jaħdem fil-fond. Barra dan, l-Ispirtu jwassal il-prospettiva tal-ħidma tal-Knisja sa truf l-art kollha. F'dan tfakkarna kull sena l-Ġurnata Missjunarja u turina l-ħtieġa li qatt ma naslu biex nillimitaw l-orizzonti ta' l-evanġelizzazzjoni, imma nħalluhom dejjem miftuħin b'mod li jħaddnu l-familja kollha tal-bnedmin.

L-istess fatt li fil-Knisja, li twieldet mis-salib ta' Kristu, hemm illum ukoll *persekuzzjoni u martirju,* hu wkoll sinjal qawwi ta' tama għall-missjoni. Dwar dan, kif ma niftakrux li xi missjunarji u xi fidili nsara wkoll għadhom joffru ħajjithom f'ġieh l-isem ta' Ġesù? L-istorja wkoll ta' dawn l-aħħar snin turi li l-persekuzzjoni ġġib insara ġodda u li t-tbatija, milqugħa f'ġieh Kristu u l-Evanġelju, hi meħtieġa fuq li meħtieġa għall-kobor tas-Saltna ta' Alla. Nixtieq ukoll niftakar u nrodd ħajr lil għadd kbir ta' nies, li fis-skiet, fil-qadi tagħhom ta' kuljum joffru lil Alla t-talb u t-tbatijiet tagħhom għall-missjoni u għall-missjunarji.

5. Fil-Knejjes, imbagħad, il-preżenza ta' l-Ispirtu tidher bħala sinjal ieħor ta' qawwa kbira: *il-komunitajiet insara ġodda huma mimlijin b'ħeġġa għall-fidi u l-membri tagħhom, l-aktar iż-żgħażagħ, qed ixsandruha b'konvizjoni kbira.* Id-dehra li għandna quddiemna hi għalhekk ta' faraġ kbir. Dawk l-insara li għadhom kemm saru nsara, anzi dawk ukoll li għadhom katekumeni, iħossu b'qawwa kbira l-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu u, mimlijin ħeġġa għall-fidi tagħhom, isiru missjunarji fl-ambjent tagħhom stess.

Il-ħidma appostolika tagħhom toħroġ ukoll barra mill-pajjiż. Fl-Amerika Latina, biex insemmi eżempju, ġew imtennija bil-qawwa kollha l-prinċipju u l-prattika tal-missjoni "ad gentes", l-aktar wara l-aħħar żewġ laqgħat taċ-CELAM fi Puebla (1979) u f'Santo Domingo (1992). Saru ħames kungressi missjunarji latino-amerikani u l-isqfijiet, bi kburija liema bħalha, ħabbru li għandhom ma' l-elf missjunarju – saċerdoti, reliġjużi u lajċi volontarji – l-aktar fl-Afrika, minkejja l-ħtieġa kbira li għandhom ta' ħaddiema appostoliċi.

F'dan il-kontinent imbagħad hemm id-drawwa li ħaddiema appostoliċi jmorru minn nazzjon għal nazzjon oħra: hi drawwa partikolari li qed tidher bħala għajnuna tal-Knejjes lil xulxin, u ma' din id-drawwa hi msieħba d-disponibbiltà għall-missjoni barra mill-pajjiż.

L-Assemblea speċjali għall-Asja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, li saret f'Ruma fir-rebbiegħa ta' din is-sena, uriet ċar xi spirtu missjunarju għandhom il-Knejjes ta' l-Asja: fi ħdanhom twaqqfu għadd ta' Istituti missjunarji għall-kleru djoċesan: fl-Indja, fil-Filippini, fil-Korea, fit-Tajlandja, fil-Vietnam u fil-Ġappun. Insibu saċerdoti u reliġjużi mill-Asja jaħdmu fl-Afrika, fl-Oċeanja, fil-pajjiżi tal-Lvant nofsani u fl-Amerika Latina.

6. Quddiem dawn il-ħafna inizjattivi appostoliċi f'kull rokna tad-dinja, mhux ħaġa tqila li tintebaħ li l-Ispirtu s-Santu qed juri ruħu fil-ħafna kariżmi li bihom qed tistagħna u tikber il-Knisja universali. L-Appostlu San Pawl, fl-ewwel ittra lill-Korintin, jitkellem fit-tul dwar il-kariżmi li jingħataw għall-kobor tal-Knisja (kap 12-14). "Iż-żmien ta' l-Ispirtu" li qed ngħixu qed imexxina dejjem aktar lejn varjetà ta' espressjoni, lejn pluraliżmu ta' metodi u ta' forom, li fihom jidhru l-għana u ħajja tal-Knisja. Din hi l-importanza tal-missjoni u tal-komunitajiet ekklesjastiċi żgħażagħ, li ġa kienu ta' għajnuna, fis-skiet, għat-tiġdid fil-ġid ta' ħajjithom. Hi ħaġa żgura li fit-tielet millennju se tidher sejħa ġdida għall-missjoni universali u, fl-istess waqt, l-inkulturazzjoni ta' l-Evanġelju min-naħa tal-Knejjes tal-post.

7. Fl-enċiklika *Rdemptoris missio* kont ktibt li fl-istorja tal-Knisja, il-

ħeġġa missjunarja dejjem kienet sinjal ta' ħajja, kif in-nuqqas ta' din il-ħeġġa hu sinjal ta' kriżi fil-fidi... Il-missjoni ġġedded il-Knisja, issaħħaħ il-fidi u l-identità nisranija, tagħti entużjażmu ġdid u motivazzjoni ġdida (ara n.2).

Għalhekk nagħmel stedina biex tiġi mtennija, kontra kull pessimiżmu, il-fidi fil-ħidma ta' l-Ispirtu li jsejjaħ lil kull min jemmen għall-qdusija u għall-impenn missjunarju. Għadna kemm iċċelebrajna l-175 anniversarju ta' l-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi, imwaqqfa f'Lyon fl-1822 minn lajka, Pauline Jaricot, li tagħha miexja 'l quddiem il-kawża tal-kanonizzazzjoni. Din l-inizjattiva għenet għall-kobor fil-Knisja ta' xi valuri fundamentali li llum insibuhom fl-Opri Missjunarji Pontifiċji: il-valur ta' l-istess missjoni li kapaċi tnissel fil-Knisja l-ħajja tal-fidi, li tikber meta hemm l-impenn biex twassalha lill-oħrajn: "Il-fidi tissaħħaħ meta tingħata" (*Redemptoris missio,* 2); is-siwi ta' l-universalità ta' l-impenn missjunarju, għaliex kulħadd, bla eċċezzjoni, hu msejjaħ biex jgħin bil-ġenerożità kollha l-missjoni tal-Knisja; it-talb, l-offerta tat-tbatijiet personali, ix-xhieda tal-ħajja, huma elementi ewlenin għall-missjoni li jistgħu jilħquhom l-ulied kollha ta' Alla.

Fl-aħħarnett irrid infakkar il-vokazzjoni missjunarja "ad vitam": jekk il-Knisja hi kollha kemm hi missjunarja min-natura tagħha stess, il-missjunarji "ad vitam", irġiel u nisa, huma s-sura ewlenija ta' din in-natura. Napprofitta għalhekk minn din l-okkażjoni biex nagħmel appell lil dawk kollha, speċjalment żgħażagħ, li huma impenjati fil-Knisja. Kont ktibt fir-*Redemptoris missio* (n.1) li fil-missjoni jeħtieġ li nisimgħu leħen Kristu li sa llum għadu jsejjaħ: "Ejjew, imxu warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin" (ara Mt 4,19). "Tibżgħux! Iftħu l-bibien ta' qalbkom u ta' ħajjitkom lil Kristu! Ħallu 'l min jimpenjakom fil-missjoni għat-tħabbira tas-Saltna ta' Alla: għal dan il-għan intbagħat il-Mulej" (ara Lq 4, 43), li għadda din il-missjoni lid-dixxipli kollha tiegħu tul iż-żminijiet. Alla li qatt ma se jkun inqas ġeneruż minna, jagħti lil kull wieħed mitt darba aktar u l-ħajja ta' dejjem (ara Mt 19, 29).

Nafda f'idejn Marija, xbieha tal-missjunarjetà u Omm il-Knisja, lil dawk kollha li, fil-missjoni *Ad gentes* u f'pajjiżhom stess, tkun xi tkun il-qagħda tal-ħajja tagħhom, qed jgħinu t-tħabbir ta' l-Evanġelju, u minn qalbi nagħtihom il-Barka Appostolika.

*Mill-Vatikan, 31 ta' Mejju, 1998, solennità ta' Għid il-Ħamsin.*

IONNES PAULUS PP. II

# Ittra Appostolika *DIES DOMINI*

## LIL ĦUTI FL-EPISKOPAT U LIS-SAĊERDOTI

### Daħla

Ħuti għeżież

1. JUM IL-MULEJ – hekk kien jissejjaħ il-Ħadd fi żmien l-Appostli[1] – dejjem kien meqjus b'attenzjoni speċjali fil-ġrajja tal-Knisja, minħabba r-rabta li għandu mal-qofol stess tal-misteru nisrani. Dan għaliex, meta nqisu ż-żmien ġimgħa ġimgħa, il-Ħadd dejjem ifakkarna fil-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Hu l-**Għid** li jiġi kull ġimgħa biex niċċelebraw ir-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt u d-dnub, is-sħuħija fiħ tal-ħolqien kollu u l-bidu tal-"ħolqien ġdid" (ara 2Kor 5,17). Hu l-jum li jfakkarna fl-ewwel jum tad-dinja, aħna u naduraw bil-ħajr kollu tagħna l-Ħallieq ta' kollox, bil-ħarsa kollha tagħna, mimlija bit-tama, lejn l-aħħar jum, meta Kristu jerġa' jiġi fil-glorja (ara Atti 1, 11; ITes 4, 3-17) u jġedded kollox (Apok 21, 5).

Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li kliem is-Salmista jfisser sewwa l-Ħadd: "Dan hu l-jum li għamel il-Mulej: ħa nifirħu u nithennew bih" (Salm 118, 24). Din l-istedina għall-ferħ, li l-liturġija ta' l-Għid tagħmel tagħha, turi l-istagħġib tan-nisa li, wara li raw lil Kristu msallab, sabu l-qabar vojt, meta marru "kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa" (Mk 16, 2). Hi stedina biex ngħixu mill-ġdid b'xi mod l-esperjenza taż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws li ħassu qalbhom "imħeġġa ġewwa fihom" dak il-ħin li Kristu kien miexi magħhom fit-triq, ifissrilhom l-Iskrittura u wara mbagħad lilu nnifsu lilhom "fil-qsim tal-ħobż" (ara Lq 24, 32. 35). U turi wkoll il-ferħ - għall-ewwel inċert u mbagħad kbir fuq li kbir – ta' l-Appostli dakinhar stess filgħaxija meta żarhom Kristu rxoxt u tahom il-paċi tiegħu u l-Ispirtu qaddis tiegħu (ara Ġw 20, 19-21).

2. Il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet hu l-fatt fundamentali li fuqu hi mibnija l-fidi nisranija (ara I Kor 15, 14). Hu fatt tassew ta' l-għaġeb, li nilqgħuh bid-dawl tal-fidi, u tiegħu ngħatat ix-xhieda minn dawk li kellhom il-privileġġ jaraw lil Kristu Rxoxt. Hi ġrajja ta' l-għaġeb li mhux biss ma hemmx oħra bħalha fil-ġrajja tal-bniedem, iżda **tinsab fil-qalba tal-misteru taż-żmien.** Dan għaliex "ta' Kristu hu kull żmien u ż-żminijiet kollha", kif tfakkarna l-liturġija tal-Vġili ta' l-Għid bit-tberik tal-blandun. Għalhekk il-Knisja hija u tfakkar jum il-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet, mhux darba biss fis-sena imma kull nhar ta' Ħadd, trid turi lil kull żmien il-qofol ta' l-istorja li lejh iwassal il-misteru tal-bidu tad-dinja u tad-destin tagħha.

Hi ħaġa sewwa għalhekk tippretendi, kif għamlet omelija tar-raba' seklu li "Jum il-Mulej" hu "Sid il-jiem kollha"[2]. Dawk li ħadu l-grazzja tal-fidi fi Kristu rxoxt żgur se jaslu biex ikollhom dik l-emozzjoni qawwija li wasslet lil San Ġlormu jgħid: "Il-Ħadd hu jum il-qawmien mill-imwiet, hu jum l-insara, hu l-jum tagħna".[3] Għall-insara, il-Ħadd hu l-"jum fundamentali"[4], imwaqqaf mhux biss biex juri l-mogħdija taż-żmien imma wkoll biex juri t-tifsir l-aktar għoli tiegħu.

3. L-importanza fundamentali tal-Ħadd ingħarfet tul elfejn sena tal-ġrajja tal-bniedem, u ġiet imtennija bil-qawwa kollha mill-Konċilju Vatikan II. "Kull sebat ijiem il-Knisja tiċċelebra l-misteru ta' l-Għid. Din hi tradizzjoni li ġejja minn żmien l-Appostli, u bdiet minn dak il-jum stess li fih Kristu qam mill-imwiet – jum li bir-raġun kollu jissejjaħ Jum il-Mulej".[5] Il-Papa Pawlu VI tenna bil-qawwa kollha l-importanza ta' dan il-jum, meta approva l-Kalendarju Ġenerali Ruman u n-Normi universali li jirregolaw is-Sena Liturġika.[6] It-tielet millennju li dalwaqt jasal jistieden lil kull min jemmen biex jaħseb fuq il-kors ta' l-istorja fid-dawl ta' Kristu, u jistedinna wkoll biex b'ħeġġa akbar naraw xi jfisser il-Ħadd il-misteru tiegħu, iċ-ċelebrazzjoni tiegħu, it-tifsir tiegħu għall-ħajja tan-nisrani u tal-bniedem.

Jien nifraħ nara li fis-snin ta' wara l-Konċilju dan is-suġġett importanti mhux biss wassal għal ħafna interventi tagħkom bħala għalliema tal-fidi, ħuti fl-Episkopat, imma wkoll żviluppajtu individwalment jew flimkien ukoll ħafna inizjattivi pastorali, bl-għajnuna tal-kleru tagħkom. Fuq l-għatba tal-Ġublew tas-sena 2000, din kienet ix-xewqa tiegħi, li nagħtikom din l-Ittra Appostolika biex ngħinkom fl-isforzi pastorali tagħkom f'dan il-qasam hekk vitali. Iżda fl-istess waqt irrid inkellem lilkom ukoll, insara fidili, qisni spiritwalment preżenti fil-komunitajiet kollha li fihom tinġabru mar-ragħajja tagħkom, kull nhar ta' Ħadd biex tiċċelebraw l-Ewkaristija u "Jum il-Mulej". Ħafna mill-ħsibijiet u l-intenzjonijiet li wassluni biex nikteb din l-ittra kibru miegħi sa minn żmien il-qadi episkopali tiegħi f'Krakow u, minn meta dħalt għall-ministeru ta' isqof ta' Ruma, u Suċċessur ta' San Pietru, miż-żjajjar li għamilt fil-parroċċi ta' Ruma, żjajjar kull nhar ta' Ħadd fi żminijiet differenti tas-Sena Liturġika. Inħoss li din l-ittra qed tkompli d-djalogu ħaj li nifraħ li jkolli ma' l-insara kollha, jiena u naħseb flimkien magħkom x'ifisser il-Ħadd u nuri għaliex għandna ngħixu l-Ħadd bħala "Jum il-Mulej", ukoll f'dawn iż-żminijiet ta' llum li kuljum qed jinbiddlu.

4. Sa ftit żmien ilu, kienet ħaġa tassew faċli, fil-pajjiżi tradizjonalment insara, li tiġi mħarsa l-qdusija tal-Ħadd għax kienet drawwa tista' tgħid imxerrda ma' kullimkien u wkoll għaliex fl-organizzazzjoni tas-soċjetà

ċivili, il-Ħadd kien meqjus bħala jum fiss fit-tqassim tax-xogħol. Iżda llum, ukoll f'dawk il-pajjiżi li jagħarfu bil-liġi l-karattru festiv tal-Ħadd, it-tibdil li seħħ fil-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi kullimkien spiss wassal tibdil fl-imġiba soċjali u għalhekk għal tibdil ukoll fil-karattru tal-Ħadd. Id-drawwa tal-*weekend* xterdet dejjem aktar, żmien ta' mistrieħ kull ġimgħa, forsi 'l bogħod ħafna mid-dar u spiss b'impenji ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet politiċi u sportivi li ġeneralment isiru f'dawn il-ġranet ta' mistrieħ mix-xogħol ta' kuljum. Dan il-fenomenu soċjali u kulturali m'huwiex nieqes minn ħafna aspetti pożittivi, jekk iwassal għall-progress tan-nies u l-iżvilupp tal-ħajja tas-soċjetà kollha kemm hi, sakemm jiġu rispettati l-valuri veri. Dan kollu jaqbel mhux biss mal-ħtieġa tal-mistrieħ, imma wkoll mal-ħtieġa ta' "festa" li hija parti mill-istess natura tal-bniedem. Disgrazzjatament, meta l-Ħadd jitlef it-tifsir fundamentali tiegħu u jsir biss parti mill-*weekend,* jista' jwassal biex il-bniedem jingħalaq f'orizzont hekk limitat tant li ma jasalx biex jara aktar "is-sema"[7]. U hekk, għalkemm lest biex jagħmel festa, isib ruħu mhux kapaċi għal dan.

Iżda d-dixxipli ta' Kristu, huma mistiedna jevitaw li jħawdu ċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd, li bħala għan waħdieni għandu jkollha l-qdusija ta' Jum il-Mulej, mal-*weekend* bħala biss żmien ta' mistrieħ. Biex dan iseħħ, meħtieġ kobor spiritwali sħiħ, kobor li jagħti ħila lill-insara li "jkunu dak li huma", fi qbil perfett mad-don tal-fidi, dejjem lesti biex jagħtu kont tat-tama li għandhom (ara IPiet 3, 15). Dan wassal għall-fehma aktar fil-fond ta' x'inhu l-Ħadd tant li, f'qagħdiet diffiċli wkoll, ikunu jistgħu joqogħdu għal kollox għal dak li jnebbaħ l-Ispirtu.

5. Fid-dawl ta' dan, il-qagħda tidher ftit imħawda. Min-naħa hemm l-eżempju ta' xi Knejjes ġodda, għadhom jitwaqqfu, li juru b'liema ħeġġa jista' jiġi ċelebrat Jum il-Mulej, kemm fl-ibliet u kemm fl-irħula mxerrdin ma' kullimkien. F'pajjiżi oħra tad-dinja, għall-kuntrarju, minħabba inflwenzi soċjoloġiċi li ġa semmejna, u forsi għax hi wkoll dgħajfa l-fidi, l-għadd ta' dawk li jmorru għall-Quddies nhar ta' Ħadd hu baxx ħafna. Fil-fehma ta' ħafna nsara tidher qed tonqos mhux biss il-fehma li l-Ewkaristija hija ċ-ċentru tal-ħajja nisranija, imma wkoll qed jonqos is-sens tad-dmir ta' radd il-ħajr lil Alla u ta' talb lil Alla ma' l-oħrajn fil-komunità tal-Knisja.

Hu veru wkoll li fil-pajjiżi tal-missjoni u fil-pajjiżi li ħaddnu l-Evanġelju mijiet ta' snin ilu, in-nuqqas ta' saċerdoti hu hekk kbir, li ma tistax tiġi żgurata l-Quddiesa kull nhar ta' Ħadd f'kull komunità.

6. Minħabba l-ħafna qagħdiet ġodda li hemm u l-kwistjonijiet li jinħolqu bihom, jidher li hi ħaġa meħtieġa wisq aktar minn qabel li **jerġgħu jinstabu l-pedamenti dottrinali** li fuqhom mibni l-preċett tal-Knisja dwar

il-qdusija tal-Ħadd, sabiex l-insara kollha jaraw b'mod ċar is-siwi tal-Ħadd għall-ħajja nisranija, siwi li qatt ma jista' jiġi nieqes. Meta nagħmlu dan, inkunu mixjin mit-triq tat-tradizzjoni antika tal-Knisja, imtennija bil-qawwa kollha mill-Konċilju Vatikan II fit-tagħlim tiegħu dwar il-Ħadd: 'L-insara għandhom jinġabru flimkien, biex ifakkru l-passjoni, il-qawmien mill-imwiet u l-glorja tal-Mulej Ġesù, billi jisimgħu l-Kelma t'Alla, u jissieħbu fl-Ewkaristija, u jroddu ħajr lil Alla, li tahom twelid ġdid f'tama ħajja bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet" (ara I Piet 1, 3)[8].

7. Id-dmir tal-qdusija tal-Ħadd, speċjalment bit-tisħib fl-Ewkaristija, u b'mistrieħ bi spirtu ta' ferħ u fraternità nisranija, nifmuh malajr jekk inqisu l-aspetti kollha ta' dan il-jum, aspetti li fuqhom din l-Ittra trid tkellimna.

Il-Ħadd hu jum li għandu postu fil-qofol tal-ħajja nisranija. Mill-bidu tal-Pontifikat tiegħi, qatt ma waqaft intenni: "Tibżgħux! Iftħu beraħ il-bibien lil Kristu"[9]. Hekk ukoll illum bil-qawwa kollha nħeġġeġ lil kulħadd biex jerġa' jsib il-Ħadd. **Tibżgħux tagħtu l-ħin tagħkom lil Kristu.** Iva, ejjew niftħu żmienna lil Kristu, biex jitfa' d-dawl tiegħu fuqu u jurih it-triq. Hu Dak li jaf x'inhu s-sigriet taż-żmien u s-sigriet ta' l-eternità, u jagħtina "il-jum tiegħu" bħala don ta' mħabba dejjem ġdid. L-għarfien ta' dan il-jum hu grazzja li għandna nitolbuha mhux biss biex ngħixu dak li titlob minna l-fidi, imma wkoll biex inkunu nistgħu nwieġbu bil-ħerqa kollha għat-tamiet l-aktar għoljin tal-bniedem. Iż-żmien mogħti lil Kristu, qatt ma hu żmien mitluf, imma żmien mirbuħ biex ir-relazzjonijiet kollha tagħna u l-istess ħajja tagħna jkunu dejjem aktar umani.

## Kap I

# Dies Domini

### Iċ-ċelebrazzjoni tal-ħidma tal-Ħallieq

*Kollox bih sar* (Ġw 1, 3)

8. Għan-nisrani, il-Ħadd hu qabel kollox ċelebrazzjoni ta' l-Għid, kollha kemm hi mdawla bid-dija ta' Kristu rxoxt. Hi l-festa tal-"ħolqien ġdid". Iżda jekk nifhmuh sewwa, dan l-aspett ma nistgħux nifirduh mill-ewwel paġni ta' l-Iskrittura li jgħidulna x'kien il-pjan ta' Alla għall-ħolqien tad-

dinja. Veru li l-Verb ta' Alla sar bniedem "fil-milja taż-żminijiet" (Gal 4, 4), imma hu veru wkoll li, minħabba l-misteru ta' l-Iben etern tal-Missier, hu l-bidu u l-għan tal-ħolqien kollu. "Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru" (1, 3). Dan jgħidu San Pawl ukoll fl-Ittra lill-Kolossin "fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx... kollox bih u għalih kien maħluq" (Kol 1, 16). Din il-preżenza attiva ta' l-Iben fil-ħidma tal-ħolqien ta' Alla tidher fis-sħuħija kollha tagħna fil-misteru ta' l-Għid, meta Kristu, imqajjem tassew, "l-ewwel frott fost dawk li raqdu" (I Kor 15, 20), waqqaf il-ħolqien ġdid u beda dak il-proċess li hu stess għad itemm meta jerġa' jiġi "biex jerħi s-saltna f'idejn il-Missier... sabiex Alla jkun kollox f'kollox" (I Kor 15, 24.28).

Sa mis-sebħ tal-ħolqien il-pjan ta' Alla kien jitlob 'il-missjoni kosmika" ta' Kristu. L-aspett Kristoċentriku, li jħaddan iż-żmien kollu kemm hu, deher li għoġob lil Alla, meta Dan, wara li temm l-opra tal-ħolqien "bierek is-seba' jum u qaddsu" (Ġen 2, 3). Skond is-saċerdot kittieb ta' din l-ewwel ġrajja bibblika tal-ħolqien, twieled is-"Sibt", li ta lill-ewwel Patt il-karattru tiegħu, u b'xi mod ħabbar il-jum qaddis tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem. Il-"mistrieħ ta' Alla" (ara Gen 2, 2) u l-mistrieħ li Alla offra lill-poplu ta' l-Esodu meta wasal fl-Art imwegħda (ara Es 13, 15; Dewt 3, 20; 12. 9; Goz. 21, 44; Salm 95, 11), jinqara fit-Testment il-Ġdid f'dawl ġdid, dak tal-"mistrieħ tas-Sibt" (Lhud 4, 9) definittiv, li fih Kristu nnifsu daħal bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Il-poplu ta' Alla hu msejjaħ biex jidħol f'dan il-mistrieħ billi jibqa' dejjem miexi fuq l-eżempju ta' Kristu fl-ubbidjenza lejn il-Missier (ara Lhud 4, 3-16). Mela jekk irridu nifhmu sewwa x'ifisser il-Ħadd, irridu nerġgħu naqraw l-istorja kbira tal-ħolqien u nifhmu aktar fil-fond it-teoloġija tas-Sibt.

## *Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art* (Ġen 1, 1)

9. L-istil poetiku tal-ġrajja tal-Ġenesi juri sewwa l-għaġeb tal-poplu quddiem l-immensità tal-ħolqien u s-sens ta' adorazzjoni li joħroġ minn dan l-istagħġib għal Dak li ħalaq dan kollu mix-xejn. Hi ġrajja ta' tifsir reliġjuż tassew kbir, ġrajja li ma tieqaf qatt turi li l-Ħallieq ta' l-Univers hu biss il-Mulej, kontra kull tendenza li ma tonqos qatt li tagħmel alla l-istess dinja. Fl-istess waqt, hi wkoll innu għat-tjieba tal-ħolqien, kollu kemm hu mfassal mill-id setgħana u ħanina ta' Alla.

"Alla ra li kien tajjeb" (Ġen 1, 10.12...) Din is-sentenza mtennija tul il-ġrajja kollha, titfa' dawl hieni **fuq kull element ta' l-univers** u tħalli ż-żmien stess jurina s-sigriet biex nifhmu d-dinja u nġedduha: id-dinja hi

tajba sakemm tibqa' marbuta mal-bidu tagħha u, wara li tħassret mid-dnub, mill-ġdid saret tajba, meta, bl-għajnuna tal-grazzja, reġgħet lura għand Dak li ħalaqha. Hi ħaġa ċara li dan il-proċess direttament ma jolqotx lil ebda ħaġa bla ħajja u lill-annimali, imma biss il-bnedmin li ġew mogħtija d-don ta' siwi bla qjies, u ta' riskju wkoll: il-libertà. Immedjatament wara l-ġrajjet tal-ħolqien l-Iskrittura turi x'kuntrast drammatiku hemm bejn il-kobor tal-bniedem, maħluq fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla, u l-waqgħa tal-bniedem li wasslet lid-dinja d-dlamijiet tad-dnub u tal-mewt (ara Ġen 3).

10. L-univers, għax magħmul minn id Alla, għandu fih is-sinjal tal-kobor ta' Alla. Hu dinja ta' ġmiel liema bħalu, li jġiegħelna nistgħaġbu u nifirħu, iżda wkoll jistedinna naħdmuh u niżviluppawh. Meta Alla "temm" il-ħidma tiegħu, id-dinja kienet imħejjija għall-ħidma tal-bniedem. "Fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel" (Gen 2, 2). B'din id-dehra antropomorfika tax-"xogħol" ta' Alla, l-Iskrittura mhux biss tagħtina ħjiel tar-relazzjoni misterjuża bejn il-Ħallieq u d-dinja maħluqa, imma wkoll iddawlilna l-ħidma tagħna l-bnedmin f'relazzjoni ma' l-univers. Ix-"xogħol" ta' Alla b'xi mod hu eżempju għall-bniedem, imsejjaħ mhux biss biex jgħix fl-univers, imma wkoll biex jibnih, u hekk isir "sieħeb fix-xogħol" ma' Alla. Kif ktibt fl-enċiklika *Laborem exercens* l-ewwel kapitli tal-Ktieb tal-Ġenesi huma b'xi mod l-ewwel Evanġelju tax-xogħol[10]. Din hi verità li l-Konċilju Vatikan II insista ħafna fuqha. "Maħluq xbieha ta' Alla, il-bniedem ġie mqabbad jaħkem fuq l-art u kull ma fiha, imexxi d-dinja bil-ġustizzja u l-qdusija, u, huwa u jagħraf lil Alla bħala l-Ħallieq ta' kollox, iqis lilu nnifsu u kull ħaġa f'relazzjoni ma' Alla, sabiex l-isem ta' Alla jkun imsebbaħ fuq l-art għaliex kollox hu sottomess għalih".[11]

Il-progress tassew ta' l-għaġeb fix-xjenza, fit-teknoloġija u fil-kultura fis-suriet kollha tagħhom – żvilupp tassew ta' l-għaġeb dejjem aktar sejjer 'il quddiem b'għaġeb liema bħalu – hu l-konsegwenza storika tal-missjoni li Alla ried jafda lill-bniedem: il-ħidma u r-responsabbiltà li jimla d-dinja u jaħkimha bil-ħidma tiegħu, fil-ħarsien tal-liġi ta' Alla.

## *"Shabbat", il-mistrieħ ferrieħi tal-Ħallieq*

11. Jekk l-ewwel paġni tal-Ktieb tal-Ġenesi juruna x-"xogħol" ta' Alla bħala eżempju għall-bniedem, dan hu veru wkoll għall-"mistrieħ" ta' Alla... "Fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel" (Ġen 2, 2). Hawn ukoll għandna antropomorfiżmu mimli b'għana ta' tifsir.

Hi fehma fiergħa li l-"mistrieħ" ta' Alla kien xi sura ta' nuqqas ta' attività min-naħa ta' Alla. Min-natura tagħha stess, il-ħidma kreattiva ta' Alla, li biha nħolqot id-dinja, ma tieqaf qatt, u Alla dejjem jaħdem, kif qal Ġesù meta tkellem dwar il-kmandament tas-Sibt: "Missieri għadu jaħdem sa issa, mela naħdem jien ukoll" (Ġw 5.17). Il-mistrieħ ta' Alla fis-seba' jum ma jgħidx li fis-seba' jum Alla ma għamel xejn, imma juri bil-qawwa kollha l-milja ta' dak kollu li sar. Qisu kliem bħal li kieku Alla waqaf jikkontempla x-xogħol "tajjeb ħafna" li għamel (Ġen 1, 31), ix-xogħol li għamlu jdejh, biex fuqu jitfa' ħarsa **kollha hena.** Hi ħarsa "kontemplattiva" li mhux qed tħares lejn xogħlijiet ġodda imma qed tithenna b'dak li ġa sar. Hi l-ħarsa li Alla għandu fuq kollox, iżda b'mod speċjali fuq il-bniedem, il-qofol tal-ħolqien. Hi ħarsa li ġa qed turi xi ħaġa mis-sura ta' għerusija li Alla jrid ikollu mal-kreaturi maħluqa xbieha tiegħu, bis-sejħa li jagħmel lil din il-kreatura għall-patt ta' mħabba miegħu. Dan hu dak li Alla għad jagħmel bil-mod il-mod, bl-offerta tas-salvazzjoni lill-ġens kollu tal-bnedmin permezz tal-patt salvifiku magħmul ma' Iżrael u mitmum fi Kristu. Ikun il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, bid-don eskatoloġiku ta' l-Ispirtu s-Santu u bid-dehra tal-Knisja bħala l-Ġisem tiegħu u l-Għarusa tiegħu, li jwassal lill-ġens kollu tal-bnedmin id-don tal-ħniena u s-sejħa għall-imħabba tal-Missier.

12. Fil-pjan ta' Alla l-Ħallieq hemm kemm għażla u kemm rabta bejn l-ordni tal-ħolqien u l-ordni tas-salvazzjoni. Dan jurih sewwa t-Testment il-Qadim, meta jorbot il-preċett tas-**shabbat** mhux biss mal-mistrieħ misterjuż ta' Alla wara l-jiem tal-ħolqien (ara Es 20, 8-11) imma wkoll mas-salvazzjoni li joffri lil Iżrael mill-**ħelsien mill-jasar ta' l-Eġittu** (ara Dewt 5, 12-15). Alla, li jistrieħ fis-seba' jum, u jifraħ bil-ħolqien, hu l-istess Alla li juri l-glorja tiegħu bil-ħelsien ta' wliedu mill-moħqrija tal-Fargħun. Nistgħu ngħidu, aħna u nużaw xebh għażiż għall-Profeti, li Alla kemm fil-ħolqien u kemm fil-ħelsien ta' Iżrael **juri ruħu bħala Għarus quddiem għarustu** (ara Hos 2, 16-24; Ġer 2, 2; Is 54, 4-8).

Kif jissuġġerulna[12] xi elementi tat-tradizzjoni Lhudija, biex naslu fil-qofol tas-**shabbat** tal-mistrieħ ta' Alla rridu ngħarfu l-qawwa kollha ta' l-għerusija li tfisser ir-relazzjoni ta' Alla mal-poplu tiegħu kemm fit-Testment il-Qadim u kemm fit-Testment il-Ġdid. Hosegħa, biex insemmu eżempju, dan ifissru f'din is-silta tassew ta' l-għaġeb. "F'dak il-jum nagħmel patt għalihom mal-bhejjem tar-raba' u mat-tjur ta' l-ajru, ma' l-annimali li jitkaxkru ma' l-art, u nkisser minn fuq l-art il-qaws, ix-xabla u l-gwerra; kulħadd jorqod moħħu mistrieħ. Għal dejjem ngħarsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena, b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi u int tagħraf il-Mulej" (2, 20-22).

## *Bierek Alla s-seba' jum u qaddsu* (Ġen 2, 3)

13. Il-preċett tas-Sibt li fl-ewwel Patt iħejji għall-Ħadd tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem, għandu għalhekk l-għeruq tiegħu fil-fond tal-pjan ta' Alla. Hu għalhekk li, kontra ħafna preċetti oħra, mhux wieħed mill-ħafna direttivi dwar il-kult, imma hu parti mid-Dekalogu, mill-"għaxar kelmiet", il-pedamenti tal-ħajja morali miktuba fil-qalb ta' kull bniedem. Il-fatt li dan il-preċett hu parti mill-istruttura bażika ta' l-etika, wassal lil Iżrael, u mbagħad lill-Knisja, biex iqisuh mhux biss sempliċiment bħala dixxiplina reliġjuża komunitarja, imma **bħala espressjoni li ma titħassar qatt tar-relazzjoni tagħna ma' Alla, imħabbra u** mxandra mit-tradizzjoni bibblika. Hu f'dan id-dawl li l-insara llum iridu jerġgħu jsibu dan il-preċett. Għalkemm jista' jingħaqad b'mod naturali mal-ħtieġa tal-mistrieħ għall-bniedem, hi l-fidi biss li twassal il-bniedem biex jagħraf it-tifsir għoli tiegħu u jara li ma jsirx xi ħaġa fiergħa u ta' ftit kont.

14. Għalhekk il-Ħadd hu l-ewwelnett jum ta' mistrieħ għaliex hu jum "imbierek" minn Alla, u "mqaddes" minnu, u magħżul mill-ġranet l-oħra biex ikun fosthom "jum il-Mulej".

Biex nifhmu sewwa x'ried ifisser l-ewwel rakkont bibbliku tal-ħolqien meta jgħid li għandna "nqaddsu" is-Sibt, irridu nqisu l-ġrajja kollha li b'mod l-aktar ċar turina kif kull realtà, bla ebda eċċezzjoni, għandha *relazzjoni ma' Alla.* Iż-żmien u l-ispazju huma ta' Alla. M'huwiex Alla ta' jum wieħed biss, imma hu Alla tal-jiem kollha ta' l-umanità.

Meta ngħidu li Alla "jqaddes" is-seba' jum b'barka speċjali u jagħmlu "l-jum tiegħu" kollu kemm hu, dan għandna nifhmuh fid-dawl tad-dinamiżmu tad-djalogu tal-Patt, anzi tad-djalogu ta' l-"Għerusija". Dan hu dak id-djalogu li ma jafx b'waqfien, u li ma hu qatt dejjem l-istess, għax juża ħafna "reġistri" ta' mħabba, minn dawk ordinarji u indiretti sa dawk kollhom ħeġġa, li l-kliem ta' l-Iskrittura u x-xhieda ta' ħafna mistiċi ma jibżgħux ifissruhom bi xbihat meħudin mill-esperjenza ta' l-imħabba tal-miżżewġin.

15. Il-ħajja kollha tal-bniedem, u għalhekk il-ħin kollu tal-bniedem irid ikun innu ta' tifħir lill-Ħallieq, innu ta' radd il-ħajr lilu. Iżda r-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla titlob ukoll **żmien ta' talb espliċitu,** żmien li fih ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla ssir djalogu kollu ħeġġa, li jimpenja kull dimensjoni tal-persuna tal-bniedem. "Jum il-Mulej" hu b'mod speċjali l-jum għal din ir-relazzjoni, hu l-jum li fih l-irġiel u n-nisa kollha jgħannu lil Alla u leħenhom ikun leħen il-ħolqien kollu.

Hu proprju għalhekk li dan il-jum hu wkoll **il-jum tal-mistrieħ**. Hu jum

li jitkellem b'mod tassew ħaj dwar "tiġdid" u "waqfien" mir-ritmu spiss tassew iebes tax-xogħol ta' kuljum: b'hekk juri kemm il-bniedem u l-univers kollu jiddependu minn Alla. **Kollox hu ta' Alla.** Jum il-Mulej jiġi u jerġa' jiġi regolarment biex iħabbar dan il-prinċipju fit-tqassim taż-żmien f'ġimgħat. Is-Sibt għalhekk ġie mfisser u mfakkar bħala element determinanti ta' dik "l-arkitettura mqaddsa" taż-żmien, li turina r-rivelazzjoni bibblika.[13] Ifakkarna li l-**univers u l-istorja huma ta' Alla,** u jekk il-bniedem ma jintebaħx kontinwament b'din il-verità ma jkunx jista' jgħix fid-dinja bħala msieħeb mal-Ħallieq fix-xogħol.

## *"Tiftakar" biex "tqaddes"*

16. Il-kmandament tad-Dekalogu li bih Alla ordna l-ħarsien tas-Sibt insibuh fil-Ktieb ta' l-Esodu b'mod tassew ċar: "Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu" (Es 20, 8). Il-ktieb ispirat imbagħad ikompli jgħid li jum is-Sibt għandu jkun imħares għax ifakkar fix-xogħol ta' Alla. "Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art, il-baħar u kull ma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu" (Es 20,11). Qabel jgħidilna x'għandu jsir, il-kmandament jgħidilna bil-ħeġġa kollha li hemm xi ħaġa li **trid tiġi mfakkra.** Hi sejħa biex niftakru fl-opra kbira u fundamentali ta' Alla li hi l-ħolqien, tifkira li għandha tispira l-ħajja reliġjuża kollha tal-bniedem sal-jum li fih il-bniedem hu msejjaħ biex **jistrieħ.** Il-mistrieħ għalhekk jikseb valur reliġjuż: l-insara huma msejħin mhux biss biex jistrieħu **kif** Alla strieħ, imma wkoll biex jistrieħu fil-Mulej, huma u jwasslu l-ħolqien kollu b'tifħir u radd il-ħajr lil Alla, f'intimità bħal dik ta' tifel żgħir u fi ħbiberija ta' għerusija.

17.Ir-rabta bejn il-mistrieħ tas-Sibt u "tifkira" ta' l-għeġubijiet ta' Alla jinsabu fil-Ktieb tad-Dewteronomju (5, 12-15), fejn il-preċett hu inqas marbut mal-ħidma tal-ħolqien u aktar max-xogħol tal-ħelsien li għamel Alla fl-Esodu. "Ftakar li int kont ilsir fl-art ta' l-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħek, ħarġek minn hemm b'id qawwija u driegħ merfugħ, għalhekk Alla tiegħek ordnalek li tħares jum is-Sibt" (Dewt 5, 15).

Dan il-kliem għandna nqisuh bħala qiegħed ikompli l-kliem li rajna qabel: u meħudin flimkien iż-żewġ siltiet ta' kliem juruna x'inhu t-tifsir ta' "Jum il-Mulej" f'dehra teoloġika waħda li tgħaqqad flimkien il-ħolqien u s-salvazzjoni.

Għalhekk il-ħsieb ewlieni tal-preċett mhuwiex biss sempliċi **waqfien** mix-xogħol, imma fuq kollox **ċelebrazzjoni** ta' l-għeġubijiet li Alla għamel. Sakemm din it-"tifkira" tibqa' tifkira ħajja, **kollha radd il-ħajr u tifħir ta' Alla,** il-mistrieħ tal-bniedem f'jum il-Mulej jikseb tifsir sħiħ. Hu hawn li

l-bniedem jidħol fil-fond tal-"mistrieħ" ta' Alla, u jkollu xi ħjiel tal-ferħ tal-Ħallieq li wara l-ħolqien ra li kull ma kien għamel kien sewwa ħafna (Ġen 1, 3).

## *Mis-Sibt sal-Ħadd*

18. Għaliex it-tielet kmandament jiddependi mit-tifkira ta' l-għeġubijiet ta' Alla għas-salvazzjoni tad-dinja, u għaliex l-insara fehmu x'kien iż-żmien ġdid definittiv li Kristu tah bidu ġdid, l-ewwel jum ta' wara s-Sibt sar jum ta' festa, għax kien il-jum li fih il-Mulej qam mill-imwiet. Il-misteru ta' l-Għid ta' Kristu hu rivelazzjoni sħiħa tal-misteru tal-bidu tad-dinja, il-milja tal-ġrajja tas-salvazzjoni, u l-antiċipazzjoni tat-tmiem eskatoloġiku tad-dinja.

Dak li Alla għamel fil-ħolqien u dak li għamel għall-poplu tiegħu fl-Esodu kellu l-espressjoni sħiħa tiegħu fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu, għalkemm it-tmiem definittiv tiegħu ma jseħħx qabel il-**Parousia** meta Kristu jerġa' jiġi fil-glorja. Fih it-tifsira "spiritwali" tas-Sibt isseħħ fil-milja kollha tagħha, kif jikteb San Girgor il-Kbir: "Għalina s-Sibt tassew hu l-persuna tal-Feddej tagħna, Sidna Ġesù Kristu".[14] Din hi r-raġuni għaliex il-ferħ li bih Alla kkontempla fl-ewwel Sibt ta' l-umanità, kulma ġie maħluq mix-xejn, issa jfisser il-ferħ li ġab Kristu f'Ħadd il-Għid meta deher fost id-dixxipli u waslilhom id-don tal-paċi u d-don ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Ġw 20, 19-23). Kien fil-misteru ta' l-Għid li l-umanità, flimkien mal-ħolqien kollu, li "għadu s'issa jitniehed fl-uġiegħ tal-ħlas" (Rum 8, 22), waslet biex tagħraf l-"esodu" l-ġdid li wassalha għall-ħelsien ta' wlied Alla, li flimkien ma' Kristu jistgħu jgħidu; "Abba Missier" (Rum 8, 15; Gal 4, 6). Fid-dawl ta' dan il-misteru, it-tifsir tal-preċett tat-Testment il-Qadim dwar Jum il-Mulej jinstab, perfezzjonat u rivelat fil-milja kollha tiegħu, fil-glorja li tiddi f'wiċċ Kristu rxoxt (ara 2Kor 4, 6). Nitilqu mis-Sibt u naslu "fl-ewwel jum wara s-Sibt", mis-seba' jum sa l-ewwel jum: id-**Dies Domini** ssir id-**Dies Christi.**

## Kap II

# Dies Christi

## Jum Kristu rxoxt u d-don ta' l-Ispirtu s-Santu

### *L-Għid ta' kull ġimgħa*

19. "Niċċelebraw il-Ħadd minħabba l-qawmien kollu ġieħ tal-Mulej Ġesù Kristu mill-imwiet, u dan nagħmluh mhux biss fi żmien il-Għid imma fil-bidu ta' kull ġimgħa"[15], kiteb il-Papa Innocenz I fil-bidu tas-seklu ħamsa, u hekk wera li din kienet drawwa li kienet ilha teżisti u kienet żviluppat mill-ewwel snin wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, San Bażilju jitkellem dwar il-"Ħadd qaddis" mogħti ġieħ bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, l-ewwel frott tal-jiem l-oħra kollha"[16], u Santu Wistin isejjaħ il-Ħadd bħala "sagrament ta' l-Għid"[17].

Ir-rabta intima bejn il-Ħadd u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, tidher bil-qawwa kollha tagħha fil-Knejjes kollha tal-lvant u tal-punent. B'mod partikolari fit-tradizzjoni tal-Knejjes tal-lvant kull Ħadd hu **anastasimos hemera** (jum il-qawmien mill-imwiet)[18], hu għalhekk li l-Ħadd hu fil-qalba tal-qima ta' Alla.

Fid-dawl ta' din it-tradizzjoni li qatt ma tbiddlet u hi mxerrda ma' kullimkien, hi ħaġa ċerta li Jum il-Mulej, għalkemm għandu l-għeruq tiegħu fil-ħidma stess tal-ħolqien, u wisq aktar fil-misteru tal-"mistrieħ" bibbliku ta' Alla, jitlob dejjem li nħarsu lejn il-qawmien mill-imwiet tal-Mulej, jekk irridu nifhmu sewwa x'inhu. Dan hu li jiġri fil-Ħadd nisrani li kull ġimgħa jwassal lill-insara biex jimmeditaw u jgħixu l-ġrajja ta' l-Għid, il-veru bidu tas-salvazzjoni tad-dinja.

20. Skond ix-xhieda ta' l-Evanġelji kollha, il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet seħħ "fl-ewwel jum wara s-Sibt" (Mk 16, 2.5; Lq 24, 1; Ġw 20, 1). Dakinhar stess Ġesù deher liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws (ara Lq 24, 13-35) u lit-tnax-il Appostlu miġburin flimkien (ara Lq 24, 36; Ġw 20, 19). Ġimgħa wara – kif jirrakkontalna l-Evanġelju ta' San Ġwann (ara 20, 26) – id-dixxipli reġgħu kienu jinsabu miġburin flimkien meta Ġesù reġa' dehrilhom u wera lilu nnifsu lil Tumas, billi wrieh il-marki tal-passjoni. Jum Għid il-Ħamsin – l-ewwel jum tat-tmien ġimgħa wara l-Għid tal-

Lhud (ara Atti 2, 1), meta l-wegħda magħmulha minn Ġesù lid-dixxipli wara l-qawmien mill-imwiet seħħet bil-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Lq 24, 49; Atti 1, 4-5) kien ukoll jum il-Ħadd. Dan kien il-jum ta' l-ewwel tħabbira u ta' l-ewwel magħmudijiet. Pietru ħabbar lill-folla li nġemgħet li Kristu kien irxoxta u "dawk li laqgħu kliemu tgħammdu" (Atti 2,1). Din kienet l-epifanija tal-Knisja li dehret bħala l-poplu li fih jingħaqdu flimkien, minkejja d-differenzi kollha tagħhom, l-ulied ta' Alla li kienu xterdu.

## *L-ewwel jum tal-ġimgħa*

21. Hu għalhekk li sa minn żmien l-Appostli, "l-ewwel jum ta' wara s-Sibt", l-ewwel jum tal-ġimgħa, beda imexxi r-ritmu tal-ħajja tad-dixxipli tal-Mulej (ara IKor 16, 2). "L-ewwel jum wara s-Sibt" kien ukoll il-jum li fih il-fidili ta' Troas kienu miġburin flimkien għall-"qsim tal-ħobż", meta San Pawl selmilhom qabel tbiegħed minnhom, u b'miraklu ta l-ħajja mill-ġdid liż-żagħżugħ Ewtike (Atti 20, 7-12). Il-Ktieb ta' l-Apokalissi hu xhieda tad-drawwa li ssejjaħ l-ewwel jum tal-ġimgħa Jum il-Mulej (1,10). Din issa kienet il-karatteristika li tagħżel lill-insara mid-dinja madwarhom. Sa mill-bidu tat-tieni mitt sena, Plinju ż-Żgħir, gvernatur tal-Bitinja, fir-rapport tiegħu jinnota li l-insara kellhom id-drawwa li f'jum wieħed, qabel ma jisbaħ, jinġabru flimkien biex ikantaw innu lil Kristu, bħallikieku kien Alla.[19] U meta l-insara kienu jitkellmu fuq "Jum il-Mulej", dan kienu jagħmluh huma u jagħtu tifsir sħiħ lit-tħabbira ta' l-Għid: "Ġesù Kristu hu l-Mulej" (Fil 2, 11; ara Atti 2, 36; IKor 12, 3). B'hekk lil Kristu ngħata l-istess titolu li bih is-Sebgħin kienu jagħtu lil Dak li fir-rivelazzjoni tat-Testment il-Qadim kien imfiser bil-kelma YHWH, li qatt ma kien permess li tiġi mtennija.

22. F'dawk l-ewwel żminijiet insara, it-tqassim tal-ġranet f'ġimgħa ma kienx parti mill-ħajja tal-pajjiżi fejn tħabbar l-Evanġelju, u l-jiem ta' festa tal-Griegi u tar-Rumani ma kinux jaħbtu mal-Ħadd nisrani. Kienet għalhekk ħaġa diffiċli ħafna għall-insara li jħarsu Jum il-Mulej f'jum determinat tal-ġimgħa. Hu għalhekk li l-insara kienu jiltaqgħu qabel jisbaħ.[20] Iżda t-tqassim tal-ġranet f'ġimgħat kellu jidħol għax mibni fuq it-Testment il-Ġdid, u marbut mar-rivelazzjoni tat-Testment il-Qadim. Fuq dan kienu jinsistu sewwa l-Apoloġisti u Missirijiet il-Knisja fil-kitba u l-predikazzjoni tagħhom. Huma u jitkellmu fuq il-misteru ta' l-Għid, kienu jagħmlu użu mill-istess siltiet ta' l-Iskrittura li, skond ix-xhieda ta' San Luqa (ara 24, 27; 44, 47), Kristu nnifsu kien fisser lid-dixxipli. Fid-dawl ta' dawn is-

siltiet, iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum il-Qawmien mill-imwiet kisbet valur dottrinali u simboliku, kapaċi jfisser il-misteru nisrani kollu kemm hu bħala ħaġa tassew ġdida.

## *L-għażla bil-mod il-mod tal-Ħadd mis-Sibt*

23. Hu dan it-tiġdid li l-katekeżi ta' l-ewwel żminijiet kisbet bħala l-ħaġa l-aktar importanti tul l-ewwel mijiet ta' snin, hija u tipprova turi kemm kien aqwa mis-Sibt Lhudi l-Ħadd nisrani. Kien is-Sibt, il-jum li fih il-Lhud kienu jinġabru fis-sinagogi u kienu jistrieħu skond kif kienet tordnalhom il-Liġi. L-Appostli, u San Pawl b'mod partikolari, għall-ewwel kienu jingħaqdu mal-ġemgħa fis-sinagoga, biex hemm ikunu jistgħu jħabbru 'l Kristu, huma u jfissru "kliem il-Profeti li jinqara kull nhar ta' Sibt" (Atti 13, 27); xi komunitajiet insara baqgħu jħarsu s-Sibt, waqt li kienu jiċċelebraw ukoll il-Ħadd. Iżda ż-żewġ ġranet ma damux ma jintgħażlu minn xulxin b'mod aktar ċar, l-aktar bħala reazzjoni għal dawk l-insara li għax kienu Lhud kienu mħajrin ukoll li jżommu l-preċett tas-Sibt. San Injazju ta' Antjokja jikteb. "Jekk dawk li kienu jgħixu skond il-qagħda ta' qabel, issa waslu għal tama ġdida, u mhux iħarsu aktar is-Sibt imma qed jiċċelebraw Jum il-Mulej, il-jum li fih ħajjitna ġġedded bih u bil-mewt tiegħu... dak il-misteru li minnu ksibna l-fidi tagħna u fiha nżommu sħiħ biex nitqiesu bħala dixxipli ta' Kristu, l-Imgħallem wieħed tagħna, kif nistgħu ngħixu mingħajru meta l-profeti wkoll, dixxipli tiegħu fl-Ispirtu, stennewh bhala l-imgħallem?"[21] Santu Wistin min-naħa tiegħu jgħid "Mela l-Mulej innifsu qiegħed is-siġill fuq il-jum tiegħu, li hu t-tielet jum wara jum il-passjoni. Iżda fil-mixja tal-ġimgħat hu t-tmien jum wara s-seba', jiġifieri wara s-Sibt, u l-ewwel jum tal-ġimgħa".[22] L-għażla tal-Ħadd, mis-Sibt Lhudi, issaħħet aktar fil-ħsieb tal-Knisja, għalkemm kien hemm xi żminijiet fl-istorja, meta minħabba l-emfasi li kien hemm dwari l-mistrieħ tal-Ħadd, Jum il-Mulej sar aktar jixbah is-Sibt Lhudi. Kien hemm ukoll gruppi ta' nsara li kienu jħarsu kemm is-Sibt u kemm il-Ħadd, li kienu jqisuhom "jiem aħwa".[23]

## *Jum il-ħolqien ġdid*

Paragun bejn il-Ħadd nisrani u d-dehra tas-Sibt skond it-Testment il-Qadim, wassal għall-fehmiet teoloġiċi ta' interess kbir. B'mod partikolari, dehret ir-rabta waħdanija bejn il-Qawmien u l-Ħolqien. Il-ħsieb nisrani minnufih rabat il-Qawmien mill-imwiet, li seħħ "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" ma' l-ewwel jum tal-ġimgħa kosmika (ara Ġen 1, 1-

2, 4) li jagħti bidu għall-ġrajja tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi: jum il-ħolqien tad-dawl (Ġen 1, 3-5). Din ir-rabta wasslet għall-fehma tal-Qawmien mill-imwiet bħala ħolqien ġdid, li tiegħu l-ewwel frott hu Kristu fil-glorja, "il-kbir fost il-ħlejjaq kollha" (Kol 1, 15), "il-kbir li qam mill-imwiet' (Kol 1, 18).

25. Fil-fatt, il-Ħadd hu l-jum fuq il-jiem l-oħra kollha, li jistieden l-insara biex jiftakru fis-salvazzjoni li ġiet mogħtija lilhom fil-magħmudija, u li biha ġġeddu fi Kristu. "Indfintu ma' Kristu fil-magħmudija u fil-magħmudija rxuxtajtu miegħu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet" (Kol 2, 12; ara Rum 6, 4-6). Il-liturġija turi l-importanza tad-dimensjoni batteżimali tal-Ħadd, kemm bis-sejħa għaċ-ċelebrazzjoni tal-magħmudija nhar ta' Ħadd, u wkoll fil-Vġili ta' l-Għid – f'dak il-jum tal-ġimgħa li fih il-Knisja tfakkar il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet[24] – u kemm bis-suġġeriment ta' rit penitenzjali adatt, fil-bidu tal-Quddiesa, bit-traxxix ta' l-ilma mbierek b'tifkira tal-magħmudija, li biha tibda kull ħajja nisranija.[25]

## *It-tmien jum xbieha ta' l-eternità*

26. Barra dan, il-qagħda tas-Sibt, bħala s-seba' jum tal-ġimgħa, tat lill-Jum il-Mulej simboliżmu komplimentari, li kien tant għall-qalb ta' Missirijiet il-Knisja. Il-Ħadd m'huwiex biss l-ewwel jum, imma hu wkoll it-"tmien jum", li jinsab matul is-sebat ijiem tal-ġimgħa f'qagħda unika u traxxendenti, li tfakkar mhux biss il-bidu taż-żmien imma wkoll it-tmiem tiegħu, iż-"żmien li għad irid jiġi". San Bażilju jikteb li l-Ħadd hu simbolu ta' dak il-jum singulari, li għad jiġi wara dan iż-żmien, il-jum bla tmiem li ma jkunx jaf la lejl u lanqas nhar, iż-żmien li ma jintemm qatt u lanqas jixjieħ. Il-Ħadd hu t-tħabbira dejjem sejra tal-ħajja bla tmiem li ġġedded il-ħajja ta' l-insara u tħeġġiġhom tul ħajjithom.[26] Santu Wistin, huwa u jħares lejn l-aħħar jum li jtemm għal kollox is-simboliżmu eskatoloġiku tas-Sibt, jagħlaq l-**Istqarrijiet** tiegħu b'deskrizzjoni ta' l-**Eschaton** bħala sliem ta' mistrieħ, sliem tas-Sibt, sliem bla għaxija.[27] In-nisrani, huma u jiċċelebra l-Ħadd, bħala l-ewwel u bħala "t-tmien" jum hu mmexxi lejn il-għan tal-ħajja ta' dejjem.

## *Jum Kristu-Dawl*

27. Din il-viżjoni Kristoċentrika titfa' dawl fuq simboliżmu ieħor li l-ħsieb nisrani u l-prattika pastorali jorbtu ma' Jum il-Mulej. Ħsieb pastorali għaqli wassal lill-Knisja biex tagħmel nisrani l-ħsieb tal-Ħadd bħala "jum ix-xemx": hekk kienu jsejħu r-Rumani dan il-jum u hekk għadu jissejjaħ

f'xi ilsna ta' llum.[28] Dan sar biex l-insara jitwarrbu mill-ħajriet ta' kulti li kienu jqimu x-xemx, u jiddedikaw iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum għal Kristu, ix-"xemx" tassew ta' l-umanità. San Ġustinu, huwa u jikteb lill-pagani, jitkellem kif kienu jitkellmu n-nies ta' żmienu u jgħid li l-insara jinġabru flimkien "fil-jum imsejjaħ għax-xemx"[30]; iżda għal dawk li kienu jemmnu din l-espressjoni kienet ġa ħadet tifsir ieħor, b'għeruqha fl-Evanġelju[31]. "Kristu hu d-dawl tad-dinja" (ara Ġw 9,5 u wkoll 1,4-5.9) u skond it-tqassim taż-żmien f'ġimgħat, il-jum tal-qawmien mill-imwiet hu riflessjoni dejjem sejra fuq l-epifanija tal-glorja tiegħu. Il-ħsieb li l-Ħadd hu l-jum imdawwal bir-rebħa ta' Kristu rxoxt, insibuh ukoll fil-Liturġija tas-Sigħat[32] u jingħata importanza speċjali fil-*Panichida*, il-vġili li fil-liturġija tal-Lvant tħejji ċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd. Minn ġenerazzjoni għall-oħra, il-Knisja, hija u tinġabar f'dan il-jum, tagħmel tagħha l-istgħaġib ta' Żakkarija huwa u jħares lejn Kristu u jarah bħala sebħ "li jdawwal lil dawk li jinsabu fid-dlamijiet u fid-dell tal-mewt" (Lq 1, 78-79), u ttenni l-ferħ ta' Xmun meta ħa fuq durgħajh it-tarbija Ġesù u għarfu bħala Dak li hu "dawl li jdawwal il-ġnus" (Lq 2, 32).

## *Jum id-don ta' l-Ispirtu*

Il-Ħadd hu jum id-dawl, imma jista' jkun ukoll jum in-"nar" b'relazzjoni ma' l-Ispirtu. Id-dawl ta' Kristu għandu rabta intima man-"nar" ta' l-Ispirtu, u ż-żewġ xbihat juru xi jfisser il-Ħadd nisrani[33]. Meta Ġesù deher lill-Appostli l-Ħadd filgħaxija f'jum il-Għid, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma" (Ġw 20, 22-23). Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu kien l-aqwa don li Kristu rxoxt ta lid-dixxipli tiegħu nhar Ħadd il-Għid.

U kien jum il-Ħadd ukoll meta, ħamsin jum wara l-qawmien mill-imwiet, l-Ispirtu s-Santu niżel bħala "riħ qawwi" u "nar" (Att 2, 2-3), fuq l-Appostli, miġburin flimkien ma' Marija. Għid il-Ħamsin m'huwiex biss il-jum li fih twaqqfet il-Knisja, imma hu wkoll il-misteru li dejjem jagħti ħajja lill-Knisja.[34] Din il-ġrajja wkoll għandha l-mument liturġiku qawwi tagħha fiċ-ċelebrazzjoni ta' kull sena li tagħlaq "il-Ħadd il-Kbir"[35], imma hi wkoll parti mit-tifsir għoli ta' kull Ħadd, għax għandha rabta intima mal-misteru ta' l-Għid. "L-Għid ta' kull ġimgħa" hekk isir b'xi mod l-"Għid il-Ħamsin ta' kull ġimgħa", meta l-insara jgħixu mill-ġdid il-laqgħa tagħhom ma' Kristu rxoxt u jirċievu mingħandu n-nifs li jagħti l-ħajja.

## *Jum il-fidi*

29. Dawn il-ħafna dimensjonijiet li jagħżlu l-Ħadd mill-bqija tal-jiem, jagħmluh l-ogħla jum tal-fidi. Hu l-jum li fih, bil-qawwa ta' l-Ispirtu, li hu t-"tifkira" ħajja tal-Knisja, (ara Ġw 14, 26), l-ewwel dehra ta' Kristu rxoxt isir fatt li jiġġedded fl-"illum" ta' kull dixxiplu tal-Mulej. Dawk kollha li jemmnu, miġburin flimkien quddiemu fil-ġemgħa tal-Ħadd, iħossu ruħhom imsejħin bħal San Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara jdejja, u ressaq idek u qiegħda fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, imma emmen" (Ġw 20, 27). Iva, il-Ħadd hu jum il-fidi. Dan jurih sewwa l-fatt li l-liturġija ewkaristika tal-Ħadd, bħal dik tas-solennitajiet kollha, għandha l-istqarrija tal-fidi. Kantat jew reċitat, il-Kredu juri l-karattru batteżimali ta' l-Għid u n-natura tiegħu ta' ċelebrazzjoni ta' l-Għid tal-Mulej, u hekk jagħmel il-Ħadd il-jum li fih l-imgħammdin kollha jġeddu r-rabta tagħhom ma' Kristu u ma' l-Evanġelju tiegħu, huma u jerġgħu jagħarfu b'mod ħaj tassew il-wegħdiet li għamlu fil-magħmudija tagħhom. L-imgħammdin, huma u jisimgħu l-Kelma u jitqarbnu bil-Ġisem tal-Mulej, jikkontemplaw lil Kristu rxoxt, preżenti taħt "ix-xbihat qaddisa", u jistqarru flimkien ma' San Tumas, u jgħidu: "Alla tiegħi u Mulej tiegħi" (Ġw 20, 28).

## *Jum li ma ngħaddux mingħajru*

30. Hi mela għalhekk ħaġa ċara li fi żminijietna wkoll, li huma żminijiet diffiċli ħafna, l-identità ta' jum il-Ħadd irridu nħarsuha u fuq kollox ngħixuha fil-qofol kollu tagħha. Kittieb mil-lvant fil-bidu tat-tielet seklu jgħidilna li ġa minn dak iż-żmien kullimkien kienet imħarsa regolarment il-qdusija ta' jum il-Ħadd.[36] Dak li l-insara bdewh minn rajhom bħala drawwa, biż-żmien sar regola ġuridika. Jum il-Mulej insibuh dejjem lill-istorja tal-Knisja tul elfejn sena: kif mela nistgħu naħsbu li dan mhux se jkompli jseħħ fil-ġejjieni? L-influwenzi ta' llum jistgħu jagħmlu aktar iebes il-ħarsien tal-Ħadd, u l-Knisja, bħala Omm li tħoss għal uliedha, tqis iċ-ċirkostanzi kollha ta' kull wieħed u waħda minn uliedha. B'mod partikolari tħoss li għandha mpenn kateketiku u pastorali ġdid, ħa tiżgura li, tul il-ħajja normali ta' wliedha, ħadd minnhom ma jkun imċaħħad mill-għana tal-grazzji li joħorġu miċ-ċelebrazzjoni ta' kull Ħadd. Hu b'dan l-ispirtu li l-Konċilju Vatikan II semma' l-possibiltà ta' tibdil fil-Kalendarju tal-Knisja biex ikun jaqbel ma' għadd ta' kalendarji ċivili oħra, waqt li stqarriet li lesta taċċetta biss dawk l-adattamenti li jħarsu ġimgħa ta' sebat ijiem li jkollha Ħadd.[37] Minħabba l-ħafna aspetti u tifsiriet tal-Ħadd, u r-rabta tiegħu ma' l-istess sisien tal-fidi, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd nisrani tibqa' fuq l-għatba tat-tielet elf sena element indispensabbli ta' l-identità nisranija tagħna.

## Kap III

# Dies Ecclesiae

## Iċ-Ċelebrazzjoni ewkaristika: tagħti l-karattru lill-Ħadd

### *Il-preżenza ta' Kristu rxoxt*

31. "Araw, jiena magħkom sa l-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20). Il-wegħda ta' Kristu qatt ma waqfet tidwi fil-Knisja bħala s-sigriet li jagħtiha kotra ta' frott f'ħajjitha u bħala għajn tat-tamiet kollha tagħha. Bħala Jum il-qawmien mill-imwiet, il-Ħadd m'huwiex biss tifkira ta' ġrajja li seħħet fl-imgħoddi; hi ċelebrazzjoni tal-preżenza ħajja ta' Kristu rxoxt f'nofs il-poplu tiegħu.

Biex din il-preżenza titħabbar sewwa u ngħixuha kif imiss, mhux biżżejjed li d-dixxipli jitolbu kull wieħed għal rasu, u jfakkru l-mewt u l-qawmien tal-Mulej mill-imwiet fis-skiet ta' qalbhom. Dawk li rċevew il-grazzja tal-magħmudija, jiksbu s-salvazzjoni mhux individwalment għal rashom, imma bħala membri tal-Ġisem mistiku, għax huma sehem mill-Poplu ta' Alla.[38] Hi ħaġa importanti għalhekk li jiltaqgħu flimkien biex juru, fil-milja kollha tagħha, l-istess identità tal-Knisja, l-**ekklesia**, il-ġemgħa msejħa minn Kristu rxoxt li offra ħajtu "biex jiġbor l-ulied Alla li kienu xterdu". (Ġw 11,52) Huma "ħaġa waħda" ma' Kristu (ara Gal 1, 28) permezz tad-don ta' l-Ispirtu. Din l-għaqda tidher meta l-insara jinġabru flimkien: biex, b'mod ħaj, jagħrfu li huma poplu mifdi "minn kull tribù u lsien, minn kull poplu u nazzjon" (Apok 5, 9), u jagħtu xhieda ta' dan quddiem id-dinja. Il-ġemgħa tad-dixxipli tal-Mulej, minn żmien għall-ieħor, turi x-xbieha ta' dik l-ewwel komunità nisranija li San Luqa jsemmi fl-Atti ta' l-Appostli, meta jgħid li dawk l-ewwel imgħammdin li emmnu "kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli, u fl-għaqda bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2, 42).

### *Il-laqgħa ewkaristika*

32. L-Ewkaristija m'hijiex biss espressjoni ta' qawwa liema bħalha tar-realtà tal-ħajja tal-Knisja, imma hi wkoll b'xi mod "l-għajn ta' din il-ħajja".[39] L-Ewkaristija tmantni u tibni l-Knisja. "La l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed: ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda" (1Kor 10.17). Minħabba r-rabta vitali mas-sagrament

tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, il-misteru tal-Knisja ngawduh, inħabbruh u ngħixuh b'mod mill-aqwa fl-Ewkaristija.[40]

Din id-dimensjoni ekklesjali intrinseka fl-Ewkaristija sseħħ f'kull ċelebrazzjoni ewkaristika, imma titfisser b'mod tassew speċjali meta l-komunità kollha tinġabar flimkien biex tfakkar il-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Ifisser ħafna l-fatt li l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħallem li "Iċ-ċelebrazzjoni nhar ta' Ħadd ta' Jum il-Mulej u ta' l-Ewkaristija hi fil-qalba tal-ħajja tal-Knisja".[41]

33. Fil-Quddiesa tal-Ħadd, l-insara jgħixu mill-ġdid b'qawwa liema bħala l-esperjenza ta' l-Appostli nhar l-Għid filgħaxija meta Kristu rxoxt dehrilhom, waqt li kienu miġburin flimkien (ara Ġw 20, 19). F'ċertu sens, il-Poplu kollu ta' Alla taż-żminijiet kollha kien preżenti f'dik il-ġemgħa żgħira ta' dixxipli, l-ewwel frott tal-Knisja. Permezz tax-xhieda tagħhom, kull ġenerazzjoni ta' dawk li jemmnu tisma' t-tislima ta' Kristu, kollha għanja bid-don tas-sliem, miksub b'demmu u mogħti flimkien ma' l-Ispirtu tiegħu: "Il-paċi magħkom". Meta Kristu reġa' dehrilhom "ġimgħa wara" (Ġw 20, 26) ħabbrilhom minn qabel id-drawwa tal-komunità nisranija, dik li l-insara jiltaqgħu flimkien kull sebat ijiem, f'jum il-Mulej, biex jistqarru l-fidi tagħhom fil-qawmien mill-imwiet, u jkollhom il-barka li wegħedhom: "Henjin dawk li ma rawx u emmnu" (Ġw 20, 29). Ir-rabta intima bejn id-dehra ta' Kristu rxoxt u l-Ewkaristija jissuġġerihielna l-Evanġelju ta' San Luqa fil-ġrajja tad-dixxipli ta' Għemmaws, li magħhom Kristu ngħaqad, fissrilhom l-Iskrittura u mbagħad qagħad magħhom fuq il-mejda. Għarfuh meta "qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom" (Lq 24, 30). Il-ġesti ta' Ġesù f'din il-ġrajja huma l-istess ġesti tiegħu fl-Aħħar Ikla, b'riferenza ċara għall-"qsim tal-ħobż" kif kienet tissejjaħ l-Ewkaristija mill-ewwel ġenerazzjonijiet ta' nsara.

## *L-Ewkaristija tal-Ħadd*

34. Veru li l-Ewkaristija tal-Ħadd fiha nnifisha m'hijiex differenti mill-Ewkaristija ċelebrata fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa u lanqas nistgħu nifirduha mill-ħajja liturġika u sagramentali kollha kemm hi. Min-natura tagħha stess, l-Ewkaristija hi epifanija tal-Knisja[42], u dan hu mfisser bil-qawwa kollha meta l-komunità djoċesana tinġabar titlob mar-ragħaj tagħha. "Il-Knisja tidher b'mod l-aktar ċar meta l-Poplu qaddis ta' Alla, kollu kemm hu, jieħu sehem sħiħ u attiv f'ċelebrazzjoni liturġika – speċjalment fl-istess ċelebrazzjoni ewkaristika – imsieħeb fl-istess talba waħda u fl-istess artal wieħed, u jkun jippresiedi l-Isqof, imdawwar mill-presbiteri u l-ministri

tiegħu".[43] Din ir-relazzjoni ma' l-Isqof u mal-komunità kollha tal-Knisja tinsab f'kull ċelebrazzjoni ewkaristika, ukoll meta l-Isqof ma jkunx jippresiedi, u jkun liema jkun il-jum li fih issir iċ-ċelebrazzjoni. L-isem ta' l-Isqof li jingħad waqt it-Talba ewkaristika juri dan.

Iżda l-Quddiesa tal-Ħadd, minħabba s-solennità speċjali tagħha u minħabba d-dmir li l-komunità tissieħeb fiċ-ċelebrazzjoni "fil-jum li fih Kristu ħareġ rebbieħ fuq il-mewt u tana sehem mill-ħajja ta' dejjem"[44], b'enfasi aktar kbira, turi d-dimensjoni ekkesjali li hi kollha kemm hi tagħha. Hekk issir l-eżempju ta' kull ċelebrazzjoni ewkaristika. Kull komunità tiġbor il-membri tagħha għall-"qsim tal-ħobż" u hekk issir il-post fejn il-misteru tal-Knisja jidher verament. Hija u tiċċelebra l-Ewkaristija, il-komunità tinfetaħ għax-xirka mal-Knisja universali[45], hija u titlob lill-Missier biex "jiftakar fil-Knisja mxerrda mad-dinja" ħa tikber fil-għaqda ta' l-insara kollha mal-Papa u mar-Ragħajja tal-Knejjes partikolari, sal-mument li fih l-imħabba tilħaq il-perfezzjoni sħiħa tagħna.

## *Jum il-Knisja*

35. Id-**Dies Domini** hu għalhekk ukoll **Dies Ecclesiae**. Din hi r-raġuni għaliex l-aspett pastorali tal-komunità għandu jkollu importanza speċjali. Kif għedt band'oħra, fost il-ħafna attivitajiet li jsiru f'parroċċa, ebda attività ma hi hekk vitali u hekk ta' siwi għall-bini tal-komunità daqs iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd bħala Jum il-Mulej u l-Ewkaristija tiegħu[46]. Il-Konċilju Vatikan II, huwa u jagħraf dan, fakkar fil-ħtieġa li jridu jsiru sforzi biex jiżguraw li "fi ħdan il-parroċċa jkun hemm sens ħaj ta' komunità, l-ewwelnett permezz taċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Quddies tal-Ħadd."[47] Imbagħad direttivi liturġiċi oħra jkomplu jinsistu fuq din il-ħaġa, u jitolbu li ċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi li normalment isiru fi knejjes oħra u f'kappelli jkunu b'xi mod marbutin maċ-ċelebrazzjoni fil-parroċċa "biex jinżamm ħaj is-sens ta' komunità, li jinżamm u jintwera b'mod partikolari biċ-ċelebrazzjoni komunitarja tal-Ħadd, kemm ma' l-Isqof, speċjalment fil-Kattidral, u kemm fil-ġemgħa tal-parroċċa, fejn il-kappillan jirrappreżenta lill-Isqof".[48]

36. Il-ġemgħa tal-Ħadd hi l-post privileġġjat ta' għaqda: hi d-dehra taċ-ċelebrazzjoni tas-**sacramentum unitatis** li turi bil-qawwa kollha l-Knisja bħala poplu miġbur "mill-għaqda" u "fl-għaqda" tal-Missier, u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu[49]. Il-familji nsara, fil-laqgħa tal-Ħadd jgħixu mod mill-aqwa l-identità tagħhom u l-"misteru" tagħhom bħala "knejjes fid-dar"[50], meta l-ġenituri jissieħbu ma' wliedhom fil-mejda waħda tal-Kelma u tal-Ħobż tal-ħajja. Tajjeb li nfakkru hawnhekk li huma l-ġenituri li qabel

kulħadd għandhom jgħallmu 'l uliedhom kif jissieħbu fil-Quddiesa tal-Ħadd, bl-għajnuna tal-katekisti, li jridu jaraw li t-tħejjija għat-tisħib fil-Quddiesa hi parti mill-formazzjoni li huma fid-dmir li jagħtu lit-tfal fdati lilhom billi juruhom u jfissrulhom x'inhuma r-raġunijiet għaliex għandu jkun imħares dan il-preċett. Meta jitolbuh iċ-ċirkostanzi, iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa għat-tfal, skond in-normi liturġiċi[51], tista' tgħin ukoll f'dan.

Fil-Quddies tal-Ħadd fil-parroċċi, sakemm huma parroċċi ta' "komunitajiet ewkaristiċi"[52], hi ħaġa regolari li jkun hemm gruppi, movimenti u assoċjazzjonijiet differenti kif ukoll komunitajiet reliġjużi żgħar fi ħdan il-parroċċa. Dan jgħin biex kulħadd ikollu flimkien l-esperjenza aktar fil-fond ta' dak li hu tagħhom ilkoll, 'l hemm mill-karatteristiċi spiritwali li jagħżluhom u li l-Knisja tagħtihom u tgħarfilhom bid-dixxerniment ta' l-awtorità tagħha. Hu għalhekk li mhux ta' min jinkoraġixxi kull nhar ta' Ħadd, li hu l-jum tal-ġemgħa, Quddies għall-gruppi żgħar: din m'hijiex kwistjoni biss biex tiżgura li l-komunitajiet parrokkjali ma jkunux imċaħħdin mill-ministeru meħtieġ tas-saċerdoti, imma wkoll biex jiżgura li l-ħajja u l-għaqda tal-komunità nisranija tkun imħarsa u tiġi 'l quddiem kollha kemm hi[53]. Il-permess għal xi eċċezzjonijiet għal din ir-regola, eċċezzjonijiet li għandhom ikunu limitati ħafna, jiddependu mill-għaqal tar-Ragħajja tal-Knejjes partikolari, eċċezzjonijiet li jsiru minħabba ħtiġijiet speċjali fil-qasam tal-formazzjoni u tal-kura pastorali, waqt li jitqies sewwa l-ġid ta' l-individwi u tal-gruppi – speċjalment jekk il-benefiċċji li joħorġu minn dawn l-eċċezzjonijiet jagħtu frott lill-komunità kollha kemm hi.

## *Poplu pellegrin*

37. Fil-mixi tal-Knisja tul iż-żminijiet, it-tifkira tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u t-tifkira solenni kull ġimgħa jfakkruna fil-**karattru eskatoloġiku tal-Poplu ta' Alla fil-pellegrinaġġ tiegħu fid-dinja**. Ħadd wara ieħor, il-Knisja tersaq lejn l-aħħar "Jum il-Mulej", lejn il-Jum li ma għandux tmiem. Il-mistennija għat-tieni miġja ta' Kristu tinsab, imniżżla fil-qofol tal-misteru tal-Knisja[55], u tidher f'kull ċelebrazzjoni ewkaristika. Iżda għax f'Jum il-Mulej issir it-tifkira speċifika tal-glorja ta' Kristu rxoxt, dan il-Jum b'qawwa aqwa jfakkar il-glorja li għad ikollu l-Mulej meta "jerġa' jiġi". Dan iwassal biex il-Ħadd ikun il-jum li fih il-Knisja, hija u turi b'mod aktar ċar l-identità tagħha ta' Għarusa, tantiċipa b'xi mod ir-realtà eskatoloġika ta' Ġerusalemm tas-sema. Il-Knisja, hija u tiġbor 'l uliedha għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u tgħallimhom jistennew "l-Għarus divin", timpenja ruħha f'sura ta' "ħidma ta' tama"[56], hija u tħoss minn

qabel l-hena ta' art ġdida u smewwiet ġodda, meta l-belt qaddisa, Ġerusalemm tas-sema tinżel mingħand Alla, "imżejna bħal Għarusa għal Għarus tagħha" (Apok 21, 2).

## *Jum it-tama*

38. Jekk inħarsu lejn il-Ħadd b'dan il-mod, naraw li m'humiex biss jum ta' fidi, imma wkoll **jum it-tama nisranija**. It-tisħib fl-"ikla tal-Mulej" hu tisħib minn qabel fl-ikla eskatoloġika tat-"tieġ tal-Ħaruf" (Apok 19,9). Il-komunità nisranija, hija u tiċċelebra t-tifkira ta' Kristu, li qam mill-imwiet u tela' fis-sema, tkun qed tistenna "l-hena u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu"[57], tama nisranija, li tiġġedded u titmantna b'mod l-aktar intensiv kull ġimgħa, issir il-ħmira u d-dawl tat-tama tal-bniedem. Hu għalhekk li t-Talba tal-Fidili twieġeb mhux biss għall-ħtiġiet ta' xi komunità nisranija partikolari imma wkoll għal dawk tal-bnedmin kollha u tal-Knisja. Il-Knisja, miġbura għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, turi lid-dinja li tagħmel tagħha "il-ferħ u t-tamiet, in-niket u l-qtigħ il-qalb tan-nies ta' llum, speċjalment ta' dawk li huma foqra u qed ibatu".[58] Bl-offerta ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd, il-Knisja tikkonsagra ix-xhieda li uliedha jħabirku biex jagħtu kull jum tal-ġimgħa, bix-xandir ta' l-Evanġelju u b'għemejjel ta' mħabba fid-dinja tax-xogħol u f'ħafna ħidmiet tal-ħajja kollha; hekk il-Knisja turi b'mod aktar ċar l-identità tagħha bħala "sagrament jew sinjal u strument ta' l-għaqda intima ma' Alla u ma' l-unità tal-ġens kollu tal-bnedmin".[59]

## *Il-mejda tal-kelma*

39. F'kull ċelebrazzjoni Ewkaristika niltaqgħu ma' Kristu rxoxt fil-ġemgħa tal-Ħadd, billi nissieħbu fiż-żewġ imwejjed tal-kelma u tal-Ħobż tal-ħajja. Il-mejda tal-kelma tagħti l-istess għarfien tal-ġrajja tas-salvazzjoni, speċjalment tal-misteru ta' l-Għid, li l-Mulej innifsu ta lid-dixxipli tiegħu; hu Kristu li jitkellem għax hu preżenti fi kliemu, "meta fil-Knisja tinqara l-Iskrittura"[60]. Fuq il-mejda tal-Ħobż tal-ħajja, Kristu hu realment, sostanzjalment u dejjem preżenti permezz tat-tifkira tal-Passjoni u l-Qawmien tiegħu, u l-Ħobż tal-Ħajja jingħata bħala rahan tal-ħajja ta' dejjem. Il-Konċilju Vatikan II fakkar li "l-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija Ewkaristika huma hekk marbutin ma' xulxin li jiffurmaw att wieħed ta' qima".[61] Il-Konċilju wkoll ħeġġeġ biex "il-mejda tal-kelma ta' Alla titħejja għall-insara b'mod aktar għani, billi tiftħilhom ħafna aktar t-teżori ta' l-Iskrittura".[62] Imbagħad il-Konċilju ried li fil-Quddies tal-Ħadd u f'dak tal-festi kmandati, l-omelija ma għandha qatt titħalla barra jekk mhux ħlief

għal raġunijiet serji.[63] Dawn id-digrieti f'waqthom ġew fedelment imħarsa fir-riforma liturġika li dwarha kiteb il-Papa Pawlu VI, huwa u jikkummenta kemm żdied l-għana tal-qari mill-Iskrittura fil-Ħdud u l-festi kmandati. "Dan kollu sar biex dejjem aktar jiżdied fil-fidili 'l-ġuħ għas-smigħ tal-kelma ta' Alla' (Għam 8, 11), li taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu timbutta l-Poplu tal-Patt il-Ġdid lejn l-għaqda perfetta tal-Knisja"[64].

40. Issa li qed nikkonsidraw l-Ewkaristija tal-Ħadd aktar minn tletin sena wara l-Konċilju, irridu naraw sewwa kif qed tiġi mħabbra l-kelma ta' Alla u kemm verament il-Poplu ta' Alla kiber fl-għarfien u l-imħabba ta' l-Iskrittura.[65] Hemm żewġ aspetti ta' din il-ħaġa – hemm iċ-**ċelebrazzjoni**, u hemm **il-fatt li wieħed jagħmel tiegħu l-kelma li titħabbarlu** – dawn iż-żewġ aspetti huma marbutin ħafna ma' xulxin. Dwar l-aspett taċ-ċelebrazzjoni l-Konċilju għamel possibbli t-tħabbira tal-kelma b'ilsien il-komunità li tkun qed tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni, u dan għandu jqajjem fina sens ġdid ta' responsabbiltà lejn il-kelma, billi nħallu jiddi l-karattru distintiv tal-kelma mqaddsa wkoll bil-mod kif inħabbruha jew inktantawha.[66] Dwar l-aspett l-ieħor, is-smigħ tal-kelma ta' Alla li tiġi mħabbra għandu jitħejja sewwa fi qlub il-fidili b'tagħlim adatt ta' l-Iskrittura u, fejn jista' jkun, **permezz ta' inizjattivi ħa jkun hemm għarfien aktar fil-fond tal-qari bibbliku**, speċjalment tal-qari tal-Ħdud u l-festi. Jekk l-individwi u l-familji nsara mhux qed jiksbu ħajja ġdida mill-qari ta' l-Iskrittura bi spirtu ta' talb u doċilità għat-tifsir li tagħti l-Knisja[67], ikun diffiċli ħafna li t-tħabbira liturġika tal-kelma ta' Alla waħedha tagħti dak il-frott li nkunu nistennew. Dan huwa s-siwi ta' l-inizjattivi ta' dawk il-komunitajiet parrokkjali li jlaqqgħu flimkien matul kull ġimgħa lil dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija – is-saċerdot, il-ministri u l-fidili[68] – biex iħejju l-liturġija tal-Ħadd, huma u jimmeditaw minn qabel tul il-ġimgħa, il-kelma ta' Alla li tkun se titħabbar. L-għan li jrid jintlaħaq hawn hu li ċ-ċelebrazzjoni kollha kemm hi – talb, kant, smigħ u mhux biss l-omelija – trid b'mod jew ieħor tfisser l-messaġġ tal-liturġija tal-Ħadd, hekk li b'qawwa aktar tolqot lil dawk kollha li jieħdu sehem fiha. Hi ħaġa ċara, li l-eżerċizzju tal-ministeru tal-kelma hu importanti ħafna f'dan. Dmir dawk li għandhom dan il-ministeru hu li jħejju r-riflessjoni fuq il-kelma ta' Alla billi jitolbu u jistudjaw it-test bibbliku, biex imbagħad ikunu jistgħu jfissru x'fih bil-fedeltà kollha u japplikawh għall-ħtiġijiet u għall-ħajja ta' kuljum tan-nies ta' llum.

41. Irridu dejjem niftakru li **t-tħabbira liturġika tal-kelma ta' Alla,** speċjalment fil-ġemgħa liturġika, m'huwiex tant żmien ta' meditazzjoni u ta' katekeżi, imma hu aktar **djalogu bejn Alla u l-poplu tiegħu**, djalogu

fejn jitħabbru l-għeġubijiet tas-salvazzjoni fejn bla heda jiġi mfakkar dak li jitlob l-Patt ta' Alla. Min-naħa tiegħu, il-Poplu ta' Alla hu msejjaħ biex iwieġeb f'dan id-djalogu ta' mħabba b'radd il-ħajr u t-tifħir, u juri fedeltà lejn id-dmir tiegħu għall-"konverżjoni" dejjem sejra. Il-ġemgħa tal-Ħadd għalhekk timpenjana għal tiġdid fina nfusna tal-wegħdiet tal-magħmudija tagħna, li jinsabu b'mod impliċitu fit-tlissin tal-Kredu, u jiġu mtennija espliċitament fil-Vġili ta' l-Għid u kull darba li l-magħmudija tiġi ċelebrata bil-Quddiesa. Meta dan, it-tħabbira tal-kelma waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika tal-Ħadd tieħu dak it-ton solenni li nsibu fit-Testment il-Qadim kull darba li kien jiġġedded il-Patt, meta kienet titħabbar il-Liġi, u kienet tissejjaħ il-ġemgħa ta' Iżrael – bħal meta l-Poplu kien fid-deżert ħdejn l-għolja tas-Sinaj (ara Es 19, 7-8; 24, 3-7) – biex jgħid l-"Iva" tiegħu, u jġedded il-fehma li jkun fidil lejn Alla u jħares il-kmandamenti tiegħu. Meta Alla jgħid il-kelma tiegħu, jistenna t-tweġiba tagħna, tweġiba li Kristu ġa qalha għalina bl-"Amen" tiegħu (ara 2Kor 1, 20-22) u li tidwi ġewwa fina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu biex dak li nisimgħu jimpenjana bil-qawwa kollu tiegħu.[69]

## *Il-mejda tal-Ġisem ta' Kristu*

42. Il-mejda tal-kelma twassalna b'mod naturali għall-mejda tal-Ħobż ewkaristiku u tħejji l-komunità biex tgħix l-aspetti kollha tagħha, li fl-Ewkaristija tal-Ħadd jiksbu solennità speċjali. Meta l-ġemgħa kollha tkun miġbura biex tiċċelebra "Jum il-Mulej", l-Ewkaristija, aktar milli mill-ġranet l-oħra, tidher bħala dak ir-radd il-ħajr il-kbir li bih il-Knisja, mimlija bl-Ispirtu, iddur lejn il-Missier u ssir ħaġa waħda ma' Kristu u titkellem f'isem il-bnedmin kollha. Tul il-mixja tal-ġimgħa niġbru b'tifkira kollha ħajr il-ġrajjiet tal-ġranet li jkunu għadhom kemm intemmu biex nqisuhom fid-dawl ta' Alla u nroddulu ħajr għad-doni tiegħu bla għadd, waqt li nfaħħruh bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu. B'dan il-mod il-komunità nisranija tasal għall-għarfien mill-ġdid tal-fatt li kollox kien maħluq bi Kristu (ara Kol 1, 16; Ġw 1, 3) u li fi Kristu, li ġie f'sura ta' lsir biex jitgħabba bil-qagħda tagħna l-bnedmin u jifdina, jiġġedded kollox (ara Ef 1, 10) ħa jingħata lil Alla l-Missier, li minnu kollox jiġi u jieħu l-ħajja. Imbagħad il-poplu ta' Alla li bl-"Amen" tiegħu juri li jaqbel mad-dossoloġija Ewkaristika, iħares b'fidi u tama lejn t-tmiem eskatoloġiku, meta Kristu "joffri s-Saltna ta' Alla lill-Missier... biex Alla jkun kollox f'kulħadd" (IKor 15, 24.28).

43. Dan il-moviment "'l fuq" jinsab fin-natura taċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u jagħmilha ġrajja ta' ferħ, mimlija ħajr u tama. Dan jidher

b'mod partikolari fil-Quddiesa tal-Ħadd minħabba r-rabta speċjali li għandha mat-tifkira tal-qawmien mill-imwiet. Min-naħa l-oħra, dan il-ferħ "ewkaristiku", li "jerfa' qlubna", hu l-frott ta' l-inżul ta' Alla lejna, inżul li jibqa' dejjem imdaħħal fl-element sagrifiċjali essenzjali ta' l-Ewkaristija, l-ogħla espressjoni u ċelebrazzjoni tal-misteru tal-**kenosis**, l-inżul li bih Kristu "ċekken lilu nnifsu u obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (Fil 2, 8).

Il-Quddiesa, **tassew tagħmel preżenti b'mod ħaj is-sagrifiċċju tas-salib.** Taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, li fuqhom intalab, bil-kliem tal-konsagrazzjoni, l-Ispirtu li jaħdem b'setgħa ma hemmx oħra bħalha, Kristu joffri lilu nnifsu lill-Missier bl-istess għemil ta' sagrifiċċju li bih offra lilu nnifsu fuq is-salib. "F'dan is-sagrifiċċju li jseħħ fil-Quddiesa, jinsab u jiġi offert bla tixrid ta' demm Kristu li offra lilu nnifsu darba għal dejjem bit-tixrid tad-demm fuq l-artal tas-salib".[70] Mas-sagrifiċċju tiegħu, Kristu jgħaqqad is-sagrifiċċju tal-Knisja: "Fl-Ewkaristija s-sagrifiċċju ta' Kristu jsir ukoll is-sagrifiċċju tal-membri tal-Ġisem tiegħu. Il-ħajja tal-fidili tiegħu, it-tifħir tagħhom, it-tbatijiet, it-talb u x-xogħol jingħaqad ma' dawk ta' Kristu u ma' l-offerta sħiħa tiegħu u jiksbu siwi ġdid".[71] Il-verità li l-komunità kollha tissieħeb fis-sagrifiċċju ta' Kristu tidher mod ċar speċjalment fil-laqgħa tal-Ħadd, li biha jista' jitwassal fuq l-artal dak kollu li jkun ġara matul il-ġimgħa, bit-toqol uman kollu tiegħu.

## *L-ikla ta' l-Għid u l-laqgħa ta' l-aħwa*

44. Il-karattru komunitarju ta' l-Ewkaristija juri ruħu b'mod speċjali meta nħarsu lejha bħala l-ikla ta' l-Għid li fiha Kristu nnifsu jsir l-ikel tagħna. Hu għalhekk li "Kristu ried jafda f'idejn il-Knisja dan is-sagrifiċċju, biex l-insara jkollhom sehem fih, kemm spiritwalment bil-fidi u l-imħabba, u kemm sagramentalment, fit-tqarbin. Is-sehem fl-Ikla tal-Mulej hu dejjem xirka ma' Kristu, li joffri lilu nnifsu għalina b'sagrifiċċju lill-Missier."[72] Hu għalhekk li l-Knisja **trid li l-insara jitqarbnu meta jieħdu sehem fil-Quddiesa**, sakemm huma mhejjijin sewwa, u, jekk ħatja ta' xi dnub mejjet, irċevew il-maħfra ta' Alla fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni[73], fid-dawl ta' dak li San Pawl kiteb lill-Korintin (ara I Kor 11, 27-32). Hi ħaġa ċara li hemm aktar insistenza għat-tqarbina ewkaristika fil-Ħdud u tal-festi.

Hu importanti ħafna wkoll li nagħarfu li x-xirka ma' Kristu għandha rabta kbira ħafna max-xirka ta' l-aħwa. Il-ġemgħa ewkaristika tal-Ħadd hi **esperjenza ta' fraternità**, li trid tidher sewwa fiċ-ċelebrazzjoni, waqt li tibqa' mħarsa n-natura taċ-ċelebrazzjoni liturġika. Dan kollu għandu

jsib għajnuna mill-ħafna ġesti li bihom l-aħwa jiġu milqugħin u mit-ton tat-talb, dejjem attent għall-ħtiġijiet ta' kulħadd fil-komunità. Is-sinjal tal-paċi – li fir-rit Ruman b'tifsira liema bħalha jingħata qabel it-tqarbin – hu ġest li tassew ifisser ħafna: bih l-insara huma mistiedna juru bħala Poplu ta' Alla li qed jaċċettaw kull ma sar fiċ-ċelebrazzjoni[74], u li qed juru l-impenn tagħhom fl-imħabba tagħhom għal xulxin huma u jaqsmu ħobża waħda bejniethom, waqt li jiftakru fil-kliem impenjativ tal-Mulej: "Meta tkun qed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-artal, u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk fuq l-artal, u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek" (Mt 5, 23-24).

## *Mill-Quddiesa għall-missjoni*

45. Meta jirċievu l-Ħobż tal-ħajja, id-dixxipli ta' Kristu jħejju ruħhom biex jidħlu bil-qawwa ta' Kristu rxoxt u ta' l-Ispirtu tiegħu, **għal dawk id-dmirijiet li qed jistennewhom fil-ħajja ta' kuljum.** Għall-insara li fehmu x'ifisser dak li għamlu, iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika ma tiqafx fil-bieb tal-knisja. Bħall-ewwel xhieda tal-Qawmien ta' Kristu, l-insara li jinġabru kull nhar ta' Ħadd u li jħossu u jħabbru l-preżenza ta' Kristu rxoxt, huma msejħin biex **jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju u jxandruh** fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Għalhekk dawk kollha li ssieħbu fl-Ewkaristija għandhom jagħarfu aħjar is-siwi tat-talba ta' wara t-tqarbin u r-rit ta' l-għeluq – il-barka u l-istedina biex imorru fil-paċi ta' Kristu – biex jifhmu aktar fil-fond ir-responsabbiltajiet fdati lilhom. Meta l-ġemgħa tasal fit-tmiem tagħha, id-dixxipli kollha tal-Mulej imorru fl-ambjent tagħhom ta' kuljum bl-impenn li jagħmlu ħajjithom kollha don u sagrifiċċju spiritwali li jogħġob lil Alla (ara Rum 12, 1). Iħossu ruħhom midjunin ma' ħuthom minħabba dak li rċevew waqt iċ-ċelebrazzjoni, li hu mhux inqas minn dak li rċevew id-dixxipli ta' Għemmaws li, malli għarfu 'l Kristu rxoxt "fil-qsim tal-ħobż" ħassew li kellhom jerġgħu lura minnufih biex jaqsmu ma' ħuthom il-ferħ tal-laqgħa mal-Mulej (ara Lq 245, 33-35).

## *Il-preċett tal-Ħadd*

46. Għax l-Ewkaristija hi fil-qalba tal-Ħadd, hi ħaġa ċara għaliex sa mill-ewwel żminijiet ir-ragħajja ta' l-erwieħ qatt ma waqfu li jfakkru lill-insara **fuq il-ħtieġa li jissieħbu fil-ġemgħa liturġika.** "Ħallu kollox f'jum il-Mulej" twissi l-kitba tat-tielet seklu magħrufa bħala id-*Didascalia,* "u ħaffu bl-attenzjoni kollha lejn il-ġemgħa, għax dan hu t-tifħir tiegħek lil

Alla. Għaliex xi skuża jista' jkollhom quddiem Alla dawk li ma jinġabrux f'jum il-Mulej biex jisimgħu l-kelma tal-ħajja u jitmantnu bl-ikel tas-sema li jibqa' għal dejjem?"[75] L-insara ġeneralment aċċettaw din l-istedina tar-ragħajja tagħhom b'konvinzjoni sħiħa, u għalkemm kien hemm żminijiet u qagħdiet meta dan id-dmir ma kienx imħares b'mod perfett, wieħed qatt ma għandu jinsa l-eroiżmu tas-saċerdoti u tal-fidili li qdew dan id-dmir ukoll fi żmien ta' periklu għal ħajjithom u ta' ċaħda tal-libertà reliġjuża tagħhom, kif juruna l-fatti mill-ewwel żminijiet tal-Kristjaneżmu sa żminijietna.

Fl-ewwel Apoloġija li San Ġustinu kiteb lill-imperatur Antoninu u lis-Senat kollu, kollu kburi, jgħid x'kienet id-drawwa ta' l-insara fil-laqgħa tal-Ħadd, li kienet issir fl-istess post fejn kienu jinġemgħu l-insara kemm mill-belt u kemm mill-kampanja.[76] Meta fi żmien il-persekuzzjoni ta' Djokleżjanu l-laqgħat ta' l-insara kienu projbiti b'severità kbira, ħafna nsara kellhom il-kuraġġ li jisfidaw id-digrieti ta' l-imperatur u aċċettaw il-mewt biex ma jitilfux l-Ewkaristija tal-Ħadd. Dan għamluh l-insara ta' Abitina, fl-Afrika Prokonsolari, li wieġbu lil dawk li kienu jakkużawhom: "Bla biża' ta' xejn iċċelebrajna l-Ikla tal-Mulej, għax ma jistax ikun li nitilfuha: din hi l-liġi tagħna." "Ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ikla tal-Mulej". Hija u tistqarr il-fidi tagħna, waħda mill-martri qalet: "Iva mort għal-laqgħa u ċċelebrajt l-ikla tal-Mulej ma' ħuti għax jien nisranija".[77]

47. Fl-ewwel żminijiet ukoll, meta ma nħassitx il-ħtieġa tal-preċett tal-Ħadd, il-Knisja qatt ma naqset li tfakkar f'dan id-dmir tal-kuxjenza, li joħroġ mill-ħtieġa fir-ruħ, li kienu jħossu bil-qawwa kollha l-insara ta' l-ewwel żminijet. Kien biss aktar tard l-Knisja, meta sabet ruħha quddiem in-nofs ħajra u t-traskuraġni ta' xi wħud, ħasset li kellha tordna b'mod espliċitu li l-insara kienu fid-dmir li jħarsu l-Ħadd: dan l-aktar sar f'sura ta' eżortazzjoni, iżda f'xi żminijiet il-Knisja kellha tirrkorri għal dispożizzjonijiet kanoniċi speċifiċi. Dan sar f'għadd ta' Konċilji lokali mir-raba' seklu 'l quddiem (il-Konċilju ta' Elvira tas-sena 300, ma jsemmix obbligu, imma biss kastigi wara tliet assenzi)[78], u b'mod aktar speċjali mis-sitt seklu 'l quddiem (hekk il-Konċilju ta' Agde fis-sena 506),[79] Dawn id-digrieti tal-Konċilji lokali wasslu għal drawwa universali u beda jitqies bħala normali l-karattru obbligatorju tagħha.[80]

Il-Kodiċi tal-Liġi Kanonika ta' l-1917 għall-ewwel darba għamel liġi universali[81] din it-tradizzjoni. Il-Kodiċi ta' llum reġa' tennieha u qal: "Fil-Ħdud u l-festi kmandati l-insara huma fid-dmir li jisimgħu l-Quddies".[82] Normalment din il-liġi dejjem tqieset bħala obbligu gravi: dan hu t-

tagħlim tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika[83] u dan nifhmuh malajr jekk niftakru kemm hu vitali l-Ħadd fil-ħajja tan-nisrani.

48. Illum, l-istess bħaż-żminijiet erojċi tal-bidu, ħafna li jridu jgħixu skond ma titlob minnhom il-fidi, qed isibu ruħhom f'qagħdiet diffiċli, f'ħafna pajjiżi tad-dinja. Qed jgħixu f'ambjenti li xi kultant huma deċiżament ostili u drabi oħra – u dan aktar ta' spiss – f'ambjenti indifferenti tant li ma jimpurtahom xejn mill-messaġġ evanġeliku. Jekk dawk li jemmnu ma jridux jiġu mirbuħa mill-ambjent, iridu jsibu l-għajnuna tal-komunità nisranija. Hu għalhekk li jridu jkunu konvinti li hi ħaġa importanti ħafna għall-ħajja tal-fidi tagħhom li jinġabru flimkien ma' l-oħrajn kull nhar ta' Ħadd, ħa jiċċelebraw l-Għid tal-Mulej fis-sagrament tal-Patt il-Ġdid. Hi responsabbiltà speċjali ta' l-sqfijiet li "jiżguraw li l-insara kollha jifhmu s-siwi tal-Ħadd u jiċċelebrawh tassew bħala Jum il-Mulej, meta l-Knisja tinġabar biex iġġedded it-tifkira tal-misteru ta' l-Għid hija u tisma' l-kelma ta' Alla, toffri s-sagrifiċċju tal-Mulej, u tqaddes il-jum bit-talb, b'għemejjel ta' mħabba u waqfien mix-xogħol".[84]

49. Għaliex l-insara huma fid-dmir li jisimgħu l-Quddiesa meta ma hemmx xi impediment serju, ir-ragħajja min-naħa tagħhom huma fid-dmir li joffru lil kulħadd il-mezzi biex ikunu jistgħu jaqdu dan id-dmir. Il-liġi tal-Knisja timxi minn din it-triq: bħala eżempji ta' dan insibu il-fakultà li għandhom is-saċerdoti, bil-permess mogħti minn qabel mill-Isqof djoċesan, li jiċċelebraw aktar minn Quddiesa waħda fil-Ħdud u l-festi;[85] il-Quddies ta' filgħaxija;[86] il-permess li tissodisfa l-preċett tal-Ħadd mis-Sibt filgħaxija qabel l-ewwel jew wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd;[87] Mill-aspett liturġika, festa tibda bl-ewwel Għasar[88] u għalhekk il-liturġija ta' dik li xi kultant tissejjaħ "Quddiesa ta' lejlet il-Ħadd" fil-fatt hi l-Quddiesa "festiva" tal-Ħadd, u fiha ċ-ċelebrant irid jagħmel l-omelija u jgħid it-Talba tal-Fidili.

Barra dan, ir-ragħajja ta' l-erwieħ huma fid-dmir li jfakkru lill-insara li meta jkunu bogħod minn darhom f'xi Ħadd huma fid-dmir li jisimgħu l-Quddiesa, ikunu fejn ikunu, u hekk jagħnu l-komunità tal-post bix-xhieda personali tagħhom. Fl-istess waqt għandhom iħossu d-dmir li jilqgħu b'sens qawwi ta' fraternità lil dawk l-aħwa li jżuruhom, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li jiġbdu ħafna turisti u pellegrini, u spiss ikun hemm il-ħtieġa li dawn ikollhom għajnuna reliġjuża speċjali.[89]

## *Ċelebrazzjoni ferrieħa bil-kant*

50. Minħabba n-natura tal-Quddiesa tal-Ħadd u l-importanza tagħha

fil-ħajja ta' l-insara, din trid tiġi mħejjija bl-għaqal kollu. Iridu jsiru sforzi biex iċ-ċelebrazzjoni jkollha karattru festiv li jkun jaqbel mal-jum li jfakkar il-qawmien ta' Kristu mill-imwiet: dan jiddependi mill-esperjenza pastorali, mid-drawwiet tal-post u min-normi liturġiċi. Għal dan il-għan irid ikun hemm ukoll attenzjoni **għall-kant tal-ġemgħa**, għax il-kant hu mezz l-aktar adatt biex juri l-ferħ tal-qalb, ikabbar is-solennità taċ-ċelebrazzjoni, u jsaħħaħ is-sens tal-fidi u ta' l-imħabba għal xulxin. Għandu jkun hemm attenzjoni għall-kwalità tal-kant, kemm dwar il-kliem u kemm dwar il-melodiji, biex dak li llum qed jiġi propost bħala ġdid u kreattiv ikun jaqbel ma' dak li titlob il-liturġija u jkun jixraq lit-tradizzjoni tal-Knisja li fil-qasam tal-mużika sagra, tiftaħar li għandha wirt ta' siwi għoli ħafna.

## *Ċelebrazzjoni li timpenja lil kulħadd*

51. Hu meħtieġ li jkun żgurat li dawk kollha li jkunu preżenti, tfal u kbar, jissieħbu attivament fiċ-ċelebrazzjoni, billi jiġu mħajrin jimpenjaw ruħhom f'dawk il-waqtiet li l-liturġija tissuġġerixxi u tinkoraġixxi.[90] Veru li huma dawk li għandhom il-ministeru saċerdotali li joffru s-sagrifiċċju ewkaristiku u joffruh f'isem il-poplu kollu.[91] Dan hu l-pedament ta' dik l-għażla, li hi wisq aktar minn kwistjoni ta' dixxiplina, bejn id-dmir proprju taċ-ċelebrant u d-dmir tad-djakni u tal-fidili mhux ordnati.[92] Iżda l-fidili għandhom jifhmu li minħabba s-saċerdozju komuni li rċevew fil-magħmudija, huma "jissieħbu fl-offerta ta' l-Ewkaristija".[93] Għalkemm hemm għażla fid-dmirijiet li jaqdu, huma dejjem "joffru lil Alla l-vittma divina u lilhom infushom flimkien magħha. Huma u joffru s-sagrifiċċju u jitqarbnu jkunu qed jieħdu sehem attiv fil-liturġija[94] u jiksbu minnha dawl u qawwa biex jgħixu s-saċerdozju battesimali tagħhom u x-xhieda ta' ħajja qaddisa.

## *Mumenti oħra tal-Ħadd nisrani*

52. It-tisħib fl-Ewkaristija hu l-qofol tal-Ħadd, iżda d-dmir tat-tqaddis tal-Ħadd ma jiqafx hawn. Dan għaliex Jum il-Mulej ngħixuh sewwa jekk mill-bidu sat-tmiem tiegħu jkun tifkira kollha ħajr u ħajja tal-ħidma salvifika ta' Alla. Dan jimpenja d-dixxipli kollha tal-Mulej biex ifasslu l-mumenti l-oħra tal-ġurnata barra l-kontest liturġiku: – il-ħajja tal-familja, ir-relazzjonijiet soċjali, il-mumenti ta' mistrieħ – b'mod li s-sliem u l-hena tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet jintisġu mill-ġrajjiet tal-ħajja ta' kuljum. Bħala eżempju, nistgħu ngħidu li l-laqgħa hienja tal-ġenituri u l-ulied tista' tkun mhux biss okkażjoni biex jisimgħu 'l xulxin, imma wkoll żmien li fih jaqsmu bejniethom mumenti ta' informazzjoni u riflessjoni. F'ħajja

lajka wkoll, fejn dan jista' jkun, għaliex ma għandhomx ukoll jinstabu mumenti **speċjali tat-talb** – speċjalment iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għasar, biex insemmu eżempju – jew **mumenti ta' katekeżi** lejlet il-Ħadd bħala tħejjija u għad-don ta' l-Ewkaristija fi qlub in-nies jew il-Ħadd wara nofsinhar biex jissaħħaħ dan id-don?

Il-mod tradizzjonali kif jitqaddes il-Ħadd forsi sar diffiċli ħafna għal ħafna nies, iżda l-Knisja tafda fil-qawwa ta' Kristu rxoxt u fis-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu meta tgħid li llum, wisq aktar milli fl-imgħoddi, hi m'hijiex kuntenta b'dak li hu ftit jew ta' nofs kedda fejn tidħol il-fidi. Hi trid tgħin lill-insara jagħmlu dak li hu aktar perfett u jogħġob lill-Mulej. U minkejja d-diffikultajiet, hemm sinjali pożittivi li jqawwu l-qalb. F'ħafna partijiet tal-Knisja, tinħass ħtieġa ġdida ta' talb fil-ħafna suriet tiegħu; u dan hu don ta' l-Ispirtu s-Santu. Qed jinstabu wkoll mill-ġdid drawwiet reliġjużi antiki, bħalma huma l-pellegrinaġġi u spiss l-insara qed jipprofittaw mill-jum tal-Ħadd biex imorru jżuru xi santwarju forsi mal-familja kollha, fejn jgħaddu xi żmien iħossu esperjenza intensiva ta' fidi. Dawn huma mumenti ta' grazzja li għandhom jiġu 'l quddiem permezz ta' evanġelizzazzjoni u mmexxijin b'għaqal pastorali.

## *Laqgħat tal-Ħadd mingħajr saċerdot*

53. Fadal il-problema tal-parroċċi li ma għandhomx il-ministeru tas-saċerdot għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa tal-Ħadd. Dan l-aktar li jiġri fil-Knejjes il-ġodda, fejn saċerdot wieħed hu responsabbli pastoralment tal-fidili mxerrdin f'territorju kbir ħafna. Iżda din l-emerġenza tista' tinħoloq ukoll f'pajjiżi li għandhom tradizzjoni nisranija ta' mijiet ta' snin, meta l-għadd ddjjem jonqos tas-saċerdoti qed iwassal għall-impossibiltà li jkun hemm saċerdot f'kull komunità parrokkjali. F'qagħda meta l-Ewkaristija ma tistax tiġi ċelebrata, il-Knisja tirrakomanda li l-laqgħa tal-Ħadd issir dejjem, għalkemm mingħajr il-preżenza tas-saċerdot[95], skond id-direttivi tas-Santa Sede li ġew fdati lill-Konferenzi Episkopali biex isegwuhom.[96] Iżda qatt ma għandu jiġi nieqes il-ħsieb taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa, il-mezz waħdieni li bih tassew iseħħ l-Għid tal-Mulej u jkun hemm verament ġemgħa liturġika sħiħa li fiha s-saċerdot jippresiedi **in persona Christi** huwa u jqassam il-ħobż tal-kelma u ta' l-Ewkaristija. F'livell pastorali, għalhekk għandu jsir kull ma hu meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sagrifiċċju tal-Quddiesa jiġi ċelebrat kemm jista' jkun possibbli għall-insara li huma regolarment imċaħħdin minnu: dan jista' jsir billi xi kultant lil dawn il-komunitajiet jintbagħtilhom xi saċerdot jew billi kull darba li tinqala' l-okkażjoni tiġi organizzata laqgħa f'post ċentrali, li jista' jintlaħaq minn kulħadd.

### *Radju u televiżjoni*

54. Fl-aħħarnett, dawk l-insara, minħabba xi mard, diżabbiltà jew xi kawża oħra serja, ma jistgħux jissieħbu fil-Quddiesa, jistgħu jingħaqdu safejn jistgħu, maċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd, mill-bogħod, preferibilment bl-għajnuna tal-qari u tat-talb ta' dakinhar permezz tal-messalin, u wkoll bix-xewqa ta' l-Ewkaristija.[97] F'xi pajjiżi r-radju u t-televiżjoni jgħinu biex dawn jingħaqdu maċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija li tkun qed issir minn xi post qaddis.[98] Veru la b'din is-sura ta' trasmissjoni wieħed ma jkunx jaqdi d-dmir tal-Ħadd, li jitlob is-sehem fil-ġemgħa ta' l-aħwa, miġburin flimkien f'post wieħed, fejn jista' jsir it-tqarbin. Iżda għal dawk li ma jistgħux jieħdu sehem fl-Ewkaristija u għalhekk huma eżenti mill-obbligu, ir-radju u t-televiżjoni jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira għalihom, speċjalment jekk jistgħu jgawdu mis-servizz ġeneruż tal-ministri straordinarji li jwasslu l-Ewkaristija lill-morda, u jġibulhom t-tislija u s-solidarjetà tal-komunità kollha. Il-Quddiesa tal-Ħadd tagħti kotra ta' frott, lil dawn l-insara wkoll, għaliex huma wkoll jistgħu jħossu li l-Ħadd hu għalihom ukoll "Jum il-Mulej" u "jum il-Knisja".

## Kap IV

# Dies Hominis

## Il-Ħadd Jum ta' ferħ, hena u solidarjetà

### *Il-ferħ sħiħ ta' Kristu*

55. "Henjin dawk li għollew il-jum il-kbir tal-Ħadd 'il fuq mill-jiem l-oħra kollha. Is-smewwiet u l-art, l-anġli u l-bnedmin jifirħu b'hena bla qjies".[99] Din l-għajta tal-liturġija Maronita turi sewwa liema qawwa għandu l-għajat ta' ferħ li minn dejjem kien il-karatteristika tal-Ħadd fil-liturġiji tal-Lvant u tal-Punent. Barra dan, storikament – qabel stess ma l-Ħadd ġie meqjus bħala jum ta' mistrieħ, ħaġa li fiha qatt ma ħaseb il-kalendarju ċivili – l-insara dejjem iċċelebraw il-jum tal-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet, bħala jum ta' ferħ kbir. "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa, intom ilkoll għandkom tifirħu", tgħid id-**Didascalia**.[100] Dan kienet titolbu wkoll id-drawwa liturġika bl-għażla ta' gesti adatti.[101] Huwa u jfakkar dan l-għarfien fil-Knisja kollha, Santu Wistin jiddeskrivi il-ferħ ta' l-Għid ta' kull ġimgħa b'dan il-kliem: "Sawm ma jkunx hemm, it-talb jingħad bil-

wieqfa, bħala sinjal tal-qawmien mill-imwiet, u huwa għalhekk ukoll li l-Hallelujah titkanta kull nhar ta' Ħadd".[102]

56. Barra mis-suriet ritwali partikolari, li jvarjaw minn żmien għal żmien u jiddependu mid-dixxiplina tal-Knisja, hemm il-fatt li l-Ħadd, li jfakkar kull ġimgħa l-ewwel laqgħa tad-dixxipli mal-Mulej, dejjem juri l-ferħ li ħassew id-dixxipli meta raw il-Mulej u sellmulu: "Id-dixxipli ferħu meta raw il-Mulej" (Ġw 20, 20). Dan iwettaq il-kliem li qal Ġesù qabel il-passjoni tiegħu u li baqa' jidwi f'kull ġenerazzjoni: "Għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jinbidel f'hena" (Ġw 16, 20). Forsi ma talabx hu stess għal dan, biex id-dixxipli jkollhom "il-milja tal-ferħ" (ara Ġw 17, 13)? Il-karattru festiv ta' l-Ewkaristija tal-Ħadd turi l-ferħ li Kristu jwassal lill-Knisja bid-don ta' l-Ispirtu. L-hena hu wieħed mill-frottijiet ta' l-Ispirtu (ara Rum 14, 17; Gal 5, 27).

57. Mela jekk irridu nkunu nafu mill-ġdid it-tifsir sħiħ tal-Ħadd, irridu nerġgħu nsibu d-dimensjoni tal-ħajja tal-fidi. Hi ħaġa żgura li, dan il-ferħ irid jinħass tul ħajjitna kollha, u mhux biss f'jum wieħed tal-ġimgħa. Iżda, minħabba li l-Ħadd hu **l-jum ta' Kristu rxoxt** u jiċċelebra x-xogħol ta' Alla fil-ħolqien, u "l-ħolqien ġdid", il-Ħadd hu jum ta' ferħ b'mod speċjali, anzi hu l-jum l-aktar adatt biex nitgħallmu x'inhu l-ferħ u x'inhi n-natura vera tiegħu u l-għeruq fil-fond tiegħu. M'għandniex naħsbu li l-ferħ hu l-istess ħaġa bħas-sentiment fieragħ ta' sodisfazzjon u ta' pjaċir, li jferraħ is-sensi u l-emozzjonijiet għal ftit mumenti, imma jħalli fil-qalb nuqqas ta' sodisfazzjon u mrar. Fil-fehma ta' l-insara, il-ferħ jibqa' u jfarraġ, kif jixhdu l-qaddisin, u tista' ssibu wkoll waqt il-lejl mudlam tat-tbatija.[103] B'ċertu mod hu "virtù" li wieħed għandu jgħożż .

58. Iżda ma hemm ebda oppożizzjoni bejn il-ferħ nisrani u l-ferħ uman veru, li fil-fatt jogħla 'l fuq u għandu s-sisien ewlenija tiegħu proprju fil-ferħ ta' Kristu glorifikat, xbieha perfetta u rivelata tal-bniedem, kif riedu Alla. Kif kiteb Pawlu VI, il-Papa ta' qabli, fl-eżortazzjoni tiegħu dwar il-ferħ nisrani: "Fl-essenza tiegħu, il-ferħ nisrani huwa tisħib fil-ferħ bla qjies, divin u uman fl-istess waqt, li jinsab fil-qalb ta' Kristu glorjuż".[104] Il-Papa Pawlu VI temm l-eżortazzjoni tiegħu billi talab li f'Jum il-Mulej il-Knisja taghti xhieda qawwija tal-ferħ li ħassew l-Appostli meta raw il-Mulej fil-lejl ta' l-Għid. Għal dan il-għan, hu ħeġġeġ lir-ragħajja biex jinsistu fuq il-ħtieġa li l-imgħammdin kollha jiċċelebraw bil-ferħ l-Ewkaristija tal-Ħadd.

Kif qatt setgħu jħallu fil-ġenb din il-laqgħa, din l-ikla li Kristu jħejji b'imħabba għalina? Jalla t-tisħib tagħna fiha jkun jixraq u kollu ferħ! Hu

Kristu, imsallab u glorifikat, li jiġi fost id-dixxipli tiegħu, biex imexxihom ilkoll flimkien għat-tiġdid tal-Qawmien tiegħu mill-imwiet. Dan huwa l-qofol, hawn fid-dinja, tal-patt ta' mħabba bejn Alla u l-poplu tiegħu: is-sinjal u l-bidu tal-ferħ nisrani, pass 'il quddiem fil-mixi lejn il-festa ta' dejjem".[105] Din id-dehra ta' fidi turi li l-Ħadd nisrani hu tassew "żmien ta' ċelebrazzjoni", jum mogħti minn Alla lill-bnedmin għall-kobor sħiħ tagħhom, uman u spiritwali.

## *Il-milja tas-Sibt*

59. Dan l-aspett tal-Ħadd nisrani juri b'mod speċjali kif il-Ħadd iwettaq is-Sibt tal-Patt il-Qadim. F'Jum il-Mulej, kif ġa għedna, it-Testment il-Qadim jgħaqqad flimkien ix-xogħol tal-ħolqien (ara Ġen 2, 1-3; Es 20, 8-11) u l-Esodu (ara Dewt 5, 12-15), waqt li n-nisrani hu msejjaħ biex ihabbar il-ħolqien gdid u l-patt il-ġdid li seħħ bil-misteru ta' l-Għid ta' Kristu. Iċ-ċelebrazzjoni tal-ħolqien ma tneħħitx, imma saret aktar għolja f'dehra Kristoċentrika, għax bdiet tidher fid-dawl ta' Alla li "jiġbor kollox fi Kristu kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema" (Ef 1, 10). It-tifkira tal-ħelsien fl-Esodu wkoll tikseb tifsir sħiħ malli ssir tifkira tal-ħelsien li kiseb Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Il-Ħadd ma ħax post is-Sibt imma wettqu u temmu u f'ċertu sens tawlu u wrieh fis-sħuħija kollha tiegħu fl-iżvilupp ordnat ta' l-istorja tas-salvazzjoni, li tilħaq il-milja tagħha fi Kristu.

60. Fid-dawl ta' dan, it-teoloġija bibblika tas-Sibt terġa' tingħaraf fis-sħuħija kollha tagħha, mingħajr ma tnaqqas xejn mill-karattru nisrani tal-Ħadd. Hi teoloġija li bla heda treġġagħna lura, mimlijin stagħġib, lejn il-misteru tal-bidu, meta l-Kelma ta' Alla ta' dejjem b'għemil ħieles ta' mħabba, ħolqot id-dinja mix-xejn. Ix-xogħol tal-ħolqien ġie siġillat bil-barka u l-konsagrazzjoni tal-jum li fih Alla "waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li kien għamel fil-ħolqien" (Ġen 2, 3). Jum il-mistrieħ ta' Alla jagħti tifsir liż-żmien, li fir-ritmu regolari ta' ġimgħa wara oħra, ikollu mhux biss regolarità kronoloġika imma wkoll, biex ngħidu hekk, risonanza teoloġika. Is-**shabbat**, li dejjem jerġa' jiġi, warrab is-sogru li ż-żmien jingħalaq fih innifsu, għax jibqa' dejjem miftuħ għall-eternità huwa u jilqa' 'l Alla u lil **kairoi** tiegħu – jiġifieri l-mument tal-grazzja u ta' l-għemil salvifiku tiegħu.

61. Bħala s-seba' jum, imbierek u konsagrat minn Alla, is-"Shabbat" itemm ix-xogħol kollu tal-ħolqien u għalhekk hu minnufih marbut max-xogħol tas-sitt jum, meta Alla ħalaq il-bniedem "fuq is-sura u x-xbieha tiegħu" (ara Ġen 1, 26). Din ir-rabta hekk mill-qrib bejn "Jum Alla" u "l-

jum il-bniedem" intebħu biha Missirijiet il-Knisja fil-meditazzjoni tagħhom tal-ġrajja bibblika tal-ħolqien. Dwar dan San Ambroġ jikteb: "Ħajr mela lil Alla Sidna li temm xogħol li fih seta' jsib mistrieħ. Ħalaq is-smewwiet, iżda mkien ma naqraw li fihom sab il-mistrieħ tiegħu; għamel il-kwiekeb, ix-xemx u l-qamar u lanqas hawn ma naqraw li sab il-mistrieħ tiegħu fihom. Iżda naqraw li għamel il-bniedem u mbagħad strah, huwa u jsib fih xi ħadd li seta' joffrilu l-maħfra ta' dnubietu".[106] Għalhekk dejjem se jkun hemm rabta diretta bejn "il-jum ta' Alla" u "jum il-bniedem". Meta l-kmandament ta' Alla jgħid: "Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu" (Es 20, 8) il-mistrieħ ordnat biex jingħata ġieħ lill-jum lil Alla bla ebda mod ma hu xi toqol fuq il-bniedem, imma għajnuna biex jagħraf li jiddependi għal kollox minn Alla għall-ħajja u għall-ħelsien tiegħu, u fl-istess waqt jagħraf is-sejħa tiegħu biex jissieħeb fix-xogħol tal-Ħallieq u jikseb il-grazzja tiegħu. Meta jagħti ġieħ lill-"mistrieħ" ta' Alla, il-bniedem isib lilu nnifsu kollu kemm hu, u hekk Jum il-Mulej ikollu s-sinjal kbir tal-barka ta' Alla (ara Ġen 2, 3) li biha, nistgħu ngħidu, jistagħna b'sura bħal dik li biha jistagħnu l-annimali u l-istess bniedem, b'sura ta' fertilità" (ara Ġen 1, 22.28). Din il-fertilità tidher fuq kollox fil-mili u, f'ċertu sens, fit-tkattir taż-żmien innifsu, bit-tkattir fil-bnedmin kollha tal-ferħ tal-ħajja u tax-xewqa li ġġib 'il quddiem u tagħti l-ħajja.

62. Hu għalhekk dmir l-insara li jiftakru li, għalkemm ma għadhomx isiru l-għemejjel marbutin mas-Sibt Lhudi, għax daħlet flokhom il-"milja" li jġib il-Ħadd, ir-raġunijiet għaliex għandna nqaddsu jum il-Ħadd – imniżżlin b'mod solenni fl-għaxar kmandamenti – għadhom jiswew, għalkemm iridu jitfissru mill-ġdid fid-dawl tat-teoloġija u l-ispiritwalità tal-Ħadd: "Ħares jum is-Sibt u qaddsu, bħalma ordnalek il-Mulej Alla tiegħek. Sitt ijiem tista' taħdem u tagħmel ix-xogħol kollu tiegħek. Imma s-seba' jum hu l-mistrieħ tal-Mulej, Alla tiegħek: ebda xogħol ma għandek tagħmel dakinhar, la int, la ibnek u lanqas bintek; la l-qaddej u lanqas il-qaddejja tiegħek; la l-barri, la l-ħmar u ebda waħda mill-bhejjem tiegħek; lanqas il-barrani li jgħix f'beltek, ħalli jistrieħu bħalek il-qaddejja tiegħek, irġiel u nisa. Ftakar li int kont ilsir fl-art ta' l-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħek, ħarġek minn hemm b'id qawwija u driegħ merfugħ: għalhekk il-Mulej Alla tiegħek, ordnalek li tħares jum is-Sibt" (Dewt 5, 12-15). Hawn il-ħarsien tas-Sibt hu marbut sewwa mal-ħelsien li Alla ta lill-poplu tiegħu.

63. Kristu ġie biex jagħmel "Esodu" ġdid, biex jagħti ħelsien lill-maħqurin . Fejjaq ħafna f'jum is-Sibt (ara Mt12, 9-14 u siltiet oħra bħalu): żgur dan għamlu mhux biex jikser Jum il-Mulej, imma biex juri t-tifsir sħiħ

tiegħu: "Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt" (Mk2, 27). Huwa u jeħodha kontra t-tifsira legalistika dejqa ħafna li xi wħud minn nies ta' żmienu jagħtu lis-Sibt bibbliku, Ġesù, bħala "Sid is-Sibt" (Mk2, 28), jerġa' jagħti lill-ħarsien tas-Sibt il-karattru tiegħu ta' ħelsien, huwa u jħares bla mittiefsa d-dmirijiet u d-drittijiet tal-bniedem. Hu għalhekk li l-insara, imsejħin biex iħabbru l-ħelsien mirbuħ bid-demm ta' Kristu, ħassew li kelhom is-setgħa li jgħaddu għall-Ħadd il-qawmien mill-imwiet it-tifsira tas-Sibt. L-Għid tal-Mulej ħeles il-bniedem minn jasar aktar kiefer minn dak li bih kien mgħobbi "poplu maħqur" – il-jasar tad-dnub, li jbiegħed lill-bniedem minn Alla, minnu nnifsu u mill-oħrajn u bla heda jiżra' fil-ġrajja tal-bniedem iż-żerriegħa tal-ħażen u tal-vjolenza.

## *Jum il-mistrieħ*

64. Għal mijiet ta' snin l-insara ħarsu l-Ħadd biss bħala jum ta' qima, mingħajr qatt ma taw tifsira speċifika għall-mistrieħ tas-Sibt għax ma setgħux. Mir-raba' seklu biss il-liġi ċivili ta' l-Imperu Ruman għarfet ir-ritmu tal-ġimgħat, u riedet li f'jum ix-xemx l-imħallfin, in-nies ta' l-ibliet u l-ħafna għaqdiet tal-ħaddiema ma jaħdmux.[107] L-insara ferħu jaraw jitwarrab it-tfixkil li sa dak iż-żmien xi drabi kien jagħmlilhom erojku l-ħarsien ta' Jum il-Mulej. Issa setgħu jiddedikaw ruħhom għat-talb flimkien, bla ebda tfixkil.[108]

Ikun żball tqis il-liġijiet dwar ir-ritmu tal-ġimgħat biss bħala ċirkostanza storika bla ebda tifsir għall-Knisja li għalhekk setgħet twarrabha fil-ġenb. Iżda wkoll wara l-waqgħa ta' l-Imperu Ruman, il-Knisja baqgħet tinsisti fuq l-arranġamenti li kien hemm dwar il-mistrieħ tal-Ħadd. Fil-pajjiżi fejn l-insara huma minoranza u l-festi tal-kalendarju ċivili ma jaqblux mal-Ħadd, huwa dejjem il-Ħadd li jibqa' Jum il-Mulej, il-jum li fih l-insara jinġabru flimkien għall-ġemgħa ewkaristika. Iżda dan jista' jitlob ħafna sagrifiċċji. Għall-insara m'hijiex ħaġa normali li l-Ħadd, li hu jum ta' ċelebrazzjoni u ta' ferħ ma jkunx ukoll jum ta' mistrieħ, u hi ħaġa diffiċli għalihom iqaddsu l-Ħadd meta ma għandhomx żmien liberu biżżejjed.

65. Min-naħa l-oħra, ir-rabta bejn Jum il-Mulej u l-jum ta' mistrieħ fis-soċjetà ċivili għandha tifsir u importanza li jmorru 'l hemm mill-fehma vera nisranija. L-alternanza bejn xogħol u mistrieħ, li hi fin-natura stess tal-bniedem, iridha Alla nnifsu, kif tidher mill-ġrajja tal-ħolqien fil-Ktieb tal-Ġenesi (ara 2, 2-3; Es 20, 8-11): il-mistrieħ hu xi ħaġa "qaddisa", għaliex hu dik is-sura li biha l-bniedem jitwarrab mix-xogħol, xi kultant impenjattiv

ħafna fuq l-art, biex jerġa' jintebaħ li kollox hu ħidma ta' Alla. Hemm periklu li s-setgħat ta' l-għaġeb fuq il-ħolqien li Alla ta lill-bniedem, jistgħu jwasslu biex il-bniedem jinsa li Alla hu l-Ħallieq li minnu kollox jiddependi. Hi xi ħaġa aktar urġenti fi żmienna li aħna nagħarfu din id-dipendenza, meta x-xjenza u t-teknoloġija żiedu b'mod tassew ta' l-għaġeb s-setgħa li l-bniedem jista' jħaddem bix-xogħol tiegħu.

66. Fl-aħħarnett, ma għandniex ninsew li fi żmienna wkoll ix-xogħol hu ħaġa iebsa ħafna għal kotra l-kbira tan-nies, kemm minħabba l-qagħda iebsa tax-xogħol u t-tul tas-sigħat – speċjalment fir-reġjonijiet l-aktar foqra tad-dinja u kemm għaliex, fis-soċjetajiet l-aktar żviluppati ekonomikament, għad fadal ħafna każijiet ta' inġustizzja u ta' sfruttament tal-bniedem minn bnedmin oħra. Meta l-Knisja, tul iż-żminijiet, għamlet liġijiet dwar il-mistrieħ tal-Ħadd,[109] dejjem kellha fi ħsiebha l-aktar ix-xogħol tal-qaddejja u tal-ħaddiema, iżda dan żgur mhux għax dan ix-xogħol hu inqas ta' siwi imqabbel mal-ħtiġijiet spiritwali tal-ħarsien tal-Ħadd, imma għax riedet tirregolah aktar biex tħaffiflu t-toqol u kulħadd ikun jista' jqaddes Jum il-Mulej. F'din il-ħaġa, il-Papa Ljun XIII fl-enċiklika *Rrum novarum* tkellem dwar il-mistrieħ tal-Ħadd bħala dritt tal-ħaddiema, li għandu jkun garantit mill-Istat.[110]

Fil-kuntest storiku tagħna hemm dejjem id-dmir li kulħad ikun żgurat li jista' jgawdi dak il-ħelsien u dak il-mistrieħ li titlob id-dinjità tal-bniedem, flimkien mal-ħtiġijiet reliġjużi, familjari, kulturali u interpersonali li jmorru magħhom; u li diffiċli li wieħed jissodisfahom jekk ma jkunx hemm almenu ġurnata fil-ġimgħa li fiha n-nies ikunu jistgħu kemm jistrieħu u kemm jiċċelebraw. Naturalment, id-dritt tal-ħaddiema għall-mistrieħ jissopponi d-dritt għax-xogħol, u, aħna u naħsbu fuq il-fehma nisranija tal-Ħadd, ma jistax ikun li ma niftakrux, b'sens kbir ta' solidarjetà, fit-tbatija ta' tant u tant irġiel u nisa li għax qiegħda, bilfors ma jistgħux jaħdmu lanqas fil-ġranet tax-xogħol.

67. Bil-mistrieħ tal-Ħadd il-ħsibijiet u l-ħidmiet ta' kuljum jistgħu jidhru fil-verità proprja tagħhom: il-ħwejjeġ materjali li jinkwetana jċedu posthom għall-valuri spiritwali; f'laqgħat u fi djalogu hieni nkunu nistgħu naraw il-wiċċ veru tan-nies li magħhom qed ngħixu. Il-ġmiel ukoll tan-natura – spiss imħassar bil-ħsieb ta' l-isfruttament, li jispiċċa biex ikun ta' ħsara għall-bniedem innifsu – nerġgħu nagħrfuh u ngawduh sewwa. Bħala l-jum li fih il-bniedem hu paċi ma' Alla, miegħu nnifsu u ma' l-oħrajn, il-Ħadd isir mument li fih in-nies jistgħu jerġgħu jħarsu lejn l-għeġubijiet tan-natura u jħallu taħtafhom l-armonija ta' l-għaġeb u misterjuża, li fi kliem San Ambroġ tgħaqqad flimkien il-ħafna elementi

ta' l-univers "f'rabta ta' għaqda u sliem", permezz tal-liġi li ma titħassar qatt, iħossu aktar fil-fond li kif jgħid l-Appostlu, "kull ma ħalaq Alla hu tajjeb u xejn ma għandu jintrema jekk jiġi milqugħ b'radd il-ħajr, għaliex imbagħad ikun konsagrat bil-kelma ta' Alla u bit-talb" (ITim 41, 4-5). Jekk wara sitt ijiem xogħol – li llum saru ħamsa għal ħafna nies – il-bnedmin ifittxu żmien ta' mistrieħ u jinteressaw ruħhom aktar fl-aspetti l-oħra ta' ħajjithom, ikunu qed juru ħtieġa vera, ħtieġa li hi f'armonija perfetta mal-viżjoni tal-messaġġ evanġeliku. Dawk li jemmnu huma msejħin biex jissodisfaw din il-ħtieġa b'mod li jaqbel u jkun konsistenti mal-fidi personali u komunitarja tagħhom, kif tfisser iċ-ċelebrazzjoni u l-qdusija ta' Jum il-Mulej.

Mela, ukoll fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' żmienna, l-insara naturalment għandhom iħabirku biex il-leġislazzjoni ċivili tirrispettalhom id-dmir li jqaddsu l-Ħadd. Hu x'inhu, huma għandhom dmir fil-kuxjenza li jirranġaw il-mistrieħ tagħhom tal-Ħadd b'mod li jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-Ewkaristija, billi ma jagħmlux xogħol u attivitajiet li ma jaqblux mal-qdusija ta' Jum il-Mulej, bil-ferħ proprju tiegħu u bil-mistrieħ meħtieġ tar-ruħ u l-ġisem. [112]

68. Biex il-mistrieħ ma jispiċċax li jkun żmien vojt u ta' dwejjaq, irid joffri għana spiritwali, aktar libertà u opportunitajiet ta' kontemplazzjoni u ta' xirka bejn l-aħwa. Għalhekk, mill-ħafna suriet ta' kultura u rikreazzjoni li s-soċjetà toffri, l-insara għandhom jagħżlu dawk li aktar jaqblu mal-ħajja li jgħixu skond il-preċetti ta' l-Evanġelju. Il-mistrieħ tal-Ħadd imbagħad isir "profetiku", għax iħabbar mhux biss il-primat assolut ta' Alla, imma wkoll il-primat u d-dinjità tal-persuna b'relazzjoni għal dak li titlob il-ħajja soċjali u ekonomika, waqt li tkun tantiċipa b'xi mod is-smewwiet ġodda u l-art ġdida fejn il-ħelsien mill-jasar tal-ħtiġijiet ikun sħiħ u jispiċċa darba għal dejjem. Fi ftit kliem Jum il-Mulej, isir ukoll **jum il-bniedem** b'mod l-aktar veru.

## *Jum ta' solidarjetà*

69. Il-Ħadd għandu jkun għall-insara okkażjoni biex wieħed jagħmel għemejjel ta' ħniena, imħabba u appostolat. Tħoss il-ferħ ta' Kristu rxoxt fil-fond ta' qalbek ifisser li tkun tissieħeb għal kollox miegħu fl-imħabba li tħabbat f'qalbu: Ma hemmx ferħ bla mħabba! Ġesù stess ifissru dan meta jorbot "il-kmandament ġdid" mad-don tal-ferħ: "Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi intom tibqgħu f'imħabbti, kif jien ħarist il-kmadamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu. Għedtilhom dan biex il-ferħ tiegħi jkun

fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ. Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw 15, 10-12).

Mela l-Ewkaristija tal-Ħadd mhux biss ma teħlisx lill-insara mid-dmir ta' l-imħabba imma għall-kuntrarju timpenjahom wisq aktar "fl-għemejjel ta' mħabba, ta' ħniena, ta' appostolat, li bihom il-fidili ta' Kristu jidhru li m'humiex ta' din id-dinja, iżda huma d-dawl tad-dinja, huma u jagħtu glorja lill-Missier quddiem id-dinja".[113]

70. Minn żmien l-Appostli, il-ġemgħa tal-Ħadd kienet mument ta' qsim bejn l-aħwa l-aktar jekk foqra. "Fl-ewwel jum tal-ġimgħa kull wieħed minnkom iwarrab xi ħaġa u jfaddal skond ma jista'" (Kor 16, 2) jgħid San Pawl, huwa u jsemmi l-ġabra li kienet issir għall-knejjes foqra tal-Lhudija. Fl-Ewkaristija tal-Ħadd, il-qalb ta' min jemmen trid tinfetaħ beraħ biex tħaddan id-dimensjoni kollha tal-Knisja. Iżda l-istedina ta' l-Appostlu trid tiġi milqugħa fl-estensjoni kollha tagħha: aktar milli joħloq mentalità magħluqa ta' "xi għotja" (tagħti xi ħaġa żgħira xi darba), San Pawl ried jistieden għall-**kultura ta' qsim tal-ġid** impenjattiva, li jridu jgħixuha mhux biss il-membri tal-komunità imma s-soċjetà kollha kemm hi.[114]

Wisq aktar jeħtieġ nerġgħu nisimgħu t-twissija severa li San Pawl jagħmel lill-Korintin, ħatja li umiljaw lill-foqra fl-**agape** bejn l-aħwa wara li kienu ssieħbu fl-Ikla tal-Mulej: "Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu. Għax kull wieħed minnkom iġib, jaqbad u jiekol l-ikel tiegħu; wieħed mill-ġuħ u l-ieħor fis-sakra. Ma għandkomx djar fejn tieklu u tixorbu? Jew tridu twaqqgħu fl-għajb il-Knisja ta' Alla u ġġiegħelu jistħu lil dawk li m'għandhomx?" (IKor 11, 20-22). Hekk ukoll hu qawwi kliem l-Appostlu San Ġakbu: "Jekk fil-laqgħat tagħkom jidħol xi ħadd biċ-ċrieket tad-deheb f'subgħajh u b'ilbies ilellex, imbagħad jidħol xi ħadd ieħor fqir libes imċerċer, u intom idduru ma' dak liebes ilellex u tgħidulu: Int oqgħod komdu bilqiegħda, waqt li lill-fqir tgħidulu: Int oqgħod bil-wieqfa, jew: Int oqgħod bilqiegħda fuq il-mirfes ta' riġlejja', ma jidhrilkomx li intom tkunu qegħdin tagħmlu għażla bejniethom, u hekk issiru mħallfin qarrieqa?" (2, 2-4).

71. Dan il-kliem ta' l-Appostli nħass sewwa sa mill-ewwel żminijet u qanqal tweġib qawwi fil-predikazzjoni ta' Missirijiet il-Knisja. San Ambroġ kellu kliem jaħraq għall-għonja li kienu jippretendu jaqdu d-dmirijiet reliġjużi tagħhom billi jmorru l-knisja mingħajr ma jaqsmu ġidhom mal-foqra, meta ma kinux jaħqruhom ukoll. "Tisma', ja għani, x'jgħid il-Mulej? U int tiġi l-knisja mhux biex tagħti xi ħaġa lil min hu fqir, imma biex tieħu

xi ħaġa".[115] Mhux inqas kien esiġenti San Ġwann Griżostmu: "Trid tagħti ġieħ lill-ġisem ta' Kristu? Twarrbux fil-ġenb meta hu għeri. Tagħtihx ġieħ hawn fit-tempju bi drappijiet tal-ħarir, biex imbagħad twarrbu fil-ġenb meta hu barra jbati l-bard, u huwa għeri. Dak li qal: "Dan hu ġismi" huwa dak l-istess wieħed li qal: Rajtuni bil-ġuħ u ma tmajtunix', u 'Kull ma għamiltu ma' l-iċken fost dawn ħuti għamiltuh miegħi'... X'tiswa mejda ewkaristika mgħobbija b'kalċijiet tad-deheb meta barra Hu qed imut bil-ġuħ? L-ewwel xabba lil min hu bil-ġuħ, imbagħad b'dak li jifdallek tista' żżejjen l-artal".[116]

Dan hu kliem li bil-qawwa kollha jfakkar il-komunità nisranija bid-dmir tagħha li tagħmel mill-Ewkaristija l-post fejn il-fraternità ssir solidarjetà bil-fatti, fejn dawk li huma l-aħħar ikunu l-ewwel fil-ħsieb u l-imħabba ta' l-aħwa, fejn Kristu nnifsu, permezz tad-don ġeneruż magħmul mill-għonja lill-foqra, b'xi mod ikun jista' jkompli tul iż-żmien il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż.[117]

72. L-Ewkaristija hi fatt u programm ta' fraternità. Mill-Quddiesa tal-Ħadd toħroġ mewġa ta' mħabba li trid tinxtered fil-ħajja kollha ta' l-insara, u tibda billi tispira l-mod kif għandhom jgħixu l-bqija tal-Ħadd. Jekk il-Ħadd hu jum ta' ferħ, jeħtieġ li n-nisrani, bil-fatti u bl-imġiba tiegħu, juri li ma jistax ikun ferħan "waħdu". Iħares madwaru, biex jara min jeħtieġ l-għajnuna u s-solidarjetà tiegħu. Jista' jigri li fl-ambjent madwaru u fost in-nies li jaf hemm morda, xjuħ, tfal, immigrati li jintebħu proprju nhar ta' Ħadd kemm hu aktar kiefer il-fatt li jinsabu waħedhom, li huma neqsin minn kollox, li qegħdin ibatu. Żgur li l-impenji favur tagħhom ma għandhomx ikunu biss x'inizjattiva ta' darba f'xi Ħadd. Iżda jeħtieġ qagħda ta' mpenn sħiħ: għaliex jum il-Ħadd ma għandux ikun jum ta' qsim ta' ġid akbar fost l-aħwa, b'kull xorta ta' inizjattivi, li l-karità nisranija kapaċi toħloq? Tistieden għall-ikla tal-Ħadd xi persuna waħedha, iżżur il-morda, tipprovdi l-ikel għal xi familja fil-bżonn, tagħti xi siegħa ta' ħidma f'inizjattivi ta' volontarjat u ta' solidarjetà, dawn żgur huma kollha mezzi biex twassal l-imħabba ta' Kristu, li tinkiseb mill-mejda ewkaristika, fil-ħajja tan-nies.

73. Meta wieħed jgħix il-Ħadd b'dan il-mod, mhux biss l-Ewkaristija tal-Ħadd imma l-Ħadd kollu kemm hu jsir skola ta' mħabba, ta' ġustizzja u ta' sliem. Il-preżenza ta' Kristu rxoxt fost dawk li huma tiegħu, issir programm ta' solidarjetà, ħtieġa ta' tiġdid fir-ruħ, ħerqa għat-tibdil ta' l-istrutturi tad-dnub li fihom l-individwi, il-komunitajiet u xi drabi popli sħaħ isibu ruħhom. Il-Ħadd nisrani aktar minn ħarba mid-dinja hu

"profezija", miktuba fiż-żmien, profezija li tobbliga lil kull mn jemmen biex jimxi wara Kristu, li ġie fid-dinja biex jagħti "il-ħelsien lill-imjassrin, iwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, id-dawl mill-ġdid lill-għomja, irodd il-ħelsien lill-maħqurin, u jxandar sena ta' grazzja tal-Mulej" (Lq 4, 18-19). In-nisrani, huwa u jitgħallem minn Kristu, fit-tifkira kull nhar ta' Ħadd ta' l-Għid tal-Mulej, u huwa u jiftakar fil-wegħda tal-Mulej: 'Jiena nħallilkom is-sliem, nagħtikom is-sliem tiegħi' (Ġw 14, 27), isir hu stess **ħaddiem tas-sliem.**

## Kap V

# Dies Dierum

## Il-Ħadd, il-festa ewlenija li turi x'ifisser iż-żmien

### *Kristu, l-Alfa u l-Omega taż-żmien*

74. "Fil-Kristjaneżmu ż-żmien għandu importanza fundamentali. Maż-żmien inħolqot id-dinja, fiż-żmien isseħħ il-ġrajja tas-salvazzjoni, li tilħaq il-qofol tagħha "fil-milja taż-żmien" ta' l-Inkarnazzjoni waqt li l-għan ta' l-aħħar tiegħu hu t-tieni miġja ta' l-Iben ta' Alla fil-glorja fl-aħħar taż-żmien. F'Ġesù Kristu, il-Verb ta' Alla magħmul bniedem, iż-żmien jieħu d-dimensjoni ta' Alla li fih innifsu hu bla żmien".[118]

Is-snin tal-ħajja ta' Kristu fid-dinja, fid-dawl tat-Testment il-Ġdid, huma tassew ċ-ċentru taż-żmien. Dan iċ-ċentru taż-żmien jilħaq il-qofol tiegħu fil-qawmien mill-imwiet. Jekk hu minnu li Alla sar bniedem mill-ewwel mument li tnissel fil-ġuf tal-Verġni mqaddsa, hu veru wkoll li biss bil-qawmien mill-imwiet l-umanità ġiet kollha kemm hi trasfigurata u glorifikata, u hekk dehret fiha l-identità u l-glorja divina fil-milja kollha tagħha. Fid-diskors li San Pawl għamel fis-sinagoga ta' Antjokija ta' Pisidija, (ara Atti 1, 33) applika għall-qawmien mill-imwiet ta' Kristu kliem it-tieni Salm: "Ibni int, jien illum nissiltek". Hu proprju għalhekk li fil-Vġili ta' l-Għid il-Knisja turina lil Kristu rxoxt bħala "l-Bidu u t-Tmiem, l-Alfa u l-Omega." Dan il-kliem li jgħid iċ-ċelebrant huwa u jħejji l-blandun, li fuqu tiġi minquxa s-sena li tkun, juri ċar li Kristu hu Sid iż-żmien, hu l-bidu u t-tmiem tiegħu; kull sena, kull jum, kull mument jitħaddnu mill-Inkarnazzjoni u mill-qawmien mill-imwiet biex hekk isibu posthom "fil-milja taż-żminijiet".[119]

75. Għaliex il-Ħadd hu l-Għid ta' kull ġimgħa, li fih jiġi mfakkar u jseħħ il-jum li fih Kristu qam mill-imwiet, hu wkoll il-jum li juri x'inhu ż-żmien. Ma għandu xejn x'jaqsam maċ-ċikli kosmiċi li r-reliġjon naturali u l-kultura umana jqisuhom bħala dawk li jirregolaw ir-ritmu taż-żmien, u forsi jaħsbu wkoll fuq il-ħrafa li d-dinja tibqa' tintemm u terġa' ssir eternament. Il-Ħadd nisrani hu xi ħaġa għal kollox differenti. Il-Ħadd nisrani, li joħroġ mill-qawmien mill-imwiet ta' Kristu, jgħaddi minn nofs iż-żmien tal-bniedem, mix-xhur, is-snin u s-sekli, bħal vleġġa li turihom it-triq u tmexxihom lejn il-mument tat-tieni miġja ta' Kristu. Il-Ħadd hu xbieha minn qabel ta' l-aħħar jum, tal-Parusia, li b'xi mod ġa ġiet antiċipata mill-glorja ta' Kristu fil-qawmien mill-imwiet.

Fil-fatt kulma jiġri, sa l-aħħar tad-dinja, ma huwiex ħlief estensjoni u espliċitazzjoni ta' dak li seħħ fil-jum li fih il-ġisem martirizzat ta' l-Imsallab, irxoxta bil-qawwa ta' l-Ispirtu u, min-naħa tiegħu sar ukoll fawwara ta' l-Ispirtu għall-ġens kollu tal-bnedmin. In-nisrani għalhekk jaf li ma għandux jistenna xi żmien ieħor ta' salvazzjoni, għax id-dinja, li ddum kemm se ddum fiż-żmien, ġa tinsab fl-aħħar taż-żmien. Mhux biss il-Knisja, imma l-univers ukoll u l-istorja huma kontinwament iggvernati u mmexxija minn Kristu glorifikat. Hi din il-qawwa ta' ħajja li qed timbutta 'l quddiem il-ħolqien, li "għadu jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas" (Rum 8, 22), lejn il-ħelsien sħiħ tiegħu. Il-bniedem għandu ħjiel dgħajjef ħafna ta' dan il-mixi; iżda l-insara għandhom il-muftieħ u ċ-ċertezza tiegħu, u t-tqaddis tal-Ħadd hu xhieda, tfisser ħafna, li l-insara huma msejħin biex jagħtu, għax iż-żmien tal-bniedem hu dejjem imwettaq mit-tama.

## *Il-Ħadd fis-sena liturġika*

76. Jekk jum il-Mulej, bir-ritmu tiegħu ta' kull ġimgħa, għandu l-għeruq tiegħu fit-tradizzjoni l-aktar antika tal-Knisja, u għandu importanza vitali għan-nisrani, hemm ritmu ieħor li ma damx wisq biex juri ruħu fil-Knisja: ir-ritmu tas-snin ta' sena wara oħra. Taqbel ħafna mal-psikoloġija tal-bniedem id-drawwa ta' l-anniversarji, li jsieħbu t-tifkira ta' ġrajjiet ta' l-imgħoddi mad-dati u l-istaġuni li fihom seħħu.

Meta mbagħad dawn il-ġrajjiet kienu fatti deċiżivi fil-ħajja tal-popli, hi ħaġa normali li kull meta tiġi d-data ta' dawn il-ġrajjiet, iġġib magħha s-sens ta' festa li jikser il-monotnija tal-ħajja ta' kull jum.

Issa l-ġrajjiet ewlenin li fuqhom timbena l-ħajja tal-Knisja kienu fil-ħsieb ta' Alla marbutin ma' l-Għid u ma' Għid il-Ħamsin, li bħala żewġ festi tal-Lhud ħabbru minn qabel il-festi nsara. Mit-tieni seklu, iċ-

ċelebrazzjoni kull sena mill-insara tal-festa ta' l-Għid, miżjuda maċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid kull ġimgħa, wasslet biex il-meditazzjoni fuq il-misteru ta' Kristu mejjet u rxoxt titwessa aktar. Il-festa ta' l-Għid, imħejjija b'sawma, u ċelebrata matul vġili twila u mtawla b'ħamsin jum sa Għid il-Ħamsin, saret "il-festa tal-festi kollha", u l-jum tad-dħul solenni tal-katekumeni fil-ħajja nisranija. Fil-fatt, huma bil-magħmudija jmutu għad-dnub u jqumu għal ħajja ġdida u dan għaliex Kristu "ġie mogħti għall-mewt għal dnubietna u mqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna" (Rum 4,25; ara 6, 3-11). Minħabba r-rabta intima mal-misteru ta' l-Għid, il-festa ta' Għid il-Ħamsin, li fiha niċċelebraw il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, miġburin flimkien ma' Marija, u l-bidu tal-missjoni ta' l-Appostli fost il-popli kollha tikseb importanza speċjali.[120]

77. Loġika kommemorattiva bħal din wasslet għall-istruttura tas-sena liturġika. Kif ifakkar il-Konċilju Vatikan II, il-Knisja riedet tqassam "il-misteru ta' Kristu mill-Inkarnazzjoni u l-Milied sat-tlugħ fis-sema, sa jum Għid il-Ħamsin, u l-mistennija tat-tama hienja tad-dehra tal-Mulej meta jerġa' jiġi. Il-Knisja, hija u tfakkar b'dan il-mod il-misteri tal-fidwa, tiftaħ għall-fidili tagħha t-teżori tal-qawwa u l-merti tal-Mulej, biex b'xi mod ikunu preżenti f'kull żmien, u l-fidili jkunu jistgħu jgawduhom u jimtlew bil-grazzja tas-salvazzjoni".[121]

Ċelebrazzjoni mill-aktar solenni wara l-Għid u Għid il-Ħamsin, hi l-Milied, li fih l-insara jaħsbu fuq il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni u jikkontemplaw il-Verb ta' Alla li għoġbu jsir bniedem bħalna biex jagħtina sehem min-natura tiegħu ta' Alla.

78. F'dan iċ-ċiklu ta' kull sena tal-misteri ta' Kristu, il-Knisja "tivvenera b'imħabba speċjali l-Verġni Marija, Omm Alla, marbuta b'mod li ma jinħall qatt ma' l-opra salvifika ta' Binha".[122] Hekk ukoll il-Knisja, hija u ddaħħal f'dan iċ-ċiklu ta' kull sena, fl-okkażjoni ta' l-anniversarji tagħhom, it-tifkira tal-Martri u tal-Qaddisin l-oħra, "ixxandar il-misteru ta' l-Għid fil-Qaddisin li batew ma' Kristu u miegħu ġew glorifikati".[123] It-tifkira tal-Qaddisin, ċelebrata skond l-ispirtu veru tal-liturġija, ma toskurax il-post ċentrali li għandu Kristu, anzi tgħollih, għax juri l-qawwa tal-fidwa tiegħu. Kif ikanta San Paolino ta' Nola: "Kollox jgħaddi, iżda l-glorja tal-Qaddisin tibqa' fi Kristu, li jġedded kollox, iżda hu jibqa' dejjem l-istess".[124] Din ir-relazzjoni intrinsika tal-glorja tal-Qaddisin ma' din ta' Kristu tinsab fl-istruttura stess tas-sena liturġika. U ssib l-espressjoni l-aktar għolja tagħha proprju fil-karattru fondamentali u dominanti tal-Ħadd bħala Jum il-Mulej. L-impenn ekklesjali u spiritwali tan-nisrani,

huwa u jgħix is-sena liturġika, fil-ħarsien tal-Ħdud li jirregolawha, ikollu għeruq fil-fond fi Kristu, li fih isib għaliex għandu jgħix u li minnu hu ispirat u jirċievi l-manteniment.

79. Il-Ħadd għalhekk jidher bħala l-mudell naturali biex nifhmu x'inhuma, u niċċelebraw, dawk is-solennitajiet tas-sena liturġika li għandhom siwi kbir għall-ħajja nisranija, siwi hekk kbir li l-Knisja riedet turih billi obbligat lill-insara f'nharhom għal tisħib fil-Quddiesa u l-mistrieħ mix-xogħol, minkejja li jiġu mhux f'xi Ħadd, imma ma' xi jum tal-ġimgħa.[125] L-għadd ta' dawn il-festi tbiddel kemm-il darba tul iż-żminijiet skond il-qagħdiet soċjali u ekonomiċi u skond l-għeruq tagħhom fit-tradizzjoni u l-appoġġ ta' l-awtoritajiet ċivili.[126]

Skond l-ordni kanoniko-liturġiku li hemm illum kull Konferenza Episkopali, minħabba ċ-ċirkostanzi proprji ta' kull pajjiż, tista' tnaqqas l-għadd tal-festi kmandati. Dawn id-deċiżjonijiet iridu jitwettqu b'approvazzjoni speċjali tas-Santa Sede[127] u f'dan il-kas iċ-ċelebrazzjoni ta' misteru tal-Mulej, bħalma huma l-Epifanija, Tlugħ il-Mulej fis-sema, u Corpus Christi jiġu trasferiti għall-Ħadd skond in-normi liturġiċi, biex l-insara ma jiġux imċaħħdin mill-meditazzjoni tagħhom.[128] Ir-Ragħajja ta' l-erwieħ għandhom ukoll iħossu d-dmir li jħeġġu l-fidili biex jissieħbu fil-Quddiesa fil-festi ta' ċerta importanza, li jiġu matul il-ġimgħa.[129]

80. Hi meħtieġa attenzjoni pastorali speċjali f'ħafna ċirkostanzi, meta minħabba tradizzjonijiet popolari u kulturali proprji ta' xi ambjent, jistgħu jidħlu fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd u ta' festi liturġiċi oħra u jitħalltu ma' l-ispirtu ta' fidi vera nisranija, elementi li ma għandhomx x'jaqsmu sew magħha u forsi jistgħu jisfigurawha. Dawn l-affarijiet iridu jiġu ċċarati permezz tal-katekeżi u ta' interventi pastorali f'waqthom, u jiġi mwarrab kull ma jaqbilx ma' l-Evanġelju ta' Kristu. Iżda ma għandu jintesa qatt li dawn it-tradizzjonijiet – u dan jgħodd ukoll għall-programmi kulturali ġodda tas-soċjetà ċivili – m'humiex neqsin xi valuri li jistgħu jiġu integrati bla ebda diffikultà ma' dak li titlob il-fidi. Hu dmir ir-Ragħajja li b'dixxerniment għaqli jżommu dawk il-valuri li jinsabu fil-kultura ta' xi ambjent soċjali determinat u l-aktar fir-reliġjosità popolari, b'mod li ċ-ċelebrazzjoni liturġika, speċjalment dik tal-Ħdud u l-festi, ma ġġarrabx ħsara, iżda tikseb benefiċċju u vantaġġi.[130]

# Għeluq

81. L-għana spiritwali u pastorali tal-Ħadd kif ġie mwassal lilna mit-tradizzjoni, hu tassew kbir. Meta jifhmu x'inhu t-tifsir u x'jitlob il-Ħadd fil-milja kollha tiegħu, b'xi mod naraw li huwa sintesi tal-ħajja kollha nisranija u kondizzjoni biex wieħed jgħix ħajja tajba. Dan juri b'mod ċar għaliex il-ħarsien tal-Ħadd hu tant għall-qalb tal-Knisja, u għaliex il-Ħadd baqa' obbligu gravi fid-dixxiplina tal-Knisja. Iżda aktar milli preċett, l-obbligu tal-Ħadd għandu jitqies bħala ħtieġa li toħroġ mill-fond tal-ħajja nisranija. Hu verament importanti li l-insara kollha jkunu konvinti li ma jistgħux jgħixu l-fidi tagħhom u jkollhom sehem sħiħ fil-ħajja tal-komunità nisranija jekk ma jissieħbux regolament mal-ġemgħa Ewkaristika tal-Ħadd. Fl-Ewkaristija sseħħ il-qima fil-milja kollha tagħha, dik il-qima li l-bnedmin kollha huma fid-dmir li jagħtu lil Alla, u li ma tistax tiġi mqabbla ma' ebda esperjenza reliġjuża oħra. Espressjoni tassew effikaċi ta' dan hi l-laqgħa tal-Ħadd tal-komunità kollha, hija u tobdi leħen il-Mulej imqajjem mill-imwiet li jistieden flimkien il-fidili tiegħu biex idawwalhom bil-kelma tiegħu u jmantnihom bil-Ġisem tiegħu, bħala għajn sagramentali tas-salvazzjoni li ma tieqaf qatt. Il-grazzja li tfawwar minn din l-għajn iġġedded il-bniedem, il-ħajja u l-istorja.

82. U b'din il-konvinzjoni hekk qawwija ta' fidi, u bl-għarfien tal-wirt ta' valuri umani li jiġu mill-ħarsien tal-Ħadd, li l-insara llum iridu jħabbtu wiċċhom mal-ħajriet ta' kultura li taċċetta l-ġid tal-mistrieħ u tal-ħin liberu, iżda li spiss tużahom b'mod superfiċjali u xi drabi titħajjar għal suriet ta' divertimenti moralment mhux tajbin. Veru li l-insara m'humiex xi nies differenti minn nies l-oħra, fit-tgawdija tal-mistrieħ kull ġimgħa; iżda fl-istess waqt huma jafu sewwa x'inhi l-oriġinalità tal-Ħadd, u li ma hemmx jum ieħor bħalu, għax hu l-jum li fih huma msejħin biex jiċċelebraw is-salvazzjoni tagħhom u dik tal-bnedmin kollha. Il-Ħadd hu jum ta' ferħ u hu jum ta' mistrieħ proprju għaliex hu "Jum il-Mulej", jum l-Irxoxt.

83. Meta l-Ħadd ngħixuh u nifhmuh b'dan il-mod, isir ir-ruħ tal-jiem l-oħra, u f'dan is-sens nistgħu nifhmu l-ħsieb ta' Origene li n-nisrani perfett hu dejjem f'jum il-Mulej, jiċċelebra kuljum jum il-Mulej.[131] Il-Ħadd hu skola tassew u hu programm tal-pedagoġija tal-Knisja li ma tieqaf qatt – pedagoġija li ebda pedagoġija oħra ma tista' teħdilha postha, speċjalment fejn fil-kondizzjonijiet soċjali ta' llum hemm ħafna tifrik dejjem jikber u hemm pluraliżmu kulturali li kontinwament hu ta' prova għall-fedeltà ta' kull individwu nisrani għal dak li titlob minnu l-fidi tiegħu. F'ħafna pajjiżi

tad-dinja naraw "djaspora" tal-Kristjaneżmu, li għaddejja kontinwament minn prova għaliex id-dixxipli ta' Kristu jinsabu mxerrdin u mhux faċli għalihom li jżommu kuntatt ma' xulxin. U neqsin mill-istrutturi u t-tradizzjonijiet proprji ta' kultura nisranija. F'qagħda diffiċli bħal din, l-okkażjoni li tiltaqa' ma' nsara oħra bħalek u tibdel magħhom id-don tal-fraternità hu għajnuna li ma tistax tgħaddi mingħajrha.

84. Għax iwettaq il-ħajja nisranija, il-Ħadd għandu wkoll il-valur ta' xhieda u ta' tħabbira bħala jum ta' talb, xirka u ferħ, il-Ħadd jinħass fis-soċjetà kollha kemm hi, u jxerred enerġija ta' ħajja u r-raġunijiet ta' tama. Il-Ħadd ixandar li ż-żmien li fih dak li hu Kristu rxoxt, Sid il-ġrajjiet kollha, jagħmel l-għamara tiegħu, mhux il-qabar tal-ħsibijiet fiergħa tagħna, imma l-benniena ta' ġejjieni dejjem gdid, okkażjoni mogħtija lilna biex inbiddlu l-mumenti li jtiru ta' din il-ħajja fuq l-art f'żerriegħa ta' l-eternità. Il-Ħadd hu stedina biex inħarsu 'l quddiem, hu l-jum li fih il-komunità nisranija tgħid lil Kristu: "Maranatha: Ejja, Mulej Ġesù" (1Kor 16, 22). B'dan l-għajta ta' tama u ta' stennija, il-Knisja hi s-sieħba u l-għajnuna tat-tama nisranija. Minn Ħadd għal Ħadd, imdawla minn Kristu, il-Knisja timxi 'l quddiem lejn il-Ħadd bla tmiem ta' Ġerusalemm tas-sema, li "ma teħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawluha, għax biex iddawwalha għandha l-glorja ta' Alla u l-musbieħ tagħha hu l-Ħaruf" (Apok 22, 23).

85. Hija u miexja lejn l-għan aħħari tagħha, il-Knisja hi mwettqa u mogħtija l-ħajja mill-Ispirtu. Huwa hu li jfakkar u jagħmel preżenti f'kull ġenerazzjoni ta' nsara l-fatt tal-qawmien mill-imwiet. Hu d-don intimu li jgħaqqadna ma' Kristu rxoxt u ma' ħutna fl-intimità tal-ġisem wieħed, iqajjem il-fidi tagħna, jimla 'l qlubna bl-imħabba u jġeddidilna t-tama. L-Ispirtu qatt ma hu nieqes minn ebda wieħed mill-ġranet tal-Knisja u jiġi meta ma jkunx mistenni u jxerred bil-kotra l-għana tad-doni tiegħu. Iżda hu fil-laqgħa tal-Ħadd, fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid kull ġimgħa, li l-Knisja tisma' leħen l-Ispirtu b'mod speċjali u bih tinġibed lejn Kristu, ħerqana għat-tieni miġja tiegħu fil-glorja; "L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: Ejja!" (Apok 22, 17). Hu proprju għax ridt inqis il-ħidma ta' l-Ispirtu, xtaqt li din l-eżortazzjoni li trid twassal għall-għarfien mill-ġdid tal-Ħadd, tidher fis-sena ta' tħejjija mmedjata għall-Ġublew, iddedikata lill-Ispirtu s-Santu.

86. Inħalli din l-eżortazzjoni appostolika f'idejn il-Verġni Marija biex tiġi milqugħa u mħarsa mill-komunità nisranija. Mingħajr ma tnaqqas bl-ebda mod iċ-ċentralità ta' Kristu u ta' l-Ispirtu tiegħu, hi dejjem hemm f'kull Ħadd tal-Knisja. Hu l-istess misteru ta' Kristu li jitlob dan: kif jista'

jkun li hi l-**Mater Domini** u l-**Mater Ecclesiae** ma tkunx preżenti b'titlu speċjali fil-jum li hu u **dies Domini u dies Ecclesiae?**

Lejn il-Verġni Marija jħarsu l-insara li jisimgħu l-kelma li titħabbar fil-ġemgħa tal-Ħadd; minn għandha jitgħallmu kif iħarsuha u jimmeditawha f'qalbhom (ara Lq 2, 19). Mingħand Marija jitgħallmu kif joqogħdu ħdejn is-salib, huma u joffru lill-Missier is-sagrifiċċju ta' Kristu u miegħu jgħaqdu s-sagrifiċċju ta' ħajjithom. Ma' Marija jġarrbu l-ferħ tal-qawmien mill-imwiet, huma u jagħmlu tagħhom kliem il-*Magnificat* li jagħti ġieh lid-doni bla qjies tal-ħniena ta' Alla tul il-mixja taż-żminijiet. "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu" (Lq 1, 50). Ħadd wara Ħadd il-poplu nisrani jimxi wara Marija, u t-talb tagħha ta' Omm jagħti ħeġġa u qawwa speċjali lit-talba li l-Knisja tagħmel lit-Trinità Qaddisa.

87. Għeżież ħuti, il-Ġublew, li hu hekk fil-qrib, jistedinna nidħlu fil-fond ta' l-impenn spiritwali u pastorali tagħna. Dan hu fl-aħħar mill-aħħar, l-għan ewlieni tal-Ġublew. Fis-sena li se jkun iċċelebrat, ħafna inizjattivi se juru x'inhu tassew il-karattru tiegħu u jingħatalu sinjal li ma jistax ikun għajr it-tmiem tat-tieni elf sena u l-bidu tat-tielet elf sena mill-Inkarnazzjoni tal-Verb ta' Alla. Din is-sena u dan iż-żmien għad jgħaddu u jiġu ġublewijiet oħra u okkażjonijiet oħra solenni, iżda l-Ħadd bis-solennità ordinarja tiegħu jibqa' jżomm ir-ritmu tal-pellegrinaġġ tal-Knisja fid-dinja sa ma jasal il-Ħadd li ma għandux tmiem.

Inħeġġiġkom għalhekk, ħuti fl-Episkopat u fis-saċerdozju, biex tħabirku bla serħan, flimkien ma' l-insara tagħkom, biex is-siwi ta' dan il-jum qaddis jingħaraf dejjem aktar u jgħixu kulħadd. Dan iġib kotra ta' frott lill-komunitajiet insara kollha u ma jonqosx lanqas li jkun ta' ġid għas-soċjetà ċivili kollha kemm hi.

L-irġiel u n-nies tat-tielet elf sena, huma u jiltaqgħu mal-Knisja kull nhar ta' Ħadd, hija u tiċċelebra bil-ferħ il-misteru li minnu tikseb il-ħajja kollha tagħha, jistgħu jiltaqgħu ma' Kristu nnifsu mqajjem mill-imwiet. U d-dixxipli tiegħu, huma u jiġġeddu bit-tifkira ta' l-Għid kull ġimgħa jsiru ħabbara dejjem aktar emmnuti ta' l-Evanġelju li jsalva, u bennejja taċ-ċiviltà ta' l-imħabba.

Lil kulħadd nagħti l-barka appostolika tiegħi.

*Mill-Vatikan, il-31 ta' Mejju, solennità ta' Għid il-Ħamsin, tas-sena 1998, l-għoxrin sena tal-pontifikat.*

*IOANNES PAULUS PP II.*

# NOTI

## Daħla

1. Apok 1, 10: Kuriake hemera; ara wkoll Didake 14, 1; San Injazju ta' Antjokja, Ad Magnesios, 9, 1-2.
2. Psewo-Ewsebju ta' Lixandra, Sermo 16.
3. In die Dominica Paschae, II, 52.
4. Konc. Vat, II, Sacrosanctum Concilium, 106.
5. Ibid.
6. Motuproprju Mysterii Paschalis (14 ta' Frar, 1969).
7. Nota pastorali tal-Konf. Episk. Taljana, Il giorno del Signore (15 ta' Lulju, 1984) 5.
8. Sacrosanctum Concilium, 106.
9. Omelija f'jum il-bidu tal-pontifikat (22 ta' Ottubru, 1978), 5.

## Kap I

10. N. 25.
11. Konċ. Vat. II, Gaudium et spes, 34.
12. Għal hutna l-Lhud, l-ispiritwalità ta' "għerusija" hi l-karattru tas-Sibt kif tidher v.g. fit-testi ta' Ġenesi Rabbah X, 9 u XI, 8. L-innu Leka dodi għandu t-ton ta' għerusija: "Alla tagħkom jitħenna bikom kif l-Għarus jitħenna b'għarustu. Ejja, Għarusa, sultana tas-Shabbat, ejja f'nofs il-fidili tal-poplu qaddis tiegħek" (ara Preghiera serale del sabato, Ruma 1968-69).
13. Ara J.A. Heschel, The Sabbath: its meaning for modern man, 22nd edition, 1995.

## Kap II

14. Verum autem sabbatum ipsum redemptorem nostrum Iesum Christum Dominum habemus – Epist. 13, 1
15. Epistula ad Decentium, XXV, 4, 7
16. Homiliae in Hexaemeron, II, 8
17. Ara In Ioan. Evang. Tractatus XX, 20, 2.
18. Ir-riferenza għall-qawmien mill-imwiet insibuha b'mod ċar ħafna fir-Russja fejn il-Ħadd hu msejjaħ sempliċement Voskresenie (qawmien mill-imwiet).
19. Epist 10, 96, 7.
20. Ara ibid.; b'riferenza għall-ittra ta' Plinju, Tertulljan isemmi wkoll iċ-"coetus antelucanum" fl-Apologeticum 2, 6.; De corona, 2.3.
21. Ad Magnesios, 9, 1-2.
22. Sermo VIII in Octava paschatis, 34, il-fehma tal-Ħadd bħala l-ewwel jum tal-ġimgħa tidher ċara fil-kalendarju liturġiku Ruman, għax il-ġranet l-oħra huma msejħin feria secunda, feria tertia u l-bqija. L-istess haġa nsibu fil-portugiż.
23. San Girgor ta' Nissa, De Castigatione. Il-liturġija maronita tagħti importanza lir-rabta bejn is-Sibt u l-Ħadd, għax tibda ċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd bil-misteru tas-Sibt qaddis.
24. Rit tal-Magħmudija tat-trabi, 9; ara wkoll ir-rit tad-dħul ta' l-adulti fil-ħajja nisranija.

25. Ara Missal Ruman Rit ghat-tberik ta' l-ilma f'jum il-Hadd.
26. San Bażilju, De Spiritu Sancto, 27, 66; ara wkoll l-Epistula tal-psewdo-Barnaba, 15, 8-9; San Ġustinu, Djalogu ma' Trifone, 24, 138; Origene, In Psalm. 118, 1.
27. Domine, prestitisti nobis pacem quietis, pacem sabbati, pacem sine vespera – Confess. 13, 50.
28. Ara Santu Wistin, Epistula 55. 17: Ita ergo erit octavus, qui primus, ut prima vita sed aeterna reddatur.
29. Hekk bl-Ingliż ghandna Sunday, u bil-Ġermaniż Sonntag.
30. Apologia, I, 67.
31. Ara San Massimu ta' Torin, Sermo 44, 1.; Sermo 53, 2; Ewsebju ta' Ċesarija, Comm. in Ps. 91.
32. Ara v.g. l-innu ta' l-Uffiċċju tal-qari (l-ewwel ġimgha: "Dan l-ewwel jum tal-ġimgha kkonsagrajtu/ bil-qawmien tieghek mill-imwiet, o Kristu, / il-kbir fost dawk li raqdu u qam ghall-glorja/ tal-hajja ġdida". U wkoll l-ewwel jum tat-tieni ġimgha: "Insellmulek jum tal-glorja, / jum ir-rebha ta' min fdiena, / jum ta' ferh, qaddis u mbierek, / jum ewlieni / F'dan il-jum li dawwal l-ghomja, / Kristu ġab fix-xejn il-ghadu / qered b'mewtu l-mewt, / u ġedded kollox f'Alla". L-istess fehmiet insibuhom fil-Liturġija tas-Sighat bl-ilsna ta' llum.
33. Ara Klement ta' Lixandra, Stromata. VI, 138, 1-2.
34. Ara enċikl. Dominum et vivificantem (18 ta' Mejju, 1996), 22-26.
35. Ara San Atanasju ta' Lixandra, Ittri 1, 10.
36. Bardesanes, Djalogu dwar id-Destin, 46.
37. Sacrosanctum Concilium, appendici dwar ir-riforma tal-Kalendarju.

## Kap III

38. Konċ. Vat. II, Lumen gentium, 9.
39. Ittra Dominicae Cenae (24 ta' Frar, 1980), 4; enċikl. Dominum et vivificantem, 62-64.
40. Ara Ittra apostolika Vicesimus Quintus Annus (4 ta' Diċembru, 1988), 9.
41. N. 3177.
42. Vicesimus Quintus Annus, 9.
43. Sacrosanctum Concilium, 41; ara d-digriet dwar l-uffiċċju pastorali ta' l-isqfijiet Christus Dominus, 15.
44. Huwa kliem l-embolizmu, li ghandu hafna suriet fit-Talbiet ewkaristiċi f'hafna ilsna differenti: kollha jaghmlu enfasi kbira fuq l-Ghid tal-Mulej f'jum il-Hadd.
45. Kongr. ghad-Duttrina tal-Fidi, Ittra dwar xi aspetti tal-Knisja bhala xirka: Communionis Notio (28 ta' Mejju 1199), 11-14.
46. Speech to the third group of Bishops of the USA (17 ta' Marzu, 1998), 4.
47. Sacrosanctum Concilium, 42.
48. Eucharisticum mysterium, (25 ta' Mejju, 1967), 26.
49. Ara San Ċiprjan, De Oratione Dominica, 23; De Catholicae Ecclesiae Unitate, 7; Konċ. Vat. II, Lumen gentium, 4; Sacrosanctum Concilium, 26.
50. Eżort. Appost. Familiaris Consortio (22 ta' Novembru, 1981), 57, 61.
51. Direttorju ghall-Quddies mat-tfal (1 ta' Novembru 1973).
52. Ara Eucharisticum mysterium, 26; Direttorju dwar il-ministeru pastorali ta' l-isqfijiet, Ecclesiae imago (22 ta' Frar, 1973), 86c.
53. Eżortazzjoni post-sinodali, Christifideles laici (30 ta' Diċembru, 1988), 30.
54. Ara Istruzzjoni dwar Quddies ghall-gruppi partikolari (15 ta' Mejju, 1969), 10.
55. Ara Lumen gentium, 48-51.

56. Haec est vita nostra, ut desiderando exerceamur – Santu Wistin, In prima Ioan. Tractatus 4, 6.
57. Missal Ruman, l-emboliżmu ta' wara l-Missierna.
58. Gaudium et spes, 1.
59. Lumen gentium, 1; ara enċikl. Dominum et vivificantem, 61-64.
60. Sacrosanctum Concilium, 7; ara 33.
61. Ibid. 56; Ordo lectionum Missae, Praenotanda 10.
62. Sacrosanctum Concilium, 51.
63. Ibid. 52; C.I.C. kan. 767; kodiċi tal-knejjes tal-lvant, kan 614.
64. Kost. apost. Missale Romanum (3 ta' April, 1969).
65. Sacrosanctum Concilium, 24.
66. Dominicae Cenae, 10.
67. Konċ. Vat. II, Dei Verbum, 25.
68. Ordo lectionum Missae, Praenotanda, kap 3.
69. Ibid., kap I n. 6.
70. Konċ. ta' Trento, sess. XXII: Duttrina u kanoni dwar is-sagrifiċċju qaddis tal-Quddiesa, II; Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1344.
71. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1368.
72. Eucharisticum mysterium, 3b; ara Piju XiI, Mediator Dei (20 ta' Novembru 1947), II.
73. Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1385; ara wkoll Kongr. għad-Duttrina tal-fidi, Istruzzjoni dwar it-tqarbin minn persuni divorzjati u miżżewġa mill-ġdid (14 ta' Settembru, 1994).
74. Ara Innocenz I, ittra 25, lil Deċenzju ta' Gubbio.
75. II, 59, 2-3.
76. Ara Apoloġija I, 67, 3-5.
77. Acta Ss. Saturnini, Dativi et aliorum plurimorum martyrum in Africa, 7, 9. 10.
78. Ara kan. 21.
79. Ara kan, 47.
80. Ara l-propożizzjoni kuntrarja, ikkundannata minn Innocenz XI fl-1679 dwar l-obbligu morali tat-tqaddis tal-jiem ta' festa.
81. Kan 1248; kan 1247, 1.
82. Kan. 1247. Il-kodiċi tal-knejjes tal-lvant (kan 881, 1) jgħid: L-insara huma fid-dmir li fil-Ħdud u l-festi jissieħbu fil-Liturġija divina, jew, skond il-preskrizzjonijiet u d-drawwiet tal-Knisja sui iuris tagħhom, fiċ-ċelebrazzjoni tat-tifħir ta' Alla.
83. N. 2181.
84. Ecclesiae imago, 86a.
85. C.I.C., kan. 905, 2.
86. Ara Piju XII, Kost. apost, Christus Dominus (6 ta' Jannar 1953); motuproprju Sacram Comunionem (19 ta' Marzu, 1957); Kongr. tas-Sant'Uffiċċju, istruzzjoni dwar is-sawma ewkaristika (6 ta' Jannar 1953).
87. Ara C.I.C. kan. 1238, 1; Kodiċi tal-knejjes tal-lvant, kan 881, 2.
88. Ara Missal Ruman, Normi universali dwar is-Sena Liturġika u l-Kalendarju, 3.
89. Ara Ecclesiae imago, 86.
90. Sacrosanctum Concilium, 14, 26; Vicesimus Quintus Annus, 4, 6.
91. Ara Lumen gentium, 10.
92. Ara Istruzzjoni inter-dikasterjali dwar il-kollaborazzjoni tal-lajċi fil-ministeru tas-saċerdoti, Ecclesiae de Mysterio (15 ta' Awissu, 1997), 6, 8.
93. Lumen gentium, 10: in oblationem Eucharistiae concurrunt.

94. Ibid. 11.
95. C.I.C. kan. 1248, 2.
96. Ara Direttorju dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd meta ma hemmx saċerdot, Christi Ecclesiae (2 ta' Ġunju, 1988); Ecclesiae de Mysterio.
97. Ara C.I.C., kan 1248, 2; Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi, Sacerdotium ministeriale (6 ta' Awissu, 1983), III.
98. Komm. Pont. għall-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, Communio et progressio, (23 ta' Mejju, 1973), 150-152, 157.

# Kap IV

99. Din hi t-tħabbira tad-djaknu f'ġieħ Jum il-Mulej: ara t-test Sirjak fil-Missal tal-Knisja ta' Antjokja tal-Maroniti.
100. V, 20, 11; ara Didake, 14, 1; Tertulljan, Apologeticum, 16, 11; ara b'mod partikolari Epistula tal-psewdo Barnaba, 15, 9: Hu għalhekk li niċċelebraw bħala festa ta' ferħ it-tmien jum li fih Kristu qam mill-imwiet, u wara li deher lill-Appostli, tela' fis-sema.
101. Tertuljan, biex insemmu eżempju, jgħidilna, li nhar ta' Ħadd ma kienx permess li wieħed joqgħod għarkobbtejh, għax dan kien meqjus bħala ġest kollu kemm hu penitenzjali, u għalhekk mhux f'postu f'jum ta' ferħ. Ara De corona 5, 4.
102. Epist. 55, 28.102.
103. Ara Santa Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ imqaddes, Derniers Entretiens, 5-6 ta' Lulju, 1897.
104. Eżort. Appost. Gaudete in Domino, (9 ta' Mejju, 1975), II.
105. Ibid. VII.
106. Hex. 6, 10.76.
107. Ara l-Editt ta' Kostantinu, 3 ta' Lulju, 321; Codex Theodosianus II, tit. 8, 1; Codex Iustiniani, 3, 12,2.
108. Ara Ewsebju ta' Cesarea, Vita Constantini, 4,18.
**Il-Ħamis 5** Vġili ta' l-Epifanija.

Fil-Bażiliki ta' San Giovanni in Laterano, Santa Maria Maggiore u San Paolo fuor le mura: Quddiesa u għeluq tal-Porta Santa.

Fl-Art Imqaddsa u fil-knejjes lokali: Għeluq tal-Ġublew.

**Il-Ġimgħa 6** L-Epifanija tal-Mulej.

F'San Pietru: Għeluq tal-Porta Santa.

**Noti:** Aktar tard minn Ruma iridu jaslu direttivi dwar lċ-ċelebrazzjonijiet fil-knejjes lokali:

ta' l-Avvent u tal-Velja ta' Talb fl-aħħar tas-sena.

ta' l-Ottavarju għall-Għaqda ta' l-Insara.

tar-Randan u ta' l-Għid, b'mod speċjali għal Għid il-Ħamsin.

tal-Velja ta' Talb qabel il-festa tat-Trasfigurazzjoni.

tal-Velja ta' l-aħħar tas-sena 2000

ta' l-għeluq tal-Ġublew.

# Nunzju Apostoliku ġdid għal Malta

Il-Papa Ġwanni Pawlu II innomina lil Mons. Luigi Gatti bħala Nunzju Apostoliku għal Malta.

Mons. Gatti twieled f'Castiglione Tinella, provinċja ta' Cuneo, fl-Italja, fil-25 ta' Novembru 1945. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1970 u wara kiseb Dottorat fil-Liġi Kanonika.

Mons. Gatti beda s-servizz tiegħu fil-Korp Diplomatiku tas-Santa Sede fl-1976. L-ewwel kariga li kellu kienet fin-Nunzjatura Apostolika fil-Paragwaj. Wara ssejjaħ għal servizz fis-Segretarjat ta' l-Istat tal-Vatikan, fit-taqsima dedikata għar-relazzjonijiet ma' l-Istati.

Mons. Gatti, li huwa fluwenti fil-Franċiż, l-Ispanjol, l-Ingliż u t-Taljan, se jkun is-suċċessur ta' Mons. Arċisqof Jose' Sebastian Laboa, li f'Jannar li għadda għalaq 75 sena, eta' li fiha n-Nunzji Apostoliċi jirtiraw mill-kariga. Mons. Laboa sar Nunzju għal Malta f'Marzu 1995.

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'Jum iż-Żgħażagħ (26 ta' April, 1998)*

# L-għażla tat-tajjeb

Għeżież żgħażagħ,

Din hija t-18-il darba li l-Knisja qed tiċċelebra Jum iż-Żgħażagħ.

Iċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Jum hija ħafna għal qalb il-Knisja. Imwieżna mill-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, f'dan il-jum il-Knisja tara okkażjoni biex twassal lil kulħadd messaġġ ta' tama u ta' fiduċja f'ġejjieni aħjar. Hija twasslilna dan il-messaġġ billi tistqarr, pubblikament, il-fiduċja tagħha fikom iż-żgħażagħ u l-apprezzament tagħha għall-preżenza u l-ħidma tagħkom fis-soċjeta' tagħna.

## *L-Ispirtu ta' l-Imħabba*

Fikom iż-żgħażagħ jiena nara ħafna sinjali li l-Ispirtu ta' Ġesù jinsab ħaj. Nifraħ meta nisma' u nara dak kollu li dan l-Ispirtu, li huwa l-Ispirtu ta' l-Imħabba, qed iwettaq fikom u permezz tagħkom. Pajjiżna huwa tassew ixxurtjat li għandu tant żgħażagħ mimlijin ħerqa biex jaċċettaw lil Ġesù f'ħajjithom. Ġesù jaħdem permezz tagħkom biex tikber is-saltna tal-ferħ.

F'moħħi m'għandix biss dawk iż-żgħażagħ, li huma ħafna, li jinsabu mpenjati bis-sħiħ f'għaqdiet, movimenti u gruppi reliġjużi, kif ukoll fil-parroċċi. Irrid niżżiħajr lil Alla wkoll għal tant żgħażagħ oħrajn li wkoll qed jaħdmu u jistinkaw biex ixerrdu valuri tajbin madwarhom. Fosthom insibu żgħażagħ li għadhom jistudjaw, żgħażagħ impenjati fil-qasam tal-volontarjat, żgħażagħ li qed jagħtu kontribut fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, żgħażagħ għalliema fl-iskejjel, żgħażagħ nurses, tobba u oħrajn li jaħdmu fi sptarijiet u djar għall-kura, żgħażagħ f'fabbriki u f'uffiċċji, u żgħażagħ involuti fl-oqsma tar-rikreazzjoni, l-isports u l-kultura.

## *Is-saħħa tat-tajjeb*

Waqt li niżżiħajr lil Alla għal dan kollu nixtieq naqsam magħkom ħsieb partikolari.

Bħalma tafu, mat-tajjeb li għandna fis-soċjeta' tagħna, li hu ħafna, hemm ukoll tbajja' li xi drabi tant jidhru kbar u koroh li jkun hemm min jibda jara kollox iswed fostna.

Nixtieq nassigurakom li minkejja kull sħab iswed li jista' jfeġġ fuq rasna, it-tajjeb dejjem jibqagħlu s-saħħa li jirbaħ.

Alla, sid l-istorja, hu dejjem mal-bniedem. Alla qatt ma jabbanduna lill-bniedem fit-taqbida tiegħu kontra l-ħażin. Għall-kuntrarju, Alla joffri lill-bniedem l-għajnuna tiegħu u jistiednu jaqsam miegħu r-rebħa li l-Mulej Ġesù kiseb fuq il-ħażin.

Dak li intom iż-żgħażagħ tħossu li hu tajjeb u sabiħ jiġbidkom ħafna. Hu bħal kalamita għalikom.

Il-Knisja taf li din il-ħerqa tagħkom għat-tajjeb tnissel fikom il-kuraġġ li biex tiksbu dak li tkunu tixtiequ ma tibżgħux mis-sagrifiċċju. Taf ukoll li dak li intom iż-żgħażagħ tħossu li hu tajjeb tkunu lesti li tiddefenduh u taqsmuh ma' l-oħrajn.

## *It-tfittxija għat-tajjeb*

It-tfittxija għat-tajjeb ħafna drabi twassal lill-bniedem f'salib it-toroq u tqiegħed quddiemu sfida kbira.

Din l-isfida – li intom iż-żgħażagħ aktarx li tħabbtu wiċċkom magħha iktar minn kulħadd – hija li f'kull għażla li nagħmlu aħna rridu nżommu dejjem ir-rabta tagħna ma' Alla.

Waħda mill-isbaħ affarijiet li għandna fis-soċjeta' tal-lum hija l-fatt li f'kollox insibu għażla akbar u aktar varjata: ngħidu aħna fil-karrieri, f'dak li tista' tixtri għall-ħajja, fid-divertiment, kif ukoll fit-taħlit ma' kulturi differenti permezz ta' safar u kuntatti ma' barranin li jiġu fostna.

## *Dan kollu għandu t-tajjeb tiegħu*

Fl-istess ħin, kull għażla ġġib magħha responsabbilta', għax kull għażla hija marbuta ma' valur jew valuri. Għalhekk, kull żagħżugħ u żagħżugħa tridu tagħżlu b'għajnejkom u b'moħħkom tassew miftuħin. Tridu taraw x'valuri hemm wara: il-programm televiżiv, video jew web site ta' l-Internet li tkunu se taraw; il-magazines li taraw jew taqraw; is-safra li tkunu se tagħmlu; l-istil ta' ħajja li jħajrukom għalih; id-divertiment li joffrilkom min forsi iżjed iħobb lil fluskom milli lilkom; l-opinjonijiet u l-proposti li jaslulkom minn ċerti elementi tal-Mass Media jew permezz ta' xi grupp ta' pressjoni...

Hemm valuri li huma ispirati minn Kristu u mill-Vanġelu, u hemm ukoll kontro-valuri li huma ġejjin mill-egoiżmu u l-ispirtu tal-ħażen.

Intom x'se tagħżlu? Kif se tagħżlu?

Kull għażla ġġib magħha effetti tajbin jew konsegwenzi qarsa. Fuq

naħa hemm Kristu li joffri l-ħajja u l-ferħ veru, imma bil-prezz tas-sagrifiċċju. Fuq in-naħa l-oħra hemm il-mewt u d-dwejjaq, imqarstin fil-karta tlellex tal-gost, pjaċir u faċilita'.

### *Is-sens ta' Alla*

Biex tagħmlu għażla tajba tinħtieġu l-ewwelnett is-sens u d-dawl ta' Alla.

Alla jħobbkom ilkoll. Qed jistenniekom.

Ersqu lejh fit-talb. Kunu midħla tal-Kelma tiegħu. Fittxu lil Ġesù bħala l-mudell tagħkom. Titqarrqux mill-ġibda għall-gost u l-faċilità. Tħalluhiex tagħmikom. Ħarsu fil-bogħod. Tħarsux biss lejn il-pjaċir tal-mument.

Ftakru dejjem li biex tagħmlu għażla tajba tridu tkunu għaqlin ħafna fil-mod kif tħaddmu l-ħeġġa u l-kuraġġ li hemm ġewwa fikom. Madwarkom issibu ambjent, soċjeta', elementi tal-Mass Media u elf leħen li spiss iħajrukom biex tagħżlu t-triq il-ħafifa li twassal għad-dwejjaq u għad-deni tad-droga, tax-xorb, ta' xalar bla responsabbilta', tas-sess mingħajr imħabba vera, ta' ħajja bla Alla.

### *Insara awtentiċi*

Tridu tkunu qawwijin biżżejjed biex turu ruħkom differenti u nsara awtentiċi fl-għażliet tagħkom.

Ħafna mill-għażliet li għandkom quddiemkom huma iebsin:

l-għażla bejn sess imbattal mill-imħabba u sesswalita' magħġuna ma' relazzjoni responsabbli li twassal għall-milja tal-ferħ;

l-għażla bejn il-ferħ ta' żwieġ f'rabta ta' mħabba dejjiema u t-triq tad-divorzju li jxejjen kull wegħda ta' mħabba, jeqred il-familja u jikkaġuna deni soċjali mifrux;

l-għażla bejn fidi f'Ġesù bħala l-uniku Feddej veru tagħna u twemmin f'xi ideoloġija li tjassar il-bniedem u tagħlqu fih innifsu;

l-għażla bejn deċiżjonijiet ħielsa fil-mumenti iebsin tal-ħajja u l-jasar ta' sħaħar u okkult li huma l-għerq ta' dwejjaq u ħażen.

### *Il-qawwa ta' l-Ispirtu*

Fil-fond ta' qalbkom intom tafu li l-veru tajjeb ġej biss minn Alla.

Intom tridu tkun qawwija biżżejjed biex dan it-tajjeb tagħrfuh, tħaddnuh, tgħixuh, tiddefenduh u tikkomunikawh lill-oħrajn.

Din il-qawwa li tinħtieġu tiġi biss mill-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu ta' Alla, li huwa l-Imħabba.

Tul din is-sena ddedikata lill-Ispirtu s-Santu, ħalluh jimlielkom qlubkom u moħħkom bl-għerf u l-qawwa li hu biss jista' jagħti.

Il-fiduċja tiegħi u tal-Knisja hija fil-qawwa ta' l-Ispirtu ta' Alla li, jekk tiftħu qlubkom għalih, żgur se jdawwalkom u jmexxikom fl-għażliet iebsin li għandkom quddiemkom.

Imberkin intom iż-żgħażagħ jekk tagħrfu tisimgħu s-sejħa ta' Kristu li qed tfittex li twasslilkom il-Knisja.

Kristu qed isejħilkom għall-ħajja vera. Kristu huwa t-Triq, il-Verita' u l-Ħajja. Min jimxi warajh ma jimxix fid-dlamijiet, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem (Ġw. 14:6). Ħallu l-Ispirtu Ħaj ta' Ġesù jmexxikom u jimxi magħkom f'din it-triq. Bil-qawwa tiegħu taslu żgur.

Il-Mulej iberikkom ilkoll.

*Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-okkażjoni tal-150 Anniversarju tal-Kamra tal-Kummerċ*

# Il-kontribut tal-Komunità Kummerċjali

Il-komunità kummerċjali għandha sehem importanti ħafna x'taqdi fit-tħabrik ta' nazzjon biex ikattar il-ġid tiegħu.

Għaldaqstant, meta 150 sena ilu n-nies tal-kummerċ ingħaqdu biex ifformaw il-Kamra tal-Kummerċ, huma għamlu pass tajjeb u wrew li kienu nies li jħarsu fil-bogħod.

Kien pass li, fost ħwejjeġ oħrajn, ta leħen magħqud lill-komunita' kummerċjali u għenhom isibu posthom u r-rwol proprju tagħhom f'dik it-taqsima ta' l-imsieħba soċjali li huma jagħmlu parti minnha.

Inkwadrati f'dan il-kontest, iċ-ċelebrazzjoni tal-150 anniversarju tal-Kamra tal-Kummerċ joffru okkażjoni ta' ferħ u, fl-istess ħin, opportunita' għal riflessjonijiet fuq kif, bl-għajnuna ta' Alla u ta' l-esperjenza, il-komunita' kummerċjali tista' tkompli tibni s-sehem tagħha fis-soċjeta' fuq sisien tajba.

## *Radd il-Ħajr lill-Mulej*

Jiena ħadt gost ħafna meta tlabtuni biex, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-150 anniversarju tal-Kamra tal-Kummerċ, noffru din il-Quddiesa ta' radd il-ħajr lill-Mulej għat-tajjeb kollu li sar min-nies tal-kummerċ f'dawn il-gżejjer f'dawn is-snin kollha u biex, fl-istess ħin, insellmu mill-qalb lil dawk li ħallewlna wirt ta' ħidma kummerċjali mibnija fuq l-imħabba ta' Alla u tas-servizz lill-bniedem.

Hija wkoll ħaġa sabiħa u ta' min ifaħħarha li f'okkażjoni bħal din, intom, in-nies tal-kummerċ, ħassejtu l-bżonn li tersqu lejn Alla biex tirringrazzjawh għall-għajnuna kollha tiegħu u, fl-istess ħin, titolbuh ikompli jieqaf magħkom u mal-familji tagħkom.

Is-sens ta' Alla f'ħajjitna huwa importanti ħafna. Ma nistgħux ngħaddu mingħajru jekk irridu nżommu r-rabta tagħna mal-Ħallieq u nimxu skond ir-rieda tiegħu. Huwa s-sens ta' Alla li jgħinna nirbħu t-taqbida kontinwa li kull bniedem irid jagħmel kontra l-egoiżmu, li ma jehda qatt ifittex li jerfa' rasu fina.

## *Il-bilanċ meħtieġ*

Sfida kontinwa li jrid iħabbat wiċċu magħha kull bniedem fil-ħidma tiegħu biex jimxi 'l quddiem f'dik li hi kwalita' tal-ħajja, hija dik li ma jħalli qatt lilu nnifsu jintrebaħ mit-tentazzjoni li biex ikabbar ġidu jitlef il-bilanċ meħtieġ fl-imġiba tiegħu mal-proxxmu u fil-kontest tal-ġid komuni.

Din l-isfida tikkonfronta wkoll, aktarx b'saħħa akbar, lin-nies tal-kummerċ. Ix-xogħol tagħkom minnu nnifsu jqiegħed quddiemkom, il-ħin kollu, l-isfida li ssegwu ġenwinament ir-regoli tal-kompetizzjoni ġusta u tal-qligħ ġust.

L-esperjenza turi li l-imġiba tal-membri tal-komunità kummerċjali f'dak li hu marġini ta' qligħ jista' jkollha influwenza kbira fuq il-ħajja tal-poplu. Huwa għalhekk li intom, il-membri tal-komunita' kummerċjali spiss tkunu taħt il-lenti ta' l-opinjoni pubblika.

L-opinjoni pubblika tapprezzahom ħafna lil dawk il-membri tal-komunità kummerċjali:

- li jħabirku biex ikunu ġusti fil-mod kif jikkompetu ma' xulxin;
- li l-prodotti li joffru għall-bejgħ ikunu tajba u ġenwini;
- li ma jippretendux qligħ esaġerat;
- li joffru lill-konsumatur servizzi xierqa bi ħlasijiet ġusti fil-ħtiġiet tagħhom ta' wara l-bejgħ;
- li jħallsu t-taxxi kollha dovuti lill-karus tal-komunità skond is-saħħa vera tal-qligħ tagħhom; u
- li jagħtu l-aħjar sehem li jistgħu b'riżq inizjattivi ta' solidarjetà soċjali jew karità mal-proxxmu fil-bżonn.

Dan hu, essenzjalment, il-mudell li fuqu l-opinjoni pubblika ġustament tistenna li jimxu n-nies tal-kummerċ, jiġifieri l-mudell li fuqu l-opinjoni pubblika tiżen u tkejjel l-operat tagħhom.

L-idea li l-opinjoni pubbliku jkollha tal-komunita' kummerċjali tiddependi ħafna minn kemm il-membri ta' din il-komunita', individwalment u flimkien, jagħrfu jqegħdu fil-prattika dan il-mudell ta' mġieba.

Hu mudell li l-punt ċentrali tal-kunċett tal-ħajja kummerċjali li jipproponi ma jingħalaqx fil-profitt, imma jsieħeb dan il-motiv mal-ħtiġiet tas-solidarjeta' umana u jispirah minn prinċipji etiċi sodi u stabbli.

## *L-etika fir-reklamar*

Hemm ukoll il-kwistjoni ta' l-etika fir-reklamar. F'dinja fejn il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali tant saru parti mill-ħajja tal-bniedem u tant sar

għandhom impatt fuq il-mod ta' kif il-bniedem jaħseb u jaġixxi, huwa minn ewl id-dinja li l-komunita' kummerċjali tagħmel użu mill-Mass Media fil-promozzjoni tal-prodotti. L-importanti hu li r-reklamar ikun iħares kif imiss ċerti prinċipji morali, quddienett dawk tal-verita', id-dinjita' tal-persuna umana, u r-responsabbilta' soċjali.

Għall-grazzja ta' Alla, l-istil u l-kwalita' tar-reklami prodotti lokalment b'mod ġenerali m'għandhomx it-tbajja', ġieli koroħ ħafna, li nsibu f'ċerti pajjiżi fejn il-permissivita', fost problemi oħrajn, għandha r-riħ fil-qala. Madankollu, nagħmlu sew jekk infakkru lilna nfusna li kull min jikkummissjona, iħejji, jew imexxi r-reklamar huwa moralment responsabbli għal dak li jfittex li jħajjar lin-nies biex jagħmlu.

Dan japplika wkoll għall-mod kif jitħaddmu l-mezzi u t-teknika tar-reklamar. Jiġuni f'moħħi, fost oħrajn, ċerti kampanji ta' reklamar li jfittxu li juru ċerti prodotti jew suriet ta' mġiba f'kontesti u b'mod li jimbuttaw lin-nies, speċjalment liż-żgħażagħ, biex iħossu li għandhom bżonn affarijiet li fil-verita' mhux veru jkollhom bżonnhom u li jkunu jridu jbatu ħafna biex jiksbuhom. Jiġuni f'moħħi wkoll reklami li, fil-ġirja għall-bejgħ, iqegħdu fil-ġemb id-dinjita' tal-bniedem, l-iżjed id-dinjita' tal-mara.

## *Kuxjenza Nisranija*

L-appell li nixtieq nagħmel lil kull membru tal-komunita' kummerċjali f'pajjiżna f'din l-okkażjoni huwa biex f'kull ma tagħmlu fir-relazzjonijiet ta' bejnietkom, fl-imġiba tagħkom mal-konsumatur individwali, kif ukoll fil-qadi tar-rwol soċjali tagħkom, intom tħabirku biex tmexxu lilkom infuskom b'kuxjenza nisranija.

Nistedinkom biex meta tħarsu lura lejn l-esperjenza tfittxu, quddiemnett, li tidentifikaw u tgħożżu dak li permezz tiegħu l-komunita' kummerċjali tat kontribut validu biex il-poplu tagħna jkompli miexi 'l quddiem. Nistedinkom ukoll biex iżżommu dejjem quddiem għajnejkom li l-qofol ta' kollox qiegħed f'kemm ikun b'saħħtu fostkom is-sens ta' responsabbilta' etika.

Meta fost in-nies tal-kummerċ ikun hemm sens ta' responsabbilta' etika, dan jgħin lil kulħadd jifhem li n-nies tal-kummerċ ma jinteressahomx biss il-qligħ, imma jgħożżu wkoll id-drittijiet tal-konsumaturi u tal-komunita'.

Għandi fiduċja li l-fatt innifsu li intom ridtu torbtu ċ-ċelebrazzjoni tal-150 Anniversarju tal-Kamra tal-Kummerċ ma' din il-laqgħa tagħna ma' Dak li għallimna nħobbu 'l Alla qabel kollox u lill-proxxmu tagħna bħalna nfusna, dan kollu intom tifhmuh, tilqgħuh u tgħixuh b'fedelta' sħiħa.

Nirringrazzjakhom mill-ġdid u nitlob 'l Alla jieqaf magħkom.

*Messaġġ ta' Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'Quddiesa għall-Ħaddiema fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem*

# Flimkien u ġusti għall-ġid komuni

Fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem il-Knisja tistieden lil kulħadd, speċjalment lilkom ħaddiema, għal riflessjoni fuq kif, bl-għajnuna tas-sens ta' Alla f'ħajjitna, id f'id nistgħu nibdlu dejjem iżjed id-dinja tax-xogħol f'dinja li tixraq tassew lill-bniedem u li tgħinu jgħix id-dinjita' tiegħu.

Din is-sena, il-Knisja f'pajjiżna qed tħeġġeġ lilkom ħaddiema biex din il-mixja 'l quddiem fid-dinja tax-xogħol tfittxu li ssaħħuha u twessgħuha billi tkunu dejjem iżjed flimkien u dejjem aktar ġusti.

## *Pagi u kundizzjonijiet*

Meta wieħed isemmi l-għaqda fost il-ħaddiema, wieħed aktarx jiġih f'moħħu, l-ewwelnett, il-bżonn li l-ħaddiema jkunu magħqudin biex ikunu jistgħu jiddefendu drittijiethom f'dawk li huma pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol.

Mill-banda l-oħra, meta wieħed isemmi l-ħtieġa li l-ħaddiema jkunu ġusti, wieħed aktarx jiftakar minnufih fil-bżonn li kull ħaddiem jaqdi d-dmirijiet tiegħu fuq ix-xogħol bl-aħjar mod possibbli, b'responsabbilta', u b'sens ta' lealta' lejn min ikun qed iħaddmu u lejn sħabu.

Li l-ħaddiema jkollhom paga xierqa u li min-naħa tagħhom huma jkunu ġusti fil-qadi ta' dmirijiethom huwa importanti ħafna. Allaħares ma jkunx hekk. Fil-fatt, l-esperjenza turi li kull fejn il-ħaddiema jagħarfu jħaddmu dan it-tip ta' għaqda bejniethom u din il-forma ta' ġustizzja fil-ħidma tagħhom fuq il-post tax-xogħol, huma jaqtgħu ħafna frott tajjeb.

Illum, però, jiena xtaqt li intom, il-ħaddiema tagħna, tiffokaw ir-riflessjoni tagħkom b'mod partikolari fuq tip ieħor ta' għaqda u ġustizzja fl-ambjent tax-xogħol. Qed nirreferi għall-għaqda u l-ġustizzja meħtieġa biex l-impjegati jħarsu u jsaħħu l-paċi tal-qalb ta' xulxin u s-sħuħija tal-familji tagħhom.

## *L-għeruq tal-problemi*

'Intom tiftakru li, fl-Ittra Pastorali tar-Randan, aħna l-Isqfijiet tkellimna dwar l-importanza tas-sens ta' Alla fil-ħajja tal-bniedem u l-ħsara li l-bniedem iġarrab jekk, għax jinqata' mill-Ħallieq, jirkbu u jirbħu l-egoiżmu. Bħal f'kull qasam ieħor tal-ħajja, ħafna mid-deni li jfeġġ u jikber fid-dinja

tax-xogħol, prinċipalment fir-relazzjonijiet bejn min iħaddem u min jaħdem kif ukoll bejn il-ħaddiema nfushom, jiġi proprju mill-gwaj li jaf jiżra' u jkabbar l-egoiżmu.

Huwa għalhekk li fl-ambjenti tax-xogħol — forsi iktar minn ambjenti oħrajn — niltaqgħu ma' mard serju bħalma hu dak ta' l-għira, pika, tfixkil, ingann, skandli, sabutaġġi, vendikazzjonijiet u tpattija.

Il-maġġoranza l-kbira tal-ħaddiema, f'kull livell, ifittxu li jħobbu u jgħinu lil xulxin. Mhumiex ftit il-ħaddiema li s-sens ta' solidarjeta' tant hu qawwi fihom li jkunu lesti jagħmlu sagrifiċċji personali kbar biex ikunu ta' faraġ, kenn, dawl ta' tama u appoġġ għal dawk fost sħabhom li jkunu għaddejjin minn xi nkwiet jew tiġrib.

Dawn il-ħaddiema, li ħafna drabi jaħdmu bil-kwiet u mingħajr daqq ta' trombi, qed jagħmlu ġid kbir. Il-preżenza u l-ħidma tagħhom huma duwa mprezzabbli għal dawk il-ħaddiema li jkunu jinħtieġu lil min jismagħhom, jifhimhom u jgħinhom.

Madankollu, ma' dan it-tajjeb fil-postijiet tax-xogħol wieħed isib ukoll ċerti tensjonijiet, konflitti u deni ieħor li min verament iħobb l-ogħla ġid tal-ħaddiem ma jistax jagħlaq għajnejh għalih bħallikieku mhu qed jiġri xejn.

Kemm ħaddiema, per eżempju, filgħaxija jmorru lura d-dar inkwetati u qishom ras maqtugħa minħabba l-mod kif jiġu trattati minn superjuri jew minn ħaddiema oħra fuq il-post tax-xogħol?

Kemm ħaddiema jħossuhom vittmi ta' preferenzi, diskriminazzjonijiet, sfruttament u forom oħrajn ta' inġustizzji?

Kemm ħaddiema kull filgħodu jmorru għax-xogħol qalbhom ittaqtaq u maħkumin mill-biża' li l-jum jista' jġibilhom iżjed inkwiet għax iħossu li ma jkunux apprezzati biżżejjed; għax spiss ikunu imwarrbin; għax iħossuhom stmati qishom biċċa għodda; għax ikunu feruti fid-dinjita' umana tagħhom; għax politikament ikunu jemmnu differenti; għax ikun hemm min irid iċekkinhom, jgħakkishom jew jagħsarhom biex hu jidher sabiħ u jingħoġob; għax ikunu l-mira ta' rapporti foloz; għax quddiem xi promozzjoni dovuta jkun hemm min jagħtihom xi gambetta; u tant forom oħrajn ta' ħsara?

## *Tifrik ta' familji*

Hemm ukoll, imbagħad, il-problema dejjem akbar tal-fastidju sesswali u ta' relazzjonijiet illeċiti, li f'tant okkażjonijiet bil-mod il-mod iwasslu għal tifrik ta' persuni u wkoll ta' familji.

F'dinja permissiva fejn kull ma jmur qed jintilef is-sens tad-dnub,

bħallikieku xejn mhu xejn, numru dejjem akbar ta' ħaddiema qed jinqabdu f'din in-nassa qerrieda.

Issib min, forsi bil-wegħda ta' xi favur, rigal jew promozzjoni, jisfrutta sesswalment persuni vulnerabbli.

Issib min jieħu vantaġġ minn xi mument diffiċli li tkun għaddejja minnu xi persuna qrib tiegħu sakemm iwassalha biex tintelaq f'idejh ħalli jieħu minnha dak li jrid u, wara, forsi jarmiha bħal lumija magħsura.

Issib ukoll min jinbex jew jonsob, sa ma jġib fejn irid hu, irġiel jew nisa li jkunu wegħdu mħabba u fedelta' dejjiema lil persuna oħra, ukoll jekk b'dan ixettel il-qerda f'xi familja, b'danni kbar ukoll għat-tfal.

Kull min b'xi mod jagħmel ħwejjeġ simili jkun qed jiżra' ħsara tremenda li tqiegħed fuq spallejh responsabbilta' enormi u mifruxa.

Fil-fatt, id-deni li jiġi kaġunat f'każi bħal dawn ma jkunx biss lill-persuni milquta u lill-familji tagħhom, imma jkun ukoll deni lill-ġid komuni. Dan għaliex peress li l-familja hija l-ġebla tax-xewka tas-soċjeta', kull familja li titfarrak tkun tfisser konsegwenzi qarsa wkoll għas-soċjeta'.

## *L-għożża ta' xulxin*

L-appell li nixtieq nagħmel lil kull min jaqla' l-għajxien tiegħu mix-xogħol, sew jekk tal-moħħ jew ta' l-id, huwa biex fuq kull post tax-xogħol, hu liema hu, il-ħaddiema tgħożżu tassew lil xulxin.

Ħottu dak kollu li b'xi mod jista' jnissel jew irawwem il-firda jew l-għelt bejnietkom. Ibnu u saħħu fostkom il-pontijiet tas-solidarjeta' u tal-ġustizzja.

Ikbru fl-imħabba nisranija. Ħarsu lil xulxin minn kull ħsara. Kunu sensibbli għat-tbatija ta' dawk fostkom mgħobbijin mill-piż tat-tiġrib. Ieqfu ma' xulxin fid-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom fit-telgħat tal-ħajja. Kunu ġenerużi ma' min hu għatxan għall-imħabba tal-proxxmu.

Iddefendu l-mudell nisrani tal-familja. Irrispettaw l-għaqda tal-familja tagħkom u ta' sħabkom. Ipproteġuhom. Kennuhom. Aħdmu għas-sħuħija ta' kull familja. Stinkaw biex il-familja Maltija ma tinġarrx mill-kurrent li ħakem tant familji f'pajjiżi li ma fehmux, jew fehmu tard wisq, it-tifrik li kien qed jifliġha minħabba relazzjonijiet u taħlit miftuma mis-sens ta' Alla. Kunu flimkien u ġusti ma' xulxin f'kollox u f'kull sens tal-kelma.

Nitolbu lil San Ġużepp Ħaddiem, missier mill-iżjed eżemplari u leali lejn il-familja tiegħu, biex jgħin lill-ħaddiema kollha f'dawn il-gżejjer tkunu flimkien u ġusti dejjem u f'kollox, għall-aħjar ġid tagħkom infuskom, tal-komunita' tax-xogħol u tal-ġid komuni.

*Punti għal riflessjoni minn Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca f'laqgħa mar-rappreżentanti tal-Unions tal-Ħaddiema, ta' min iħaddem u Partiti Politiċi.*

# Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem 1998

*Flimkien għall-Ħarsien tal-Ħaddiem*

1. Fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem ta' din is-sena, il-Knisja f'Malta qed tistedinna nirriflettu fuq it-tema: *FLIMKIEN U ĠUSTI – FID-DINJA TAX-XOGĦOL.* Din it-tema theġġiġni naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar dak li l-*unions* tal-ħaddiema, l-għaqdiet ta' min iħaddem, il-partiti politiċi u l-Knisja nistgħu nagħmlu separatament u id f'id, kulħadd skond il-kompetenza tiegħu, biex fl-ambjent tax-xogħol jissaħħu s-solidarjetà u l-ġustizzja meħtieġa b'riżq il-ġid komuni.

2. Fl-Ittra Pastorali tagħna għar-Randan ta' din is-sena, aħna l-Isqfijiet ħassejna l-bżonn li nitkellmu dwar il-ħsara li jsofri l-bniedem meta jitlef is-sens ta' Alla. Fil-Pastorali fakkarna li, jekk jinqata' minn Alla u r-rieda tiegħu, il-bniedem jirkbu mard serju bħalma hu dak ta' l-egoiżmu – mostru b'ħafna rjus li jimbotta u jġiegħel lill-bniedem jagħmel dak li jaqbel lilu u li jkun komdu għalih fil-mument.

3. L-Ewwel Ġid tal-bniedem huwa Alla. Għalhekk, kull min irid il-ġid lill-bniedem, qabel kull ħaġa oħra jrid jgħinu jgħożż is-sens ta' Alla. Mingħajr din ir-riferenza lejn Alla, il-bniedem jitlef is-sens ta' direzzjoni tiegħu. Is-saħħa tar-reżistenza tagħna għall-mard ta' l-egoiżmu u l-ħsara li dan jikkaġuna lid-dinjità umana u lill-għaqda bejn il-bnedmin, tiddependi ħafna minn kemm f'ħajjitna nħossu l-preżenza ta' Alla.

4. Fid-diskussjoni, dwar dak li hu meħtieġ isir biex il-bniedem ikun jista' jimxi dejjem iżjed 'il quddiem, l-iżjed permezz tax-xogħol, irridu nżommu quddiem għajnejna li t-tiġdid politiku u soċjali għandu rabta mill-qrib mat-tiġdid kulturali, morali u reliġjuż. Dan juri li s-sens ta' Alla f'ħajjitna mhux xi ħaġa sekondarja jew li nistgħu ngħaddu mingħajrha, imma hu neċessità qawwija għax mingħajr Alla l-bniedem mhu xejn.

5. Jekk il-ħerqa ta' min ikun qed jaħdem għall-progress uman tkun mibnija fuq id-determinazzjoni li jaqdi 'l Alla għall-ġid tal-bniedem, il-frott ma jistax jonqos li jkun kotran. Dan għaliex ħerqa bħal din timbuttaħ lejn impenn politiku u soċjali li jkun jirrispetta l-ordni morali u l-verità tal-bniedem.

6. Is-sens ta' Alla jgħin lill-bniedem jagħraf il-bżonn tal-moderazzjoni fir-rabta mal-ġid ta' din id-dinja, jirrispetta d-drittijiet ta' l-oħrajn, u jagħti lill-proxxmu dak li jkun jistħoqqlu. Jgħinu wkoll ikun verament attent għall-ħtiġiet ta' l-oħrajn u biex iħabrek b'sinċerità għall-ġid komuni.

7. Min iħaddem, per eżempju, ma jistax iħares biss lejn il-qligħ tal-flus, akkost li biex ikabbar is-suċċess finanzjarju tiegħu ma jagħtix lill-ħaddiema pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol li jixirqu lill-bniedem u li jippermettulu jgħix il-ħajja tiegħu familjari, soċjali, kulturali u reliġjuża b'mod xieraq. Mill-banda l-oħra, il-ħaddiem ma jistax iqis biss kemm se jkabbar id-dħul tal-flus mill-impjieg tiegħu, imma jrid jaqdi dmirijietu bl-aktar mod tajjeb u onest possibbli, kif ukoll b'lealtà sħiħa lejn min ikun qed iħaddmu u lejn sħabu. Dawn huma biss żewġ aspetti. Ix-xenarju huwa ħafna aktar wiesgħa u esiġenti.

8. Ir-rwol prinċipali ta' l-imsieħba soċjali – min ikollu f'idejh id-tmexxija governattiva, ir-rappreżentanti ta' dawk li jkunu qed jipprovdu l-impjiegi, u l-mexxejja tal-ħaddiema – jibqa' dak li jinħoloq ix-xogħol u li jinkiseb qligħ xieraq biex kulħadd ikun jista' jgħix b'mod diċenti. Bl-istess mod, l-imsieħba soċjali jridu jaħsbu wkoll f'dak li hu meħtieġ biex jiġu mħarsa s-saħħa fiżika u morali tal-ħaddiema.

9. Nieħu pjaċir ninnota li f'dak li hu ħarsien tal-ħajja u s-saħħa tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol, qed insiru dejjem iżjed sensibbli għall-bżonn ta' edukazzjoni xierqa u prekawzjonijiet adattati. Dan hu ta' min japprezzah u jinkuraġġih. Fl-istess ħin, però, naħseb li wasal iż-żmien li l-imsieħba soċjali joqogħdu bilqiegħda biex jaraw ukoll x'jistgħu jagħmlu aktar milli qed jagħmlu diġà, separatament jew flimkien, biex jgħinu lill-ħaddiem imġarrab minħabba problemi bħalma huma dawk ta' nkwiet familjari, konflitt fuq ix-xogħol forsi minħabba l-politika partiġġjana, droga, alkoħol, logħob ta' l-azzard, użura u pornografija.

10. Il-bniedem jiġi l-ewwel. Il-bniedem u x-xogħol tiegħu huma l-iktar riżorsi importanti u prezzjużi li jista' jkollha n-nazzjon. Iktar ma nieħdu ħsieb tal-bniedem sħiħ, aktar ma naħdmu id f'id biex ngħinu l-ħaddiem jgħix id-dinjità tiegħu u jirbaħ fuq dak kollu li jtebbgħu jew jagħmillu l-ħsara, iktar inkunu qed ninvestu f'ġejjieni aħjar.

*Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca fl-okkażjoni tal-Jum il-Komunikazzjoinijiet Soċjali*

# Sehem il-Mass Media fil-bini tal-Komunità

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-messaġġ tiegħu għal Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali ta' din is-sena (il-Ħadd, 24 ta' Mejju), ixebbah lill-*Mass Media* ma' forum kbir li, fl-aħjar tiegħu, jagħmel possibbli l-bdil ta' informazzjoni awtentika, ideat konstruttivi u valuri sodi, u hekk jgħin fil-bini tal-komunità.

Dan iqiegħed quddiem il-Knisja l-isfida li tagħraf tagħmel użu mill-Mass Media kemm għax-xandir tal-Vanġelu kif ukoll biex tintegra l-messaġġ Evanġeliku fil-"kultura l-ġdida" li qed issawwar il-komunikazzjoni moderna bil-lingwaġġ ġdid, teknika ġdida u psikoloġija ġdida li hija qed tippreżenta.

## *Il-ġurnalisti nsara*

L-akbar responsabbiltà f'dan l-impenn tal-Knisja taqa', naturalment, fuq spallejn dawk il-membri tagħha li għandhom xi rwol, dirett jew indirett, fil-ħidma tal-Mass Media.

Ir-raġuni għal dan hija li, in-nisrani, hu x'inhu x-xogħol tiegħu, irid jixhed bla heda qbil ħaj u ġenwin bejn dak li jemmen u l-mod kif iġib ruħu, jaħdem u jgħix.

Għalhekk, in-nisrani li hu wkoll ġurnalist jew xandar, irid ikun protagonist f'dik li hija mġiba etika, morali, rispett lejn id-dinjità tal-bniedem, tmexxija 'l quddiem tal-ġid komuni u bini tal-komunità.

## *Bejn suq u kwalità*

Il-bżonn li l-komunikatur nisrani jifhem sew din il-ħaġa qed jikber minn jum għall-ieħor. Dan għaliex fit-tellieqa dejjem akbar li l-Mass Media, inkluż f'pajjiżna, qed ikollhom bejniethom għall-udjenzi – qarrejja, semmiegħa u telespettaturi – qed ifeġġ dejjem iżjed il-periklu li l-kriterji tas-suq jiddominaw u jirbħu fuq il-kriterji tal-kwalità.

Fostna, għandna ħafna li hu tajjeb. Mhumiex wieħed u tnejn il-ġurnalisti u x-xandara tagħna li għadhom jaraw ċar u fil-bogħod. Madankollu,

mhux kollox hu ward u żahar. Ċerti attitudnijiet jew esperjenzi juru l-bżonn li noqogħdu attenti.

Kif kelli l-okkażjoni ngħid diġà fil-Festa ta' San Franġisk De Sales, Patrun tal-Ġurnalisti (24 ta' Jannar 1998), 'allaħares jiġrilna li jkollna komunikaturi li fit-tellieqa għall-kwantità f'dawk li huma udjenzi, bejgħ, reklami u dħul ta' flus, jinsew jew iwarrbu fil-ġemb il-kwalità. Allaħares jiġrilna li jkollna komunikaturi li jinqadbu fin-nassa kerha tas-sensazzjonaliżmu u l-misinformazzjoni, jew li s-slaleb tal-bnedmin imġarrbin jużawhom bħala għodda fi programmi ta' divertiment. Jekk u meta jiġru ħwejjeġ ta' hsara bħal dawn, is-siwi soċjali u l-kredibbiltà tal-Mass Media jieħdu daqqa ta' ħarta serja ħafna.

Kull min iħobb tassew l-ogħla ġid tal-bniedem jaf li min ikollu fuq spallejh ir-responsabbiltà li jiddetermina x'*policies* jiġi segwiti minn xi mezz ta' komunikazzjoni soċjali, ikun qed jirriskja ħafna jekk il-kejl prinċipali tiegħu jsir id-daqs ta' l-udjenzi u l-flus.

Dan jgħodd għal kull mezz ta' komunikazzjoni soċjali. Fl-istess ħin, jgħodd b'saħħa akbar għal dawk fosthom li huma sostnuti minn riżorsi pubbliċi. Tista' ssir ħsara kbira jekk xi mezz ta' komunikazzjoni soċjali simili jagħti eżempju ħażin f'dik li hi enfasi fuq il-kwalità jew prattika etika.

Il-prijorità tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, quddiemnett dawk fosthom finanzjati minn fondi pubbliċi, trid tkun is-servizz lill-bniedem u d-dinjità tiegħu, minsuġa f'għożża konkreta ta' l-ogħla ġid komuni.

### *Il-bini tal-komunità*

Fil-Messaġġ tiegħu, il-Papa jfakkar li l-komunikazzjoni mwassla permezz tal-Mass Media mhix xi eżerċizzju utilitarju maħsub sempliċiment biex iħajjar, jipperswadi jew ibigħ. Wisq inqas mhi, il-komunikazzjoni, mezz għat-tixrid ta' xi ideoloġija.

Il-Papa jwissi dwar il-periklu li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali xi drabi jistgħu jniżżlu lill-bniedem għal unitajiet ta' konsum jew gruppi ta' interessi diversi f'kompetizzjoni bejniethom.

Iwissi wkoll dwar ir-riskju li l-Mass Media jistgħu jimmanipulaw it-telespettaturi, il-qarrejja u s-semmiegħa bħallikieku dawn kienu biss ċifri li minnhom jista' jinkiseb xi vantaġġ, bħal minħabba rabtiet ta' natura politika jew f'kampanji għall-bejgħ ta' xi prodotti.

Kif juri l-Papa, meta jiġru ħwejjeġ bħal dawn, il-Mass Media jkunu qed jipparteċipaw f'imġiba li tkisser, mhux tibni, lill-komunità.

Irridu nżommu quddiem għajnejna li l-komunikazzjoni ghandha l-

kompitu li tgħaqqad in-nies u li ttejbilhom ħajjithom, mhux li tiżolahom jew tesplojtahom.

Il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, meta jkunu mħaddma tajjeb, jistgħu jgħinu biex tinbena u tinżamm sħiħa komunità umana bbażata fuq il-valuri dejjiema tal-ġustizzja u l-imħabba lejn il-proxxmu.

## *Messaġġiera tat-tama*

Meta l-Mass Media jkunu ggwidati mill-għarfien li l-valuri tal-ġustizzja u l-imħabba lejn l-oħrajn – mhux lejn nfusna – li huma indispensabbli, il-Mass Media jsiru messaġġiera tat-tama.

L-awgurju prinċipali li l-Knisja qed tagħmel lill-Mass Media din is-sena, it-tieni waħda mit-tliet snin li se jwassluna għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn u sena li fiha l-Knisja qed tistedinna biex nirriflettu fuq l-Ispirtu s-Santu, huwa proprju biex, Imwettqin mill-Ispirtu, Inwasslu t-Tama.

In-nisrani għandu s-sejħa li jgħix it-tama fiż-żewġ dimensjonijiet tagħha: tama ta' salvazzjoni u ta' għaqda perfetta ma' Alla u, fl-istess ħin, tama' ta' hena li tibda minn din id-dinja.

Kull nisrani għandu d-dover li jkun xhud awtentiku ta' din it-tama. Fl-istess ħin, għan-nisrani li jkun impenjat fil-qasam tal-Mass Media, dan ir-rwol jieħu forma doppja: barra li jkun xhud, huwa jrid ikun ukoll komunikatur tat-tama.

F'dan l-impenn tagħhom li jikkomunikaw it-tama b'mod kredibbli, il-ġurnalist nisrani u x-xandar nisrani jridu jfittxu li, qabel xejn, jesperjenzaw din it-tama huma stess, bl-għajnuna tat-talb. B'hekk huma jitgħallmu jippreżentaw lin-nies ta' żmienna l-messaġġ tat-tama, bil-qawwa tal-verità.

Din il-qawwa tal-verità tgħin lill-ġurnalisti u lix-xandara jagħrfu wkoll li, 'l hemm mill-influwenza negattiva ta' l-individwaliżmu li jippropONu ċerti stili ta' ħajja, huma jgħożżu b'heġġa kbira l-idea ta' komunità fil-livell uman.

Il-ġurnalisti u x-xandara li jridu jkunu nsara sħaħ, jirreżistu l-pressjoni ta' min jipprova jpinġi fuq l-ogħla ġid tal-komunità bħallikieku din kienet xi theddida għad-drittijiet ta' l-individwu. Għalihom, id-difiża tas-sens ta' komunità hija sfida għal azzjoni pożittiva, kreattiva u konkreta.

# Message of his Grace the Archbishop to the teachers and students of Stella Maris College

This year again, I would like to thank the editor of "The Stelmarian 1998" for having invited me to send a message to the staff and the students of Stella Maris College on the occasion of the publication of their annual school magazine.

You are certainly well aware that 1998 is the second year of preparation for the great Jubilee of the year 2000. This second year is dedicated to the Holy Spirit and therefore I am inviting you to deepen your knowledge of the sevenfold gifts of the Spirit, which you received during the rite of Confirmation and which the Holy Spirit continually gives so that you might live a true Christian life. The Holy Spirit will never deny you the wisdom and understanding, the judgement and courage, the knowledge and reverence, and the fear of God you need to witness your faith: only sin will hinder the Holy Spirit from working in your souls through his gifts.

Our lives are continually threatened by the storms and tempests with which the Evil One tries to lead us astray, but the Virgin Mary, the Star of the Sea, to whom your College is dedicated, will always be for you a shining light to lead you to safety, as long as you let the Holy Spirit influence the whole of your lives through his sevenfold gifts.

Today the 4th day of the month of May, 1998.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-Moviment Kerygma "Solidarjetà fl-Isport"

Nixtieq niprofitta mill-okkażjoni tal-Kampanja Nazzjonali Solidarjetà fl-Isport biex nifraħ, liż-żgħażagħ kollha li se jieħdu sehem f'dil-kampanja, u lill-Moviment Kerygma kollu kemm hu, għall-ħsieb sabiħ tagħhom li jindirizzaw il-ħidma kollha tagħhom tul dawn il-ġranet favur l-"anġli" tad-Dar tal-Providenza tas-Siġġiewi.

Hi ħidma ta' min ifaħħarha ħafna, għaliex hi fuq kollox ħidma ta' edukazzjoni taż-żgħażagħ tagħna fl-ispirtu ta' solidarjetà, ta' mpenn, ta' fiduċja u ta' kuraġġ, kwalitajiet li għandhom iħejju ż-żgħażagħ tagħna biex ikunu l-irġiel u n-nisa li fuqhom pajjiżna jrid jibni l-ġejjieni tiegħu.

Jien nappella lill-ġenituri Maltin kollha biex jilqgħu l-istedina li sejra ssirilhom mill-Moviment Kerygma permess ta' ktejjeb li se jitqassmilhom, biex iħeġġu lil uliedhom mhux biss li jieħdu sehem fl-attivitajiet sportivi li jiġu organizzati, imma wkoll f'kull xorta ta' ħidma li jistgħu jagħmlu kuljum għall-ġid tas-soċjetà Maltija kollha.

Il-Mulej iberikkom u jxerred fuqkom il-grazzji tiegħu: b'rahan ta' dan minn qalbi nagħti lil kulħadd il-barka pastorali tiegħi.

Illum, 14 ta' Mejju 1998, festa ta' San Mattija, Appostlu.

# Messaġġ ta' l-Arċisqof lill-Moviment Youth for Life tal-Gżira

24 ta' Mejju 1998

Ta' min ifaħħarha l-inizjattiva tagħkom ta' din is-sena li fl-okkażjoni tal-Life-fest, se tqassmu għaxart elef kopja ta' pubblikazzjoni biex tinxtered dejjem aktar fis-soċjetà tagħna kultura favur il-ħajja.

Dan hu meħtieġ ħafna llum meta fid-dinja hemm, u l-aktar fost iż-żgħażagħ, min tilef kull sens tal-ħajja: xi whud iridu jgħixu ħajjithom fil-milja kollha tagħna, imma ma jafux kif għax ma jafux x'inhi l-ħajja, u għalhekk ifittxu d-drogi, is-sess, il-flus, u meta dan it-tħabrik tagħhom ma jħallihomx ħlief krusa u dwejjaq jispiċċw biex ineħħu ħajjithom, għax ma jaraw ebda skop fil-ħajja.

Iżda l-ħajja hi xi ħaġa wisq aqwa minn hekk, għax hi don ta' Alla, don li Alla jridna ngawduh u nwassluh għall-milja kollha tiegħu, f'għaqda sħiħa ma' dak li hu l-Awtur ta' kull ħajja.

Il-ġmiel kollu tal-ħajja narawh fin-natura kollha madwarna: fir-rebbiegħa meta tesplodi ħajja ġdida u xxerred il-ferħ u l-hena ma' kullimkien; iżda l-ġmiel tar-rebbiegħa ma jnaqqas xejn mis-sbuħija tas-sajf, meta n-natura tilħaq il-kobor sħiħ tagħha u tagħti frott bla qjies; u lanqas ma jnaqqas xejn mill-ġmiel tal-ħarifa meta n-natura tibda tħejji ruħha għall-mistrieħ tax-xitwa biex imbagħad f'rebbiegħa oħra terġa' tibda ċiklu ieħor ta' ħajja kollha ġmiel u sbuħija.

Dan kollu narawh fil-ħajja tal-bniedem. X'hemm isbaħ minn tarbija għadha titwieled u tferraħ bit-tbissima tagħha lil dawk li ġibuha fid-dinja u x'ferġ wieħed iħoss jara tifel jew tifla qegħdin jikbru fit-tul u fl-għomor quddiem Alla u l-bnedmin! U x'gost tara raġel jew mara li laħqu l-kobor sħiħ tagħhom bħala bnedmin huma u jaqdu s-sejħa li tahom Alla fid-dinja fejn qed jgħixu! U x'faraġ tħoss tara wieħed anzjan li qeda dmiru tul ħajtu kollha u bl-esperjenza tiegħu ta' ħafna snin qed jagħti pariri ta' siwi kbir lit-tfal u liż-żgħażagħ u l-irġiel u n-nisa li magħhom jiltaqa' kuljum, hieni li dmiru qdieh mill-aħjar li seta' u ferħan qed jistenna l-mument li jidħol fil-ħajja tas-saltna ta' dejjem.

Din hi l-ħajja li intom iż-żgħażagħ tridu ġġibu 'l quddiem u żgur jirnexxilkom jekk tagħrfu li l-ħajja hi dejjem don ta' Alla fdata lilna biex inħarsuha mit-theddid kollu li qed tqanqal kontriha d-dinja ta' llum, għax warrbet fil-ġenb lil Alla nnifsu.

Il-Mulej iberikkom għal din l-inizjattiva tagħkom, u jiena, b'rahan ta' dan, nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

# Is-servizz tas-saċerdoti fil-Knisja

Fid-dawl ta' ċerti kummenti li qed isiru dwar iz-Zona Pastorali ta' l-Ibraġ, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi jixtiequ jgħidu dan li ġej:

Il-Konċilju Vatikan II, f'diversi dokumenti jitlob li l-ħidma pastorali kollha tad-djoċesi ssir taħt it-tmexxija ta' l-Isqof bil-kollaborazzjoni tas-saċerdoti u bil-ħidma wkoll tar-reliġjużi u tal-lajċi, kulħadd skond il-kompetenza tiegħu.

Is-saċerdoti huma mistennija li jkunu disponibbli biex jagħtu dak is-servizz pastorali li jagħtihom l-Isqof. F'din il-ħidma jkun hemm dejjem ċaqliq ta' saċerdoti skond il-bżonnijiet pastorali u skond il-kariżmi, doni, esperjenzi u possibiltajiet personali tagħhom. Fil-fatt, fl-aħħar ħames snin, saru 23 kappillan ġdid, kien hemm 32 kappillan li ngħataw l-istess inkarigu f'parroċċa oħra jew issejħu għal servizz pastorali differenti, u kien hemm 26 saċerdot li nbidlitilhom il-ħidma pastorali tagħhom.

Kull għoti u bidla fis-servizz li s-saċerdoti jagħtu fil-Knisja jsiru bi djalogu ta' l-Arċisqof mas-saċerdot involut. Fil-maġġoranza l-kbira ħafna tal-każi s-saċerdoti jifhmu u jaċċettaw, ukoll jekk dan ikun ifisser sagrifiċċju personali għalihom u għall-komunita' li jkunu qed jaqdu. F'xi każi, dan id-djalogu jwassal ukoll biex id-deċizjoni ta' l-Isqof ma tibqax l-istess. F'kull każ, però, is-saċerdot jibqa' fid-dmir li l-inkarigu li jagħtih l-Isqof jaqdih b'imħabba sinċiera u skond il-wegħda ta' rispett u ubbidjenza li kull saċerdot jagħmel lejn l-Isqof fil-jum ta' l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

Id-djalogu li l-Isqof ikollu mas-saċerdot hu dejjem kunfidenzjali. L-Isqof qatt ma jista' jxandar dak li jkun intqal bejnu u bejn is-saċerdot. L-Isqof jibqa' sieket ukoll jekk inġustament hu jiġi mpinġi f'dawl ikraħ.

*Stqarrija tal-Kummissjoni tal-Knisja dwar il-Familja Maltija u d-Divorzju*

# Dwar id-divorzju, ir-rapport tal-Kummissjoni tal-P.M. hu superfiċjali u negattiv għall-aħħar

Il-Kummissjoni tal-Knisja dwar il-Familja Maltija u d-Divorzju tħoss li, kollox ma' kollox, fil-parti li tittratta d-divorzju r-rapport li sar mill-Kummissjoni mwaqqfa mill-Prim Ministru għall-Futur tal-Familji huwa superfiċjali u negattiv għall-aħħar. Ir-rapport jinħela biex jipprova jxejjen l-argumenti ta' dawk li huma kontra d-divorzju, mingħajr ma jispjega jew jgħid b'mod pożittiv għaliex, skond il-Kummissjoni tal-Prim Ministru, għandu jidħol id-divorzju u x'inhuma l-vantaġġi ta' dan il-pass.

Ir-raġunijiet prinċipali li wasslu lilll-Kummissjoni tal-Knisja għal din il-konklużjoni, huma dawn:

## *Preġudizzju*

Ninnotaw b'dispjaċir li l-Kummissjoni mwaqqfa mill-Prim Ministru wriet preġudizzju fir-rigward ta' dawk li huma kontra d-dħul tad-divorzju. Dan joħroġ ċar, l-iżjed fejn intqal li huma n-nies kontra d-divorzju li jridu jipprovaw li d-divorzju mhux ġustifikabbli f'pajjiżna.

Dan imur kontra kull prinċipju mħaddan mill-Qrati ta' Malta u tad-dinja demokratika kollha, fejn ħadd mhu mistenni jew meħtieġ li jipprova n-negattiv. Hu min jallega xi fatt — f'dan il-każ, min qed jgħid li d-divorzju huwa soluzzjoni — li jrid iġib il-prova ta' dak li jkun qed jallega. Li xi ħadd jitfa' l-piż tal-prova fuq min ma jridx li jidħol id-divorzju ma jagħmilx sens, għax huwa min ikun irid ibiddel jew jintroduċi xi ħaġa ġdida li jrid jipprova l-vantaġġ tal-bidla li jkun qed jipproponi.

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru donnha telqet mill-punt bħallikieku d-divorzju hu xi dritt ċivili, ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika, u li għalhekk kien min ma jaqbilx miegħu li ried iġib il-prova. Fil-verita', pero', hu min iressaq każ li jrid jipprova l-każ tiegħu.

## *Dmir l-Istat*

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru qalet li hija mxiet bi "prinċipju waħdieni", u ċioe' li l-Istat huwa marbut li jsaħħaħ il-familja, waqt li fl-

istess hin jagħraf ukoll id-dmir li johloq l-istrutturi xierqa li bihom jagħti s-soluzzjoni legali xierqa fejn żwieġ ikun tfarrak. Madankollu, il-Kummissjoni ma qalitx jekk ir-rakkomandazzjoni tagħha li jidħol id-divorzju hix kompatibbli mad-dover ta' l-Istat li jsaħħaħ il-familja.

Kif qalet il-Kummissjoni tal-Prim Ministru, dan hu prinċipju wieħed. Għalhekk, jekk id-divorzju ma jsaħħaħx il-familja – ir-rapport imkien ma jgħid hekk — allura d-dħul tad-divorzju jmur kontra dak l-istess prinċipju li, skond il-Kummissjoni, kien il-gwida tagħha.

## *L-esperjenza f'pajjiżi oħrajn*

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru ma aċċettatx ir-riżultati ta' diversi studji li saru f'pajjiżi oħra dwar il-konsegwenzi koroh li jġib id-divorzju fuq il-familja u t-tfal. Hija qalet li m'għandhiex prova li dawk l-effetti huma riżultat tad-dħul tad-divorzju.

Il-Kummissjoni donnha tilfet is-sens tal-loġika ta' kawża u effett. Jekk jidħol xi ħadd f'dar u wara s-sid isib xi ħaġa nieqsa, il-loġika tgħidlek li min daħal fid-dar ħa l-oġġett nieqes, avolja s-sid ma jkunx raħ jieħdu.

L-istudji li saru, speċjalment rigward it-tfal, joffru riżultati ċari ta' l-effetti ferm koroh li jgħaddu minnhom tfal ta' koppja li terġa' tiżżewweġ meta mqabbla ma' tfal ta' koppja separata iżda fejn ħadd mill-ġenituri ma jkun reġa' żżewweġ.

## *Il-konsegwenzi f'Malta*

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru qalet li m'għandhiex studji li juru li jekk f'Malta ma jidholx id-divorzju, is-soċjeta' Maltija b'mod ġenerali ma ssofrix l-istess effetti bħal jekk jidħol id-divorzju.

Il-Kummissjoni tal-Knisja tħoss li, allura, kien dmir il-Kummissjoni tal-Prim Ministru li tikkummissjona studju simili, u mhux tipproponi liġi mingħajr studju fuq l-effetti ta' dik il-liġi.

Hemm pero' studji li saru fil-kontest ta' l-Irlanda, li minnhom jirriżulta illi fl-Irlanda ta' Fuq, fejn hemm id-divorzju, l-effetti huma ferm aktar qawwija u serji milli fir-Repubbblika ta' l-Irlanda, fejn sa ftit snin ilu ma kienx hemm divorzju. Fost dawn l-effetti hemm iż-żieda fir-rata taż-żwiġijiet imfarrka, iż-żieda fir-rata ta' koppji jgħixu flimkien meta mhumiex miżżewġin, it-twelid ta' tfal barra miż-żwieġ, iż-żieda fin-numru ta' tfal effettwati bi kriminalita' eċċ.

Lanqas ma jista' jingħad li d-dħul tad-divorzju fir-Repubbblika ta' l-Irlanda ma ġabx miegħu l-effetti msemmija, għax id-divorzju fl-Irlanda għadu dieħel u għadu kmieni biex il-mentalitàdivorzista tibda tħalli l-

effett tagħha. Li hu magħruf diġa' hu li kaġun tad-dħul tad-divorzju fir-Repubblika ta' l-Irlanda, it-talbiet għall-għajnuna legali rduppjaw.

Problemi fil-familja kien hemm u jibqa' jkun hemm. Madankollu, imkien fir-rapport tal-Kummissjoni tal-Prim Ministru ma jingħad li d-dħul tad-divorzju jnaqqas dawn il-problemi.

Il-Kummissjoni tal-Knisja hija konvinta li d-divorzju jżid dawn il-problemi għax ikabbar in-numru tan-nies effettwati.

## *Id-Dritt Naturali*

Meta tkellmet dwar id-divorzju bħala jedd tal-bniedem, il-Kummissjoni tal-Prim Ministru skartat l-eżistenza tad-Dritt Naturali. Dan hu kontra kull tagħlim professjonali. Liġijiet bħalma huma dawk li jgħidulek biex ma tisraqx, ma toqtolx u ma tixhedx falz, fost oħrajn, joħorġu mill-istess natura tal-bniedem u ħadd ma jista' jgħid li huma riżultat tal-"maturità politika tas-soċjetajiet demokratiċi."

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru irrimarkat sewwa meta qalet li ebda Konvenzjoni ma titkellem fuq id-divorzju bħala jedd tal-bniedem. Madankollu, il-Kummissjoni ma osservatx ukoll li l-Qorti Suprema ta' l-Ewropa qalet li mid-drittijiet fundamentali eżistenti, fosthom dak li tifforma familja, ma jitwelidx dritt għad-divorzju.

## *L-interess pubbliku*

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru aċċettat li hu argument ta' dawk li huma kontra d-dħul tad-divorzju, li d-divorzju mhux fl-interess pubbliku. Madankollu, fuq dan il-Kummissjoni ma tikkummentax. Jekk id-divorzju hux fl-interess pubbliku jew le, hija mistoqsija li l-Kummissjoni ma tagħtix tweġiba għaliha.

Il-Kummissjoni lanqas ma tikkummenta jekk hux fl-interess pubbliku u demokratiku li d-divorzji jiddaħħal kontra r-rieda tal-maġġoranza.

Hija lanqas ma rreferiet għar-riċerka li saret minn DISCERN dwar x'jaħsbu il-maġġoranza tal-poplu Malti dwar id-dħul tad-divorzju.

## *L-abbuż ta' divorzji minn barra*

Il-Kummissjoni tal-Prim Ministru tgħid li hemm diversi Maltin bi flus li jirnexxilhom iġibu d-divorzju minn barra u jirreġistrawh hawn Malta.

Apparti li l-Kummissjoni ma ġabitx prova ta' dan, jekk hu hekk dan hu abbuż, u l-abbuż għandu jiġi kkontrollat u mhux jingħata bħala dritt lil kulħadd.

Meta ġie allegat li hawn min jabbuża fil-ħlas tat-taxxi, il-Gvern qal li se jgħaddi miżuri biex irażżan dan l-abbuż, u mhux li se jippermetti li "jabbuża" kulħadd!

Jekk, kif tgħid il-Kummissjoni tal-Prim Ministru, ir-Reġistru taż-żwieġ m'għandux l-għodda xierqa biex jikkontrolla dan l-abbuż, huwa għandu jingħata din l-għodda, iżda mhux inċedu l-armi u nippermettu li l-"abbuż" jirrenja f'pajjiżna.

Il-Kummissjoni donnha ma fehmitx il-konsegwenzi, fil-kamp internazzjonali, jekk Stat ma jirrikonoxxix il-liġijiet ta' Stat ieħor.

Fiż-żmien meta Malta kienet bażi militari ta' l-Ingilterra, kien hawn diversi suldati Ingliżi li żżewġu nisa Maltin. Xi wħud minn dawn iż-żwiġijiet kienu jfallu. L-Ingliż kien imur l-Ingilterra u jġib id-divorzju. Dak id-divorzju ma kienx jiġi rikonoxxut hawn Malta.

Għall-manteniment, il-mara Maltija kienet trid tfittex lil żewġha hawn Malta. Meta s-suldat Ingliż ma kienx iħallas il-manteniment, il-mara Maltija kienet tfittex li tesegwixxi s-sentenza (miksuba f'Malta) quddiem il-Qrati ta' l-Ingilterra. Iżda l-Qrati Ingliżi kienu jirrifjutaw li jagħmlu dan għax, skond huma, iż-żwieġ ikun spiċċa.

Dan il-konflitt kien joħloq tensjoni kbira fl-ambjenti legali u diplomatiċi. Wara ċertu żmien, il-Qrati Maltin bdew jirrikonoxxu d-divorzju Ingliż mhux bħala divorzju, imma bħala "separazzjoni". Għalhekk, ir-rikonoxximent ta' divorzju ta' pajjiż barrani kien jingħata, għalkemm taħt forma indiretta, minn qabel ma ġie ntrodott ir-rikonoxximent formali li daħal fl-1975. Dan sar preċiżament biex jiġi evitat konflitt bejn żewġ Stati.

Il-Kummissjoni tal-Knisja hija kontra d-divorzju bħala Istitut. Hija tixtieq li din il-pjaga tiġi eliminata mad-dinja kollha. Madankollu, tifhem li llum kull Stat għandu l-liġijiet tiegħu u Stat irid jaċċetta l-liġijiet ta' Stat ieħor fejn jolqtu l-istatus tal-persuna. Fl-istess ħin, pero', m'għandux ikun li l-ħażin ta' xi ħadd ieħor jixtered f'pajjiżna wkoll.

# Pembroke issir Zona Pastorali Awtonoma

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca stabbilixxa t-territorju ta' Pembroke bħala Zona Pastorali Awtonoma u ħatar lil Dun Anton Portelli bħala Rettur tal-Knisja ta' Kristu Rxoxt, biex jieħu ħsieb il-komunita' li toqgħod fl-inħawi.

Sa llum, in-naħat ta' Pembroke kienu jagħmlu parti mit-territorju taz-Zona Pastorali Awtonoma ta' l-Ibraġ.

Digriet ta' Mons. Arċisqof jispjega li l-bżonn li Pembroke ssir Zona Awtonoma, b'effett minn nhar Ħadd il-Palm, 5 ta' April 1998, huwa minħabba li l-popolazzjoni f'dan il-post kibret sew u hemm pjani biex 'il quddiem tikber aktar.

Id-deċiżjoni ttieħdet wara konsultazzjonijiet li Mons. Arċisqof kellu mar-Rettur u l-Kunsill Pastorali taz-Zona Pastorali Awtonoma ta' l-Ibraġ, kif ukoll wara li Mons. Arċisqof sema' l-parir tal-Kunsill Presbiterali ta' l-Arċidjoċesi.

# Is-Swieqi jingħaqad ma' l-Ibraġ u Baħar iċ-Ċagħaq ma' Ħal Għargħur

Digriet ieħor ta' Mons. Arċisqof jipprovdi biex, b'effett minn Ħadd il-Palm 1998 ukoll, in-naħat magħrufin bħala Is-Swieqi (li kienu mal-Parroċċa ta' San Ġiljan) jingħaqdu maz-Zona Pastorali Awtonoma ta' l-Ibraġ, waqt li l-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq (li kienu ma' l-Ibraġ) jingħaqdu mal-Parroċċa ta' Ħal Għargħur.

Dan it-tibdil sar wara konsultazzjonijiet mal-Kappillani tal-Parroċċi ta' San Ġiljan u Ħal Għargħur, mar-Rettur taz-Zona Pastorali Awtonoma ta' l-Ibraġ, mal-Kunsilli Pastorali tagħhom, u mal-Kunsill Presbiterali Djoċesan.

*Ċirkulari N. 368*

# Wirja ta' vari għall-Millennju

Kif diġà ġejtu informati, l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu ressqet proposta biex tiġi organizzata Wirja ta' Statwi Reliġjużi f'konnessjoni maċ-ċelebrazzjonijiet f'Malta tat-tielet millennju mit-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

Wara li semgħu l-parir tal-Kappillani tad-Djoċesijiet tagħhom, l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex qablu, fil-linja ta' prinċipju, ma 'din il-proposta.

Saru diversi laqgħat bejn rappreżentanti tal-Kappillani u ta' l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu bi tħejjija għal din il-Wirja tinżamm mill-1 ta' Diċembru 1999 sa l-aħħar ta' Frar 2000. Ġew ukoll identifikati l-vari, li magħhom huma marbutin festi esterni titulari u sekondarji, li sejrin jiġu mitlubin biex jieħdu f'din il-Wirja.

Filwaqt li ngħarrfek uffiċjalment li din l-inizjattiva għandha l-appovazzjoni ta' l-Isqfijiet tagħna, nistiednek tagħtiha l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħek.

Il-Kunsill tal-Kappillani 'l quddiem se jieħdu ħsieb jgħaddi informazzjoni aktar sħiħa u dettaljata.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 25 ta' Mejju 1998.

**Mons Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

*Ċirkolari N.369*

# Offerta għall-Papa – 1998

Fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 20 u 21 ta' Ġunju, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi tagħna se ssir il-ġabra, magħrufa bħala l-"Offerta ta' San Pietru", li nagħmlu kull sena biex ngħinu 'l Papa ħalli jkun jista' jagħmel il-ħidmiet tiegħu ta' Karità.

Matul is-sena li għaddiet, il-Papa qassam kważi ħames miljun dollari f'diversi pajjiżi bħala għotjiet ta' karità permezz tal-Kunsill "Cor Unum" ("Qalb Waħda"). Il-biċċa l-kbira tal-għotjiet saru favur popolazzjonijiet li ntlaqtu minn diżastri naturali, bħal terremoti, nixfa u għarar, jew fi proġetti maħsuba biex jgħinu fl-iżvilupp tal-biedja, ta' l-edukazzjoni u ta' servizzi ta' saħħa għal komunitajiet foqra jew maħkuma minn nuqqas ta' żvilupp.

Għas-sena d-dieħla diġà qed jitħejja mis-Santa Sede programm ta' "Mitt Proġett tal-Papa" għal ħidmiet ta' karità.

Nappellaw lil ħutna kollha biex inkunu ġenerużi fl-offerti tagħna.

Bil-ġenerożità tagħna nkunu qed nagħtu s-sehem tagħna f'din il-ħidma fejjieda u fil-proġetti tal-Papa għal ħutna fil-bżonn. Inkunu fl-istess ħin nuru l-għaqda ta' mħabba u l-lealtà tagħna lejn il-Papa. Nuru wkoll li napprezzaw is-sagrifiċċji kbar li hu jagħmel fil-qadi tal-missjoni kbira tiegħu bħala Ragħaj tal-Knisja Universali għall-ġid tagħna u ta' ħutna l-bnedmin kollha.

Maħruġ mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 10 ta' Ġunju 1998.

**Mons Annetto Depasquale**
*Vigarju Ġenerali*

**Dun Alfred Muscat**
*Kanċellier*

# Stqarrija dwar l-Ananda Marga

F'dawn il-ġranet, f'Malta, se ssir konferenza internazzjonali ta' l-ANANDA MARGA. Se jsiru wkoll attivitajiet li huma miftuħin għal kulħadd.

ANANDA MARGA hija setta bi kwalitajiet bħal tal-moviment New Age.

It-tagħlim u l-filosofija ta' l-ANANDA MARGA ma jaqblux mat-tagħlim nisrani.

Fost it-tagħlim ta' l-ANANDA MARGA li ma jaqbilx ma' dak nisrani hemm dan:

- Alla huwa enerġija universali u kulħadd jista' jsir "alla" bl-isforzi tiegħu;
- għal ANANDA MARGA ma jeżistix salvatur, lanqas Ġesu';
- ir-ri-inkarnazzjoni hija waħda mill-pilastri tat-twemmin ta' l-ANANDA MARGA;
- meta xi ħadd jidħol fl-ANANDA MARGA jintrabat b'sistema ta' sigrieti;
- il-membri ta' l-ANANDA MARGA jimmeditaw biex isiru "alla".

---

# Nomina mill-Kurja

Dun Pawl Fenech inħatar kappillan tal-parroċċa San Gejtanu, il-Ħamrun.

*Messaġġ ta' Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta, lill-Poplu ta' Alla f'Malta*

# Lejn is-Sena 2000 bħala familja

## PROGRAMM PASTORALI 1998-2000

Ħuti għeżież,

Fl-Evanġelju ta' llum, Ħadd it-Trinità, Ġesù jgħidilna li "Meta jiġi l-Ispirtu tas-sewwa, imexxikom lejn is-sewwa kollu" (Ġw 16, 13). Bħala Knisja f'Malta, f'dawn l-aħħar xhur, konna qegħdin naraw fid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu, Alla xi jrid minna bħala Poplu tiegħu.

Flimkien mad-Delegati tiegħi għas-Segretarjati u Kummissjonijiet Pastorali, ma' l-Uffiċċjali tal-Kurja u ma' rappreżentanti oħrajn tal-Knisja f'Malta, tlabna, ħdimna u ddiskutejna biex ngħarfu s-sinjali ta' żmienna. Matul dawn ix-xhur, l-Ispirtu t'Alla deher imexxina qrib ħafna lejn qbil dwar x'għandhom ikunu l-għanijiet u l-prijoritajiet li għandna nisħqu fuqhom f'dan iż-żmien tat-tmiem ta' dan il-millennju u l-bidu tal-millennju l-ġdid.

Il-konsultazzjonijiet twal u wesgħin li saru mexxewna biex nistgħu naslu għal għażliet u deċiżjonijiet pastorali. Bħala Knisja f'Malta, wasalna biex nim penjaw irwieħna l-aktar fuq dawn it-tliet Għanijiet:

– Il-Formazzjoni tagħna bħala komunità ta' Dixxipli ta' Kristu;

– Ix-xhieda tagħna fil-ħajja, relazzjonijiet, ħidma u kliem tagħna;

– Il-Komunikazzjoni tagħna ma' kull Malti jew Maltija fl-ambjenti tagħhom.

Il-Knisja f'Malta, qabel kollox, tindirizza l-formazzjoni, ix-xhieda u l-komunikazzjoni lejha nnifisha, lejn il-familji u lejn l-iskejjel Maltin. Għalhekk għażilna bħala Prioritajiet:

– Il-Knisja Familja – li prinċipalment tilħaq l-ambjenti ta' l-evanġelizzazzjoni,

– Il-Familja – li taqbad l-ambjent tal-familja u l-faqar li jhedded il-familji;

– L-Adolexxenti – li tmiss l-aktar l-ambjent ta' l-iskola u l-kategorija ta' l-għalliema.

Dan qed nagħmluh għaliex nifhmu li l-Missjoni tagħna hija li: "Inwasslu lill-Maltin u lil dawk kollha li jkunu fostna l-Bxara t-Tajba li *Alla hekk*

*ħabb id-dinja li taha lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja* (Ġw 3, 15). Dan nagħmluh billi nagħtu xhieda ta' komunjoni, solidarjetà u servizz. Kristu, bis-salib u l-qawmien Tiegħu, diġà qiegħed iressaqna lejn din il-ħajja ta' komunjoni Miegħu u bejnietna."

Irrid nappella lill-membri kollha tad-djoċesi tagħna (individwi u istituzzjonijiet) biex b'fidi f'Alla, jilqgħu u jaħdmu skond il-linji ta' dan il-Programm. Fiha nnifisha din tkun esperjenza ta' Kristu Familja li hi waħda mill-prijoritajiet ta' dan il-Programm.

Għada, it-Tnejn, jiena se niltaqa' mar-rappreżentanti tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali biex nippreżentalhom dan il-Programm. Wara se niltaqa' wkoll ma' rappreżentanza wiesgħa tal-Knisja f'Malta biex niċċelebraw il-bidu ta' dan il-Programm bħala Knisja Familja.

Aħna ninsabu fiduċjużi, li la dak li wettaqna, għamilnih għall-akbar glorja ta' Alla u għall-akbar ġid tal-Maltin kollha, il-Mulej se jkun magħna, se jgħinnha u se jirranġa d-dgħufijiet tagħna.

Nemmen ukoll li hija grazzja u mhux kumbinazzjoni li qed inwasslilkom dan il-messaġġ fil-Festa Solenni tat-Trinità Qaddisa. Dan il-misteru tal-fidi tagħna jippreżentalna lil Alla bħala familja u komunjoni. Huwa lill-imħabba bla qies tal-Missier, ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu li nafdaw dan il-programm. Inressqu t-talb tagħna lil Ommna Marija, Omm il-Knisja u Sultana tal-Familja, biex bl-interċessjoni tagħha, nilqgħu l-grazzji li qed jipprovdilna dan il-Programm. Nistieden lil kulħadd, b'mod partikolari lill-membri ta' Istituti ta' Ħajja Konsagrata fil-Klawsura u lill-morda, biex joffru t-talb u t-tbatija tagħhom għall-ġid pastorali tal-Maltin kollha.

Nitlob li l-Barka tal-Mulej tinżel fuq dawk kollha li ħadu sehem fil-mixja li wasslitna biex ikollna dan il-programm, fuq l-operaturi pastorali kollha li jridu jwettquh u fuq il-Maltin kollha ħutna.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, illum ta' 1 ta' Ġunju, 1998.

**† Ġużeppi Mercieca**
Arċisqof ta' Malta

Alfred Muscat
Kanċillier

# Lejn is-sena 2000 fil-qadi tal-bniedem fil-bżonn ta' l-għajnuna

Riflessjonijiet ta' Mons Victor Grech, Direttur tal-Caritas Malta

*Dan hu t-test ta' riflessjonijiet imħejjija minn Mons Victor Grech, Direttur tal-Caritas Malta, fl-okkażjoni tal-Lejla ta' Solidarjetà u Ċerimonja ta' Gradwazzjoni li se ssir illum, 19 ta' Ġunju 1998, fil-Komunità Terapewtika ta' San Blas, Ħaż-Żebbuġ. Fiċ-Ċerimonja se jiggradwaw numru rekord ta' 20 persuna (inkluż barrani miżżewweġ Maltija) li temmew il-programm kollu ta' rijabilitazzjoni fiċ-Ċentri tal-Caritas għal min jabbuża mid-droga u mill-alkoħol.*

Fl-okkażjoni tal-Gradwazzjoni tas-sena l-oħra, il-President tar-Repubbblika Dr Ugo Mifsud Bonnici, qabel ma ħareġ minn San Blas, dar lejja u qalli: "Dun Victor, għandkom proġett u mhux programm. Awguri!"

Meta fl-1984 tajna bidu għall-ewwel Programm ta' Prevenzjoni f'Malta u fl-1985 ftaħna l-ewwel Day Programme għar-riabilitazzjoni ta' persuni bi problema tad-droga, ma kellniex f'rasna proġett iżda ppruvajt inwieġeb għall-ħtiġiet reali taż-żgħażagħ u l-qraba tagħhom.

Il-Caritas hija Għaqda Voluntarja tal-Knisja li qed toffri 17-il servizz f'oqsma soċjali differenti. L-erba' Ċentri ta' riabilitazzjoni, kif ukoll il-programmi ta' prevenzjoni fl-iskejjel, fl-industriji u l-kumpaniji privati u parastatali, u fil-komunità Maltija, huma żewġ ħolqiet fi programm soċjali aktar wiesa'.

Il-Caritas, fis-servizzi li toffri, tħaddem l-istess metodoloġija. Nibdew minn isfel għal fuq.

- Naraw x'inhuma l-ħtiġiet reali tal-bniedem fid-diffikultà.
- Niflu sewwa jekk l-istat jew l-għaqdiet voluntarji l-oħra humiex jilħqu l-ħtiġiet ġodda li jinħolqu.
- Jekk nagħrfu li dawn il-ħtiġiet mhumiex jintlaħqu, inqisu sewwa r-riżorsi umani u finanzjarji li jkollna, għalkemm inħallu spazju għall-providenza u l-ġenerożità tal-poplu Malti, u nibdew naħsbu fil-konkret.
- Inħarrġu l-istaff u l-voluntieri skond il-ħtiġiet ġodda, (hawn Malta jew barra minn Malta skond il-każ).
- Infasslu pjan strateġiku b'għanijiet, prijoritajiet u oġġettivi li jkunu jistgħu jintlaħqu.

• Nivvalutaw perjodikament il-pjan u l-implimentazzjoni tiegħu b'nies speċjalizzati f'dak il-qasam minn Malta jew minn barra minn Malta.

• Nimmodifikaw l-*approach* skond il-ħtiġiet ġodda li jinħolqu. Fiċ-Ċentri ta' Riabilitazzjoni jrid ikun hemm proċess ta' bidla kontinwa għaliex il-kultura tal-konsum tad-droga nbidlet ħafna f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll l-ambjent soċjali li minnu jiġu r-residenti, u l-attitudni lejn ir-riabilitazzjoni tal-persuni li jabbuża mid-droga.

Iżda minkejja t-tibdiliet fil-Programm, hemm valuri u prinċipji stabbli li ma nistgħux nittraskuraw biex ma nitbegħdux mill-viżjoni u l-missjoni tal-Caritas.

Inkunu qed nitbegħdu mill-viżjoni tal-Caritas jekk fil-ħidma tagħna ma npoġġux l-ewwel u qabel kollox id-dinjità tal-persuna umana, jiġifieri jekk ma nuru x rispett, imħabba u solidarjetà mal-bniedem fil-bżonn ta' l-għajnuna.

Fl-għażliet li nagħmlu rridu nagħtu prferenza lill-iċken fost ħutna – jiġifieri dawk il-persuni li jħossuhom imkissra u mċaħħda mid-dinjità tagħhom, anki jekk l-emarġinazzjoni ta' dawn il-persuni tkun frott tad-deċiżjonijiet żbaljati li jkunu ħadu.

L-*approach* tagħna lejn il-persuna trid tkun ħolistika. F'ħafna każi l-ġisem jibqa' dgħajjef u l-moħħ konfuż għaliex l-ispirtu jkun għadu ma stejqirx.

L-ebda programm edukattiv jew riabilitattiv ma jista' jerfa' lill-persuna mill-irdum li tkun waqgħet fih jekk nibqgħu nisħqu fuq is-sintomi tal-marda: l-abbuż tad-droga u l-alkoħol, u mhux fuq il-kawżi li jwasslu persuna għall-abbuż u għal reati kriminali.

Irridu nfittxu x'hemm wara l-qoxra ta' barra. Ħafna miż-żgħażagħ u miżżewġin li jersqu għall-kura u r-rijabilitazzjoni.

• ikollhom, fil-maġġoranza tagħhom, vojt kbir eżistenzjali – ma jafux x'iridu jew x'se jagħmlu b'ħajjithom;

• ikunu tilfu l-valur u t-tifsira tal-ħajja;

• ma jifilħux għall-istress;

• m'għandhomx *sens of belonging* – f'ħafna każi jkunu qatgħu r-rabtiet mal-familja;

• ma jafdawx fihom infushom u f'ħaddieħor għaliex ikollhom stima baxxa tagħhom infushom;

• ikunu dgħajfa fl-ispirtu, iħossuhom *powerless.*

Il-Programmi ta' Rijabilitazzjoni jridu jindirizzaw dawn il-problemi.

Jiena nemmen li jridu jinħolqu diversi mudelli ta' kura u rijabilitazzjoni

skond il-ħtiġiet ġodda ta' l-individwu, iżda jien konvint li għal min ikollu personalità dgħajfa, ikun ġej minn ambjent familjari imkisser, u storja twila ta' abbuż tad-droga, jew min ikollu tendenzi kriminali, il-komunità terapewtika hija l-uniku mudell li jista' jfejjaq.

Il-komunità terapewtika m'għandhiex tkun għan fiha nnifisha, iżda mezz terapewtiku mill-aqwa (jekk titħaddem tajjeb) fl-iżvilupp tal-personalità u r-ri-integrazzjoni tal-persuna fis-soċjetà.

Meta fl-1985 ftaħna l-ewwel Ċentru Terapewtiku, ma kellix f'rasi li noħloq *lodging house, hostel* jew klinika terapewtika. Ħsibt li noffru komunità.

Ma jistax ikun hemm komunità fejn ma jkunx hemm għanijiet u oġġettivi komuni, valuri u prinċipji ċari:

- inter-azzjoni bejn ir-residenti u l-istaff;
- *code of ethics* komuni;
- komunikazzjoni u djalogu fuq il-livelli kollha;
- shared responsibilities;
- u ċelebrazzjoni flimkien.

It-taħriġ ta' l-istaff f'komunità terapewtika huwa essenzjali, iżda fuq kollox irid ikun hemm motivazzjoni, impenn serju, flessibilità u orjentament spiritwali fil-ħidma ta' l-istaff biex jiħqu l-ħtiġiet tal-bniedem sħiħ.

Hija ħasra li hawn żgħażagħ li jiġu għandna meqruda bid-droga wara bosta snin fit-triq, li meta ssemilhom residenza f'ambjent terapewtiku jwarrbu ghaliex iridu programm li ma jitlobx sforz min-naħa tagħhom. Jinqerdu fit-tul u jistennew trattament qasir u mgħaġġel.

F'dawn l-aħħar snin, barra l-programmi tal-Caritas, li għandhom storja twila, infetħu servizzi oħra. Il-Fondazzjoni OASI f'Għawdex, is-Sedqa u s-SATU, li qegħdin ukoll joffru programmi siewja.

Nistaqsi: Hemm bżonnhom dawn is-servizzi kollha? Jien konvint li hemm bżonnhom għalkemm wasal iż-żmien li permezz ta' pjan strateġiku mfassal sewwa u implimentat mill-Kummissjoni Ko-ordinattiva Kontra l-Abbuż tad-Droga u Alkoħol (Co-ordinationg Commission Against Drug and Alcohol Abuse), li twaqqfet dan l-aħħar, jinħoloq koordinament siewi ta' dawn is-servizi u żvilupp ta' servizzi ġodda biex isir użu aħjar mir-riżorsi umani u finanzjarji li huma limitati, meta wieħed iqis l-estensjoni tal-problema.

L-abbuż tad-droga u l-alkoħol fost iż-żgħażagħ għadu ma naqasx.

Fi stħarriġ li sar mill-Caritas f'Jannar 1998 fl-iskjjel, bil-kooperazzjoni tad-Discern u l-Fakultà ta' l-istatistika fl-Università, (bħala follow-up ta'

l-istħarriġ komprensiv li kien sar fl-1991 mill-Caritas), instab li, fost iż-żgħażagħ bejn il-11 u t-18-il sena:

- l-*overall consumption*kibret;
- hemm ċaqliqa li tħasseb ta' konsum ta' droga u alkoħol fost iż-żgħażagħ 'il fuq mill-15-il sena;
- il-*glue-sniffing* żdiet bi 18 fil-mija mill-1991;
- 45 fil-mija taż-żgħażagħ 'il fuq minn 15-il sena li jikkunsmaw id-droga jattendu regolari discos u parties fil-weekend.

X'qed jiġri?

Ir-rata tat-traffikar tad-droga mhix sostenuta.

Il-konsum tad-droga u l-alkoħol ma naqasx – inbidlet biss il-kultura tal-konsum speċjalment bl-aċċessibiltà aktar mifruxa tad-*designer drugs*.

Fil-laqgħa ta' tlitt ijiem li saret fi New York organizzata mill-Għaqda tal-Ġnus Magħquda, ir-rappreżentanti tal-ġnus ħabbru pjan strateġiku globali biex fi żmien 10 snin jitrażżan sewwa t-traffikar tad-droga u tonqos drastikament id-domanda għad-droga.

Jalla dan il-pjan iseħħ u jkollu riżultati tajba. Jiena m'inhix daqshekk ottimista, għaliex wara s-suq tat-traffikar tad-drogi narkotiċi hemm il-poter tal-flus.

Jiena nħoss li fis-snin li ġejjin hemm bżonn li ssir evalwazzjoni serja tas-servizzi li qed jingħataw fl-oqsma tal-prevenzjoni, kura u rijabilitazzjoni u nippruvaw nilħqu lit-tfal u liż-żgħażagħ fl-iskjjel bi strateġija koordinata.

"Hemm bżonn", jgħid il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, "inħejju lit-tfal u liż-żgħażagħ biex jgħixu f'soċjetà aktar inċerta u kumplikata fejn iridu jieħdu sehem sħiħ u ħaj f'dak li jkun għaddej."

Inżid li biex nilħqu dan il-għan irridu nieħdu ħsieb il-qasam ta' l-iżvilupp uman u ngħallmu lit-tfal fil-kurrikulum il-ġdid, il-ħilijiet bażiċi tal-ħajja, jiġifieri, edukazzjoni dwar kif tgħix ħajja bis-sens u kif tħabbat wiċċek mal-problemi. Il-ħajja hija usa' mid-deċiżjonijiet li nieħdu. Irriduw wkoll nedukaw lill-ġenituri jagħarfu joħolqu fil-familja, klima ta' mħabba u rispett, li tkabbar l-iżvilupp tal-persuna u mhux toħnoqha, u jagħarfu jgħaddu lil uliedhom valuri li jkunu jistgħu jgħinuhom fid-deċiżjonijiet li jieħdu.

Is-snin li ġejjin huma kruċjali. Irridu nkunu lesti niffaċċjaw l-isfidi ġodda lejn u wara s-sena 2000. Flimkien nistgħu naslu!

It-23 Ħadd tas-sena

# L-GĦERF TASSEW

## *Nuqqas ta' għerf veru*

L-ewwel qari ta' llum, mill-Ktieb ta' l-Għerf, jurina kemm aħna neqsin mill-għerf veru: bil-ħila tagħna biss qatt ma naslu li nkunu nafu x'irid Alla minna, x'inhu l-ħsieb ta' Alla għalina; bil-kemm nafu x'hemm madwarna fid-dinja, u nbatu ħafna biex insibu xi ħaġa madwarna, għax bilkemm nintebħu b'dak li hemm fid-dinja, aħseb u ara kemm se nintebħu b'dak li hemm fis-sema. Dan kollu għaliex ġisimna itaqqalna, u ma jħallix lil ruħna taħseb. Iżda l-Mulej, fil-kobor tal-ħniena tiegħu għalina, ma riedx iħallina f'qagħda bħal din: tana sehem mill-għerf tiegħu, bagħat fuqna l-Ispirtu qaddis tiegħu biex idawwalna, imexxina, u jurina l-ġmiel li bih Alla żejjen il-ħolqien kollu madwarna, ħalli permezz ta' dan il-ġmiel naslu għall-għarfien ta' Dak li hu l-Ġmiel fih innifsu, il-Mulej Alla, il-Ħallieq u s-sid tal-ħolqien kollu.

## *L-għerf veru u l-għerf tad-dinja*

L-għerf tassew, l-għerf veru ma għandux x'jaqsam ma' l-għerf tan-nies tad-dinja, għaliex, għalkemm hu għerf ġej mingħand Alla, għax hu għerf li Alla jagħti lill-bniedem maħluq fis-sura u x-xbieha tiegħu, hu għerf imġarrab u midrub mid-dnub u għalhekk għerf dgħajjef u mimli nuqqasijiet. Kemm dan hu minnu narawh minn kliem il-Mulej Ġesù li tħabbrilna fl-Evanġelju ta' llum, u wkoll mill-parir li San Pawl ta lil ħabibu Filemon, li tħabbrilna fit-tieni qari ta' llum.

## *San Pawl u Filemon*

X'qal San Pawl lil Filemon? Dan Filemon kellu lsir li ħarablu wara li kien serqu. Dan l-ilsir, Onesimu, iltaqa' ma' San Pawl, li ħabbu u għallmu l-għerf veru ta' Alla, għammdu u bagħtu lura għand sidu b'ittra li biha talab lil Filemon biex jilqa' lil Onesimu mhux aktar bħala lsir tiegħu, imma bħala ħuh fi Kristu. Il-parir ta' San Pawl lil Filemon ma kien jaqbel xejn ma' l-għerf tan-nies ta' dak iż-żmien: skond il-fehmiet ta' dawk iż-żminijiet ilsir li jisraq u jaħrab kien jiġi kundannat għall-mewt l-aktar kiefra, bla ħniena – iżda mhux dan talab San Pawl, ried li Filemon iġib ruħu skond l-ispirtu ta' l-Evanġelju ta' Kristu, li ma jagħmilx għażla bejn min hu barbaru jew Xkita, ilsir jew ħieles, raġel jew mara, imma lkoll aħwa fi Kristu.

*Mgħobbijin bis-salib tagħna wara Kristu*

Il-ġrajja ta' Filemon turina d-differenza kbira bejn l-għerf dgħajjef tan-nies tad-dinja, u l-għerf veru ta' Alla. L-istess ħaġa jurina kliem Ġesù li tħabbrilna fl-Evanġelju ta' llum. Kliem Ġesù, meta nisimgħuh għall-ewwel darba, inħossuh iebes wisq, għax nifhmuh ħażin: bi kliemu Ġesù llum mhux qed jgħidilna biex nonqsu mir-rispett u l-imħabba għall-ġenituri u għall-qraba tagħna: irid jgħidilna biss li m'għandniex inħallu l-ġenituri u 'l qrabatna jfixkluna b'mod li ma nwiġbux għal dak li Alla jrid minna; f'din il-ħaġa – jgħidilna Ġesù – lanqas l-istess ħajja tagħna ma għandha tfixkilna; fi kliem ieħor irridu nkunu lesti nissagrifikaw kollox, saħansitra l-istess rabtiet tad-demm u l-laħam, l-istess ħajja tagħna biex nagħmlu dak li Alla jrid minna. Dan hu s-salib li aħna bħala nsara rridu nerfgħu jekk irridu nimxu wara l-Mulej Ġesù. U dan hu l-veru għerf, li jiċħdu l-għerf tan-nies tad-dinja, għax in-nies tad-dinja m jridux ċaħdiet, sagrifiċċji u tgħakkis. Iżda dawn is-slaleb huma meħtieġa jekk irridu niksbu l-ħajja ta' dejjem. U biex jurina kemm dawn iċ-ċaħdiet huma meħtieġa, Ġesù jsemmi żewġ parabboli. Min ikun se jibni dar, qabel jibda l-ħidma, jara l-ewwel huwiex kapaċi jwassal ħidmietu sat-tmiem; sultan li jrid jagħmel gwerra lil sultan ieħor, qabel jiddikjara gwerra l-ewwel jara huwiex kapaċi jirbaħ l-għadu tiegħu, għax jekk ma jkunx kapaċi jfittex li jkun paċi miegħu. Hekk, jgħidilna Ġesù, jekk irridu niksbu l-ħajja ta' dejjem, irridu nikkonvinċu ruħna mhux li nimxu skond l-għerf tan-nies tad-dinja, imma skond l-għerf veru li jħabbrulna l-Kotba Mqaddsa. Hekk biss nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem.

L-24 Ħadd tas-sena

# Ir-Rikonċiljazzjoni

## *L-esperjenza ta' San Pawl fil-ħniena ta' Alla*

Fit-tieni qari ta' llum San Pawl ixandrilna verità li nsibuha fil-Kotba Mqaddsa kollha, kemm f'dawk tal-Patt il-qadim u kemm f'dawk tal-Patt il-ġdid. X'inhi din il-verità? Hi li Alla hu hekk għani fil-ħniena li, minkejja li l-bnedmin iwebbsu rashom miegħu, hu lest dejjem biex jagħdirhom u, jekk jersqu lejh jitolbu ħniena, lest biex jerġa' jħabbibhom miegħu.

Dan San Pawl tgħallmu mill-esperjenza tiegħu stess: f'żogħżitu San Pawl kien ikasbar, iħabbat u jżeblah lil Kristu; kien ifittex lil dawk li jemmnu fi Kristu biex jitfagħhom fil-ħabs; kellu sehem fit-tħaġġir ta' San Stiefnu. Dan San Pawl kien jagħmlu għax kien kollu ħeġġa għal-Liġi u kien jaħseb li Ġesù kien qed jeqridha; iżda Alla ħenn għalih u għamel wirja ta' sabar kbir miegħu u meta wasal il-waqt sejjaħlu biex minn persekutur tiegħu jagħmlu appostlu ħa jwassal ismu fost il-ġnus u jurihom li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin. Dan Ġesù urihulna kemm-il darba tul it-tliet snin tal-ħajja pubblika tiegħu kemm bil-kliem u bl-għemil.

## *Il-ħniena ta' Kristu mal-midinbin*

Fl-Evanġelju spiss niltaqgħu ma' okkażjonijiet li fihom il-Mulej wissa lill-midinbin biex ma jidinbux aktar, wara li jkun għamel miraklu magħhom; hemm ukoll l-okkażjoni tal-mara li nqabdet tiżni u ħaduha għand Ġesù jistaqsuh għandhomx iħaġġruha kif titlob il-liġi ta' Mosè – u ma weġibhomx, u beda jikteb fit-trab, u wieħed wieħed dawk li akkużawha telqu u baqgħet hi waħedha ma' Ġesù, li qalilha: "Mur, lanqas jien ma nikkundannak iżda tidnibx aktar". Hemm imbagħad il-ħafna parabboli dwar il-maħfra tad-dnubiet u l-aqwa waħda hi dik ta' l-iben il-ħali li tħabbritilna llum fl-Evanġelju.

## *Il-ħniena ta' Alla fi żmien il-Patt il-qadim*

Iżda fi żmien il-Patt il-qadim ukoll Alla kien dejjem lest jaħfer dnubiet poplu ta' ras iebsa: għandna eżempju fl-ewwel qari ta' llum. Il-Lhud fid-deżert kemm-il darba ħaduha kontra Alla u gergru għalih u waslu wkoll biex jagħmlu għoġol tad-deheb u jagħtuh qima bħala Alla li ħariġhom mill-jasar ta' l-Eġittu. Kien dnub kbir, u Alla kieku ried jeqred dak il-poplu

midneb, li ma kienx għal Mosè li waqaf quddiem Alla jitolbu jħenn. Dan Mosè għamlu kemm-il darba, u għat-talba ta' Mosè Alla nidem mid-deni li kien ried jagħmel lill-poplu tiegħu.

## *Il-parabbola ta' l-iben il-ħali*

Iżda l-kobor tal-ħniena ta' Alla mal-midinbin, narawh fil-parabbola ta' l-iben il-ħali, parabbola li taħt xbihat turina kif Alla fil-kobor bla qjies tal-ħniena tiegħu jwassal il-midneb biex jindem u jikseb il-maħfra ta' dnubietu u jerġa' jitħabbeb ma' Alla.

Il-parabbola ssemmi l-miżerja li fiha l-midneb isib ruħu meta jtajjar f'ħajja bla rażan id-dinjità tiegħu bħala iben Alla, dinjità li ngħatatlu fil-Magħmudija; il-miżerja ġġiegħelu jidħol fih innifsu u jintebaħ bil-qagħda mwiegħra tiegħu; tkun il-grazzja ta' Alla li tibda taħdem fil-midneb u twasslu biex iqum mill-miżerja li fiha waqa' u jerġa' lura għand il-Missier jitlob ħniena. Lest ukoll li jitqies bħala l-inqas wieħed fost il-qaddejja tal-missier. Iżda l-missier jilqgħu bil-qalb u b'ferħ kbir, għax reġa' lura għandu sogħbien u niedem; jagħmillu festa kbira. Iżda din inqanqal l-għira ta' l-iben il-kbir, li qatt ma tbiegħed minn dar missieru. U hawn jerġa' jidħol il-missier biex ifiehem lil ibnu l-kbir ħalli ma jirraġunaw bħan-nies tad-dinja imma jifraħ ma' l-anġli għax midneb reġa' lura għand missieru u tħabbeb mill-ġdid miegħu.

Hi din ir-rikonċiljazzjoni li Alla jrid, għalhekk bagħat lil Ibnu fid-dinja biex isalva l-midinbin; għalhekk ikun hemm ferħ kbir fis-sema, għall-midneb wieħed li jindem u jerġa' jitħabbeb mill-ġdid ma' Alla, milli għad-disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma jeħtiġux indiema.

Il-25 Ħadd tas-sena

# Il-Ġustizzja Soċjali – I

## *Kliem il-profeta Għamos*

F'dawn iż-żewġt Iħdud li ġejjin, il-Knisja trid tkellimna fuq id-dmir tagħna li nimxu dejjem skond is-sewwa u skond il-ġustizzja fir-relazzjonijiet kollha li jkollna mal-bnedmin ħutna. Il-ħsieb tal-Knisja jfissirulna sewwa l-profeta Għamos biż-żewġ siltiet mill-Ktieb tiegħu li l-Knisja tipproponilna għall-meditazzjoni tagħna fl-ewwel qari ta' llum u f'dak tal-Ħadd li ġej.

X'qed jgħidilna l-profeta Għamos illum? Għandu kliem iebes għall-għonja ta' żmienu li jaraw kollhom telf ta' żmien il-festi ta' ġenshom għax fihom ma jistgħux jaħdmu ħa jkattru l-ġid tagħhom; li ma jaħsbuhiex darbtejn biex iqarrqu lil min jixtri mingħandhom; li jipprofittaw mill-faqar tan-nies u l-ħtiġijiet tagħhom u jixtruhom b'xi ħaġa żgħira ħa jieħdu mingħandhom dak li ħadd ma jridu.

## *L-għonja ta' żmien Għamos u l-amministratur ħażin*

X'kien qed iwassal l-għonja ta' żmien Għamos biex iġibu ruħhom ma' kulħadd b'din l-imġiba hekk nieqsa mill-verità u l-ġustizzja? It-tweġiba jagħtihielna l-Mulej Ġesù fl-Evanġelju ta' llum bil-parabbola tar-raġel għani li kelli amministratur li kien qed iberbaqlu ġidu. Dan l-amministratur ra kif għamel biex malli jitkeċċa minn xogħlu jsib għajnuna mill-kredituri ta' sidu – ħabibhom miegħu billi naqsilhom id-dejn tagħhom mingħajr ma kellu dritt jagħmel dan. Sidu ntebaħ x'ġara u faħħar lil dan l-amministratur qarrieq mhux għall-imġiba ħażina tiegħu, imma għax għaraf sewwa kif idabbar rasu.

Minn din il-parabbola Ġesù joħroġ ħafna tagħlim: li ma nistgħux naqdu 'l Alla u l-flus fl-istess waqt, jiġifieri jekk irridu naqdu 'l Alla m'għandniex nagħmlu l-flus u l-għana l-allat tagħna, kif kienu qed jagħmlu l-għonja ta' żmien il-profeta Għamos. Il-qadi ta' Alla hu dejjem għajn ta' barka u sliem għalina, waqt li l-qadi tal-flus ma jġibx miegħu ħlief inkwiet, u qtigħ il-qalb, u toqol dejjem akbar.

L-għana u l-flus fihom infushom m'humiex xi ħaġa ħażina iżda malajr jistgħu jsiru okkażjoni ta' qligħ diżonest, ta' inġustizzja, ta' serq, ta' qerq, f'affarijiet żgħar ukoll. Għalhekk Ġesù jgħidilna biex nużaw tajjeb il-flus li jkollna billi nagħmlu l-ġid ma' kull min hu f'xi ħtieġa, biex imbagħad aħna wkoll meta nkunu neħtieġu l-għajnuna ta' ħaddieħor, insibu min jgħinna.

Meta aħna nużaw tajjeb l-għana u l-flus li jkollna, u ma ninqdewx bihom għal xi qligħ diżonest, meta jasal il-waqt insibu postna fl-għerejjex ta' dejjem, fis-saltna tas-sema.

## *L-użu tajjeb ta' l-għana*

X'irridu mela nagħmlu biex ma naslux ħa nagħmlu l-flus u l-għana l-allat tagħna bħalma għamlu l-għonja ta' żmien Għamos, u hekk immorru fit-telfien ta' dejjem? Dan Alla ma jridux, għax kif smajna lil San Pawl jgħidilna fit-tieni qari ta' llum, Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu s-sewwa. Għalhekk bagħat lil Ibnu tiegħu fid-dinja, biex ikun il-medjatur tagħna, biex jidħol għalina quddiem Alla Missieru u jagħtina s-salvazzjoni ta' dejjem. Din is-salvazzjoni rridu nitolbuha mingħand Alla, u għalhekk San Pawl iħeġġeġ lill-bnedmin kollha biex jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla ġlied u jitolbu għal kulħadd.

It-talb tagħna biex jogħġob lil Alla jrid ikun safi, bla għadab u bla ġlied – l-għadab u l-ġlied jiġu minn min jagħmel l-għana u l-flus l-allat tiegħu; għalhekk jekk illum irridu nilqgħu t-tagħlim li jrid iwasslilna l-Mulej irridu nfittxu nagħmlu dak li Ġesù qalilna wara li temm il-parabbola ta' l-Evanġelju ta' llum: "Agħmlu għalikom ħbieb bis-saħħa tal-ġid ta' l-art li tużawh skond ir-rieda ta' Alla, ħalli mbagħad, meta jasal il-waqt, jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem, fis-saltna tas-smewwiet".

Is-26 Ħadd tas-sena

# Il-Ġustizzja Soċjali – II
# L-Għonja u l-Foqra

## *Il-profeta Għamos u l-parabbola ta' l-għani u Lazzru*

Illum ukoll il-profeta Għamos għandu kliem iebes għall-għonja ta' żmienu: jikkundanna l-imġiba tagħhom għaliex tant kienu mehdijin li jgħixu ħajja ta' għana bla rażan li ma kinux qed jintebħu bit-tiġrib li kien ġej fuq il-pajjiż kollu, fuqhom ukoll, anzi fuqhom l-ewwel, għaliex huma kienu se jkunu l-ewwel li jġarrbu l-kefrija tal-jasar, bogħod minn pajjiżhom.

F'dawn l-għonja ta' żmien il-profeta Għamos, għandna naraw dak ir-raġel għani tal-parabbola li Ġesù qal lill-Fariżej. Kien raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen, u l-hena tiegħu kien li jagħmel kuljum ikla mill-aħjar.

Ħdejn il-bieb ta' dan ir-raġel għani kien ipoġġi Lazzru, wieħed fqir, kollu ġrieħi, bil-klieb jilagħqulu l-ġerħat tiegħu, jistenna li jitrejjaq minn xi lokma li taqa' mill-mejda tar-raġel għani.

## *Żewġ suriet ta' ħajja*

Ġesù jinsisti fuq id-differenzi kbar bejn il-ħajja fid-dinja ta' l-għani u l-ħajja tal-fqir tal-parabbola, biex toħroġ aktar ċara d-differenza bejn il-ħajja ta' dejjem ta' l-għani u dik tal-fqir; bejn il-ħajja fid-dinja l-oħra ta' min jagħmel l-għana u l-flus l-allat tiegħu, u dik ta' dak li bħala sehmu f'din id-dinja għandu l-faqar u l-miżerja, li jaċċettahom b'rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla. Dan ngħiduh għax jista' jiġri wkoll li min mhuwiex għani u qed jgħix fil-faqar ikollu qalbu tant marbuta mal-gid li jgħaddi li, bis-sewwa jew bid-dnewwa, jara x'jagħmel biex jistagħna, għax f'qalbu jkun qed jagħmel l-għana u l-ġid li jgħaddi bħala allat tiegħu.

Il-fqir tal-parabbola aċċetta l-qagħda tiegħu ta' faqar għax ra li dik kienet ir-rieda ta' Alla għalih, u għalhekk stħaqqlu jiġi milqugħ fi ħdan Abraham u jgawdi l-hena li minnu kien imċaħħad tul ħajtu fid-dinja.

## *Il-qagħda f'din id-dinja u fid-dinja l-oħra*

Iżda l-qofol tal-parabbola ta' Ġesù mhijiex il-qagħda ta' l-għani u tal-fqir f'din id-dinja, imma l-qagħda tagħhom fid-dinja li għad trid tiġi – u din hi l-ħaġa l-aktar importanti, għaliex sakemm għadna f'din id-dinja l-

qagħda tagħna jekk hi tajba, nistgħu dejjem intejbuha aktar, u jekk hi ħażina nistgħu nbiddluha u nagħmluha tajba. U dan hu li jrid jgħidilna l-Mulej.

L-għani ra lill-fqajjar Lazzru fil-hena, fi ħdan Abraham u talab lil Abraham jibgħatlu lil Lazzru ħalli jtaffilu ftit il-ħruq li kien qed iħoss fl-infern; iżda t-tweġiba kienet li dan ma setax ikun, għax hemm beraħ hekk bla qjies li ħadd ma jista' jmur min-naħa għall-oħra. L-għani ghalhekk talab lil Abraham jibgħat lil Lazzru għand ħutu li għadhom fid-dinja biex iwissihom ħa jbiddlu ħajjithom, iżda Abraham jgħidlu li għandhom l-liġi u l-profeti: iħarsu dak li jgħidulhom – biżżejjed dan biex jeħilsu mill-kastig ta' dejjem.

## *It-tagħlim tal-parabbola*

Din hi l-parabbola: X'tagħlim irid jagħtina Ġesù biha? Mhux diffiċli tagħraf x'inhu t-tagħlim ta' Ġesù: sakemm għadna fid-dinja, nistgħu neħilsu mill-kastig ta' dejjem, jekk inħarsu l-kmandamenti ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja; mhijiex xi ħaġa iebsa nkunu nafu x'jgħallmuna l-kmandamenti u x'tgħidilna l-Knisja, u sakemm inħarsu l-kmandamenti u noqogħdu għat-tagħlim tal-Knisja aħna neħilsu mill-kastig ta 'dejjem u mit-tieni mewt.

Il-kmandamenti ta' Alla ma għandniex infissruhom kif jogħġob lilna jew kif qed jgħidulna ħafna profeti foloz ta' żminijietna, imma għandna nilqgħu t-tifsira li dwarhom tagħtina l-Knisja, tifsira mibnija fuq id-dija tal-verità ta' Alla, li ma titibiddilx biż-żminijiet u skond il-fehmiet tan-nies.

F'qagħda bħal din, jgħoddu ħafna għalina t-twissijiet li San Pawl, ried jagħti d-dixxiplu tiegħu Timotju. Jekk irridu niksbu l-ħajja ta' dejjem, irridu nfittxu li jkollna t-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar u l-ħlewwa; irridu nitqabdu t-taqbida tagħna billi nħarsu l-liġi bla tebgħa u bla ħtija, kif tgħallimhielna l-Knisja, jekk irridu li meta jiġi l-Mulej isejħilna għall-premju ta' dejjem, iwassalna fejn sab ruħu Lazzru l-fqajjar, 'il bogħod mit-tbatijiet ħorox li jġarrbu għal dejjem dawk li għamlu allat tagħhom il-ġid, l-għana u l-flus.

Is-27 Ħadd tas-sena

# Il-Fidi

## *"Mulej, kattar fina l-fidi"*

It-talba li darba għamlu l-Appostli lill-Mulej Ġesù, aħna jeħtiġilna nagħmluha ta' spiss: tul ħajjitna kollha rridu nitolbu lill-Mulej Ġesù biex ikattar fina l-fidi, għaliex għalkemm ngħidu li nemmnu, meta nsibu ruħna f'xi tiġrib, malajr tonqosna l-fidi u nispiċċaw biex, flok nittamaw fl-għajnuna ta' Alla, ngħidu li Alla nsiena u ma għadux jagħti widen għat-talb tagħna.

## *Il-ħżiena fil-ġieh, il-ġusti maħqura*

Dan narawh mill-kliem tal-profeta Ħabaqquq, li tħabbrilna fl-ewwel qari ta' llum. Il-profeta jiftaħ qalbu ma' Alla u jurih kemm hu mdejjaq jara tant ħażen madwaru u jisgħob bih jara li Alla jħali kollox għaddej, iħalli l-ħżiena jiddandnu bil-ħażen tagħhom qisu ħadd ma jista' għalihom. Il-profeta mhux qed jara madwaru ħlief il-qerda u l-qilla u t-tilwim tal-ħżiena, u ħadd ma qed iżommhom milli jagħmlu kull xorta ta' ħażen, waqt li t-tajbin m'humiex ħlief imfixklin u ppersegwitati mill-ħżiena.

## *Din il-qagħda għad tinbidel...*

Iżda l-Mulej malajr iwieġeb għat-tnehid tal-profeta u jgħidlu li l-inkwiet u t-tilwim kollu għad jispiċċa u l-ħżiena jintemmu fix-xejn tant li lanqas isimhom ma jibqa' mfakkar iżjed. U jkompli jgħidlu li jekk qed jara li l-qerda tal-ħżiena qed iddum ma tasal, jiżgurah li għad tasal, żgur, f'waqtha, u għalhekk m'għandniex għax naqtgħu qalbna. Dan jiġrilna għax iż-żmien għalina fid-dinja hu qasir ħafna, waqt li għal Alla elf sena huma daqs jum wieħed. X'se jżommna mela biex ma naqtgħux qalbna quddiem il-ħażen kollu li hawn fid-dinja? Il-Mulej stess iweġibna, kif wieġeb lil Ħabaqquq: "il-ġust jgħix, għall-fedeltà li għandu"; il-bniedem ġust ma jaqtax qalbu għax jafda fil-kelma ta' Alla, għax jaf li dak li Alla jrid iseħħ żgur, meta jkun il-waqt.

## *...jekk ikollna fidi sħiħa u qawwija*

Iżda ma naqtgħux qalbna quddiem il-ħażen tad-dinja, jekk il-fidi tagħna hi fidi qawwija u soda li, kif jgħidilna Ġesù, tqanqal il-muntanji. "Kieku jkollkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda taslu biex tagħmlu ħwejjeġ

ta' l-għaġeb, taslu biex iġġiegħelu siġra tat-tut tinqala' u tmur titħawwel fil-baħar. Din tixbiha li Ġesù għażel biex juri lill-Appostli tiegħu li bil-qawwa tal-fidi tagħhom kienu se jagħmlu għeġubijiet kbar.

Il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli jsemmu kemm-il darba l-għeġubijiet li għamlu l-Appostli meta xandru l-Bxara t-tajba tal-Mulej: keċċew ix-xjaten, fejqu l-morda, taw ħajja l-mejtin; u dawn l-għeġubijiet għamluhom għaliex il-fidi tagħhom fi Kristu rxoxt kienet fidi sħiħa, fidi qawwija, u mhux bħall-fidi tagħna, mhux bħall-fedeltà lejn il-Mulej.

## *Kif ikollna fidi qawwija u soda*

Il-fidi tagħna wkoll tista' tkun qawwija u sħiħa bħal dik ta' l-Appostli, bhal dik ta' tant qaddisin u nies ġusti li tul iż-żminijiet kollha, fi żmienna wkoll, għarfu jegħelbu u jġibu fix-xejn is-setgħat tal-ħażen li jaħkmu fuq id-dinja.

X'hemm bżonn għal dan? Ġa għedna li jeħtieġ nagħmlu tagħna t-talba li għamlu l-Appostli lil Ġesù: "Kattar fina l-fidi", iżda l-fidi nkattruha fina jekk inqisu wkoll it-twissijiet li San Pawl ta lid-dixxiplu tiegħu Timotju: "Heġġeġ fik id-don ta' Alla li jinsab fik bit-tqegħid ta' l-idejn, għaliex Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma spirtu ta' qawwa, imħabba u rażan". San Pawl dan il-kliem qalu lil Timotju bħala isqof li kien irċieva il-ministeru ta' l-episkopat mingħand San Pawl stess bit-tqegħid ta' l-idejn fl-ordinazzjoni tiegħu. Imma dan il-kliem jgħodd ukoll għall-insara kollha għax kull nisrani jirċievi d-don ta' l-Ispirtu l-ewwel bit-tqegħid ta' l-idejn fil-Magħmudija, u mbagħad jirċievi s-seba' doni ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Konfermazzjoni. Dawn id-doni jsaħħu l-fidi tagħna, iqawwuha kontra kull theddida u kull tiġrib biex bla biża' ta' xejn, bla ebda qtigħ il-qalb nagħtu xhieda ta' fidi ħajja quddiem id-dinja, żguri li minkejja l-fatt li l-ħażen dejjem aktar qed jikber u jinxtered fid-dinja, fl-aħħar ir-rebħa fuq id-dinja tkun dik tal-fidi tagħna.

It-28 Ħadd tas-sena

# IR-RADD IL-ĦAJR

## *Ġesù jistenna r-radd tal-ħajr tagħna*

L-Evanġelju ta' llum jurina kemm Alla jistenna minn għandna li nroddulu ħajr għall-ġid kollu li jagħmel magħna.

Ġesù huwa u sejjer lejn Ġerusalemm fejjaq għaxar imġiddmin li talbuh iħenn għalihom u jfejjaqhom, iżda mbagħad sogħobbih li wieħed biss mill-għaxra li Ġesù fejjaq reġa' lura jfaħħar lil Alla u jroddlu ħajr, għax kien jistenna li l-ulied il-poplu ta' Alla jkunu minn quddiem biex juri l-ħajr tagħhom lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħhom; iżda fil-fatt dan ma jiġrix, u din hi storja minn dejjem, kif nistgħu naraw mill-qari kollu li tħabbar lilna llum; dan il-qari jurina li l-barranin huma lesti jroddu ħajr għall-ġid li jsirilhom minn Alla aktar minn ulied is-Saltna.

## *Il-ġrajja ta' Nagħman*

Nibdew fl-ewwel qari ta' llum, li hu dwar il-fejqan ta' Nagħman tas-Sirja, li kien pagan. Dan kien marid bil-marda tal-ġdiem, u kien sama' li f'Iżrael kien hemm profeta li seta' jfejqu; mar ifittxu, iżda l-profeta Eliżew lanqas ħareġ ikellmu imma bagħat jgħidlu biss jogħdos seba' darbiet fix-xamra Ġordan u jfiq; iżda n-Nagħman ma għoġbitux l-imġiba tal-profeta; kien se jerġa' lura lejn pajjiżu, iżda l-qaddejja tiegħu ħeġġuh biex jagħti widen għal dak li qallu Eliżew; mar jogħdos seba' darbiet fix-xmara Ġordan u ħareġ imfejjaq. Nagħman kien pagan, iżda ħass li kellu jrodd ħajr lill-profeta u jagħtih rigal sabiħ, iżda Eliżew ma ried jaċċetta xejn u Nagħman imbagħad bħala sinjal ta' radd il-ħajr lil Alla stqarr li ma kienx se joffri aktar sagrifiċċji lill-allat tiegħu, imma joffrihom biss lill-Mulej.

## *Alla jagħdirna għax nonqsu mir-radd il-ħajr...*

Il-ġrajja ta' Nagħman il-pagan turina kemm il-barranin huma lesti biex iroddu ħajr għall-ġid li Alla jagħtihom, waqt li kliem Ġesù jurina kemm ulied is-Saltna huma tqal biex juru ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħhom: ma jieqfu qatt jitolbu 'l Alla l-grazzji kollha li jeħtieġu u, jekk ma jaqilgħuhomx, jgħidu li Alla nsihom, waqt li meta l-grazzji jaqilgħulhom huma jinsew iroddu ħajr lil Alla.

Dan huwa nuqqas serju, iżda Alla fil-kobor tal-ħniena tiegħu għalina dejjem lest li jinsa n-nuqqasijiet tagħna u ma jbegħidna qatt minn imħabbtu,

għax jaf kif aħna magħġuna, jaf kif ġejna midruba mid-dnub, u għalhekk iħenn għalina.

### *...iżda lilna jibqagħlna d-dmir li nroddu ħajr*

Iżda, jekk Alla min-naħa tiegħu huwa dejjem lest jagħdirna u jħenn għalina, min-naħa tagħna għandna nfittxu li qatt ma nonqsu li nroddu ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħmel magħna. F'dan jgħallimna San Pawl Missierna, li juri lil Timotju l-ferħ tiegħu li qed ibati minħabba Kristu, b'sinjal ta' radd il-ħajr għall-ġid kollu, li l-Mulej għamel miegħu tul ħajtu kollha minn meta sejjaħlu fit-triq ta' Damasku biex minn persekutur tiegħu jagħmlu għodda maħtura f'idejh ħa jwassal ismu lill-ġnus kollha tad-dinja magħrufa dak iż-żmien.

San Pawl iqis it-tbatijiet kollha li ġarrab huwa u jaqdi l-ministeru ta' Appostlu, il-persekuzzjonijiet, il-ħabsijiet, il-perikli li għadda minnhom ħa jwassal 'il Kristu lill-ġnus, bħala għemil ta' radd il-ħajr għal dak kollu li l-Mulej Ġesù għamel miegħu. San Pawl kien ferħan ibati sa l-irbit tal-ktajjen bħala xi ħati mill-agħar, għaliex minkejja l-ktajjen li kienu jorbtuh, hu ma waqafx ixandar il-kelma ta' Alla; laqa' b'sabar kbir kull tiġrib li ġie fuqu biex dan ma jfixklux li jwassal il-Bxara t-tajba lill-magħżulin tal-Mulej; qalbu qawwija lil jekk jibqa' fidil għall-missjoni li l-Mulej fdalu, hu se jirċievi l-kuruna tal-glorja li Alla jwiegħed lil dawk kollha li jagħmlu r-rieda tiegħu, għax kien jaf u jemmen li Alla dejjem iżomm kelmtu għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

Id-29 Ħadd tas-sena

# Il-Ġurnata Missjunarja

## *It-talb ta' Mosè u r-rebħa fuq l-Għamalekin*

L-ewwel qari ta' llum ħabbrilna kif seħħet ir-rebħa ta' l-Iżraelin fuq l-għedewwa tagħhom, l-Għamalekin. Waqt li l-Iżraelin kienu qed jitqabdu ma' l-għedewwa tagħhom, Mosè, Aaron u Hur telgħu fuq muntanja għolja, jitolbu għar-rebħa tal-poplu ta' Alla: sakemm Mosè kien jitlob b'idejh merfugħin lejn is-sema, l-Iżraelin kienu jreġġgħu lura l-Għamalekin, iżda meta mbagħad bil-għejja Mosè kien iniżżel idejh, l-Iżraelin kienu jitilfu; għalhekk Aaron u Hur żammew idejn Mosè merfugħin 'il fuq sakemm l-Għamalekin ġew meqruda għal kollox.

Din il-ġrajja turina kemm Alla kien ta' għajnuna għall-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim; iżda wisq aktar hu Alla ta' għajnuna għall-poplu tiegħu tal-Patt il-Għid, poplu miksub minn Kristu bid-demm tiegħu minn kull nazzjon, u ġens u lsien; għalhekk wara l-ewwel qari aħna stqarrejna flimkien u għedna: "L-għajnuna tagħna mingħand il-Mulej".

## *Il-parabbola ta' l-imħallef ħażin*

U tassew li l-għajnuna tagħna mingħand il-Mulej kif jgħidilna Ġesù stess bil-parabbola ta' l-imħallef il-ħażin, li spiċċa jagħmel ħaqq ma' waħda armla fqira mhux għax kien jimpurtah mill-ġustizzja, imma għax dejqitu. Dan wassal lil Ġesù biex jgħid li jekk bniedem ħażin jasal biex jagħmel is-sewwa minħabba l-egoiżmu tiegħu, Alla ma hu se jonqos qatt li lejl u nhar jagħmel il-ġid, jagħmel il-ġustizzja mal-magħżulin tiegħu.

Min huma dawn il-magħżulin tal-Mulej? Huma l-bnedmin perfetti, imħejjijin għal kull ħidma tajba. B'liema mod tinkiseb din il-perfezzjoni? Iweġibna San Pawl, fit-tieni qari ta' llum. Huwa bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla u li nkunu midħla tal-Kotba Mqaddsa, li niksbu l-perfezzjoni, għaliex l-iskrittura hi mnebbħa minn Alla u tiswa ħafna biex wieħed jgħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fil-qdusija. U hekk il-bniedem ikun perfett.

## *Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja*

L-Iskrittura hi mnebbħa minn Alla, mill-Ispirtu s-Santu, li ssawwab fuq il-Knisja wara li l-Mulej tela' għand il-Missier: minn dan l-ewwel Għid il-Ħamsin nisrani, l-Ispirtu s-Santu qatt ma waqaf jaħdem fil-Knisja bid-doni u l-kariżmi tiegħu. U f'din is-sena ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir

tas-sena 2000, sena ddedikata lill-Ispirtu s-Santu, il-Knisja stednitna nimmeditaw bla heda fuq il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. Dan għamel ukoll il-Papa fil-messaġġ tiegħu għall-Ġurnata Missjunarja, li tfakkarna fid-dmir tagħna bħala nsara li nagħtu sehemna għax-xandir ta' l-Evanġelju, għall-missjoni lill-ġnus kollha ta' l-art.

### *Is-sinjal tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu llum fid-dinja*

Ħafna huma s-sinjali tal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fid-dinja ta' llum. Minkejja l-ħafna aspetti negattivi tal-ħajja ta' llum: l-individwaliżmu, il-konsumiżmu, ir-relattiviżmu morali, iċ-ċaħda ta' prinċipji u valuri soda, hemm ħerqa kbira fil-qalb ta' kull bniedem għall-Bxara t-tajba ta' Kristu. Meta nħarsu lejn id-dinja ta' llum bil-qies tagħna bħala bnedmin, rna nistgħux ma nkunux pessimisti, u naħsbu li d-dinja miexja lejn it-telfien tagħha. Iżda meta nkunu nagħmlu hekk, ma nkunux qed inqisu l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja. U din qed turi ruħha b'ħafna modi, tant li l-Papa wasal biex jgħid li riesqa rebbiegħa nisranija tassew ta' l-għaġeb.

X'inhuma s-sinjali ta' din ir-rebbiegħa? Turihomlna l-istorja ta' dawn l-aħħar żminijiet; kiber fost il-popli kollha l-għarfien tal-valur tal-persuna umana u tad-drittijiet tar-raġel u tal-mara; hi mxerrda ma' kullimkien ix-xewqa ta' paċi vera, li twassal biex tingħeleb kull xorta ta' firda u ta' diskriminazzjoni; hemm spirtu ta' tolleranza mxerred ma' kullimkien li impenn f'ħidmiet ta' solidarjetà u ta' voluntarjat; xewqa li l-ġustizzja tkun l-istess għal kull bniedem, kull poplu u kull nazzjon u dan l-aktar fil-qasam ekonomiku. Imbagħad hemm ukoll il-ħeġġa għax-xandir ta' l-Evanġelju li qed naraw fost il-popli li għadhom kemm għaddew minn tiġrib kbir, fost il-popli wkoll li għadhom kemm ħaddnu t-twemmin nisrani, li qed iħossu li għandhom jwassluh lil ġnus oħra.

L-Ispirtu s-Santu mhux qed jieqaf mill-ħidma tiegħu, u dan jimliena bit-tama li l-millennju l-ġdid jagħtu bidu għal żmien ġdid u hieni fil-ġrajja tal-Knisja ta' Kristu.

It-30 Ħadd tas-sena

# Alla hu dejjem ma' min jiċċekken u jafda fih

## *Il-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan*

Il-Knisja stednitna llum biex imbierku dejjem il-Mulej u nfaħħru l-isem qaddis tiegħu, għaliex hu dejjem lest biex jisma' l-ilfiq ta' min hu mġarrab mill-hemm tad-dinja, u jagħti l-għajnuna lil min hu ġust quddiemu, iżda jbiegħed ħarstu minn fuq il-ħżiena u jħassar tifkiriethom minn fuq l-art.

Kemm hu minnu dan jurihulna l-qari kollu ta' llum. Nibdew bil-parabbola li tħabbritilna fl-Evanġelju ta' llum dwar l-imġiba ta' Fariżew u dik ta' pubblikan. Il-Fariżew mar quddiem nett u bilwieqfa qagħad jiftaħar quddiem Alla bl-għemil tajjeb kollu li kien jagħmel: isum darbtejn fil-ġimgħa u jħallas l-għexur ta' kull ma kien idaħħal; jiftaħar li kien bniedem ġust, mhux bħall-bnedmin l-oħra kollha li kienu ħallelin u żienja, u lanqas bħal dak il-pubblikan li kien daħal miegħu fit-tempju.

Min-naħa l-oħra l-pubblikan baqa' lura, bilkemm jerfa' għajnejh mill-art, imma kollu sogħbien iħabbat fuq sidru u jitlob 'l Alla jħenn għalih għax kien midneb.

## *Il-pubblikan jiġi ġustifikat għax iċċekken*

Minn dawn iż-żewġ persuni, min minnhom għoġob lil Alla u ġie ġustifikat quddiemu? Iweġibna Ġesù stess: il-pubblikan ħareġ ġustifikat mit-tempju u mhux il-Fariżew! Għaliex ma ġiex ġustifikat il-Fariżew li kien iħares dmirijietu bir-reqqa kollha u ma kienx bniedem ħażin, u ġie ġustifikat il-pubblikan li hu stess stqarr li kien midneb kbir?

Iwieġeb Ġesù nnifsu meta jgħidilna li min jitkabbar jiċċekken, u min jiċċekken jitkabbar. Il-Fariżew ma għamilx ħaġ'oħra ħlief ikabbar lilu nnifsu, bħallikieku kien bil-ħila tiegħu biss li kien qed jgħix ħajja sewwa – Alla lill-kburin jeqfilhom, u ma jagħtix widen għal kliemhom; iżda Alla jisma' lil min jagħraf ix-xejn tiegħu, lil min jiċċekken quddiemu u jitolbu ħniena; għaliex il-pubblikan, sogħbien għal ħtijietu, talab maħfra u ħniena u l-Mulej sama' t-talba tiegħu.

## *L-imġiba tagħna skond Bin Sirak*

L-istess ħaġa jgħidilna Bin Sirak fl-ewwel qari li smajna. Aħna, fl-

imġiba tagħna, mal-bnedmin ħutna, nimxu b'żewġ uċuħ: nuru rispett u nagħtu ġieh lil min hu għani, lil min għandu xi setgħa, iżda mbagħad ma rridux li jersqu lejn l-foqra, l-imsejknin, lil dawk li jeħtieġu l-għajnuna tagħna; ma nieqfu qatt nagħmlu għażla bejn min hu għani u min hu fqir. U dan kien minn dejjem, sa minn żmien Kristu stess, tant li San Ġakbu fl-ittra tiegħu għandu kliem iebes għal dawk l-insara ta' żmienu li kienu jagħmlu għażla bejn min hu għani u setgħan u min hu fqir u mċerċer – l-għani kien ikollu kull ġieh, waqt li l-fqir jiġi mwarrab fil-ġenb. Iżda Alla jżomm fil-ġieh il-fqir u jisimgħu dejjem meta jkun il-waqt. Il-fqir u l-imsejken qatt ma għandu jaqta' qalbu mill-għajnuna ta' Alla, imma għandu jkompli jitolbu għajnuna u ħniena sakemm Alla, l-imħallef ġust, jagħmel ħaqq miegħu. U jekk dan idum ma jseħħ, ma jfissirx li Alla ma jismax qrib l-imsejknin, imma jfisser biss li jagħtihom f'waqtha l-għajnuna li tkun tassew ta' ġid għalihom.

## *Alla hu dejjem ma' min jafda fih*

Kull min hu mġarrab u mnikket mill-hemm tad-dinja m'għandux jagħmel ħaġ'oħra ħlief jitgħallem minn San Pawl, huwa u jimmedita t-tieni qari li tħabbrilna llum. San Pawl meta wasal biex itemm il-ħidma tiegħu ta' appostlu u evanġelita, sab ruħu waħdu, abbandunat minn kulħadd, imma kien jemmen li Alla kien miegħu l-ħin kollu, u kien se jagħtih il-kuruna tal-glorja wara li jkun temm il-ġirja tiegħu u żamm sħiħ fil-fidi. Alla hu mħallef ġust, jgħidilna San Pawl, hu l-kuruna tal-glorja jagħtiha lil kull min bħalu kellu dejjem fiduċja kbira f'Alla: lil dawn kollha Alla jeħlishom minn kull deni u jħarishom u jwassalhom għall-ħajja ta' dejjem miegħu fis-saltna tiegħu.

Il-31 Ħadd tas-sena

# Il-Qaddisin Kollha

## *Min huma l-qaddisin*

Illum il-Knisja qed tistedinna nagħtu ġieh lil dawk ħutna li tul ħajjithom fid-dinja fittxew l-hena veru b'imġiba ta' ħajja li togħġob lil Alla, imġiba li l-Mulej Ġesù xandar, fil-bidu tad-diskors tiegħu lill-kotra kbira ta' dixxipli u ta' nies li nġabru madwaru fuq il-muntanja biex jisimgħu mingħandu l-Bxara t-Tajba tiegħu ta' salvazzjoni.

Dawn ħutna għexu fil-faqar ta' l-ispirtu, għax ma kellhomx qalbhom marbuta mal-ġid li jgħaddi iżda għarfu jużaw dan il-ġid b'mod li ma jitilfu qatt il-ġid li jibqa' għal dejjem; kienu mġarrbin min-niket jaraw tant ħażen jinxtered fid-dinja, imma kienu jsibu l-faraġ fil-ħsieb ta' fl-aħħar kienu se jsaltnu l-verità u l-ġustizzja; għarfu dejjem igibu ruħhom bil-ħlewwa ma' kulħadd billi kienu jpattu bil-ġid u l-barka d-deni kollu li kien isirilhom mill-ħżiena; kellhom għatx kbir għall-ġustizzja mxenqin kif kienu li kulħadd ikollu mħarsa d-drittijiet tiegħu huwa u jaqdi sewwa d-dmirijiet; dejjem urew ħniena ma' kulħadd u għexu ħajja ta' safa, ħielsa minn kull tingiż tad-dinja għax għarfu li hekk biss kienu jistgħu jiksbu l-ħajja ta' dejjem; ħabirku dejjem biex ikun hemm għaqda u sliem bejn kulħadd ħalli l-bnedmin kollha jaslu biex jifhmu li huma lkoll ulied Alla, ilkoll maħluqin fuq is-sura u x-xbieha ta' Alla u lkoll mifdijin mid-demm għażiż ta' Kristu.

L-imġiba ta' dawn ħutna kienet ċanfira għall-ħżiena, għalhekk ma ħamluhomx, u għamlulhom gwerra, ippersegwitawhom, gidbu fuqhom, iżda huma għarfu jegħelbu kull tiġrib u issa qed igawdu l-hena ta' dejjem fis-smewwiet.

## *Huma dawk li ħallew din id-dinja fi ħbiberija ma' Alla*

Dawn huma l-Qaddisin li qed nagħmlu tifkira solenni tagħhom ilkoll flimkien. M'humiex biss il-Qaddisin li l-Knisja għarfet il-qdusija tagħhom u xandritha mad-dinja kollha u riedet li tingħatalhom qima bħala Qaddisin u Beati tagħha, imma huwa dawk kollha li fuq l-art minn tfulithom għexu b'fedeltà sħiħa għall-wegħdiet li għamlu fil-Magħmudija tagħhom, huma dawk kollha li wara ħajja mtajra u midinba mqanqlin mill-grazzja ta' Alla, niedna u sogħbiena, kisbu l-ħniena ta' Alla u għexu ħajja ta' penitenza għad-dnubiet tagħhom u tad-dinja, u huma wkoll dawk il-bnedmin ta' rieda tajba li Alla nnifsu wrihom it-triq tas-

salvazzjoni billi bil-grazzja tiegħu tahom li jgħixu skond ma tgħidilhom il-kuxjenza retta tagħhom.

*Huma kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha*

Dawn huma dik il-kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha, minn kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, li San Ġwann ra wieqfa quddiem it-tron ta' Alla u quddiem il-Ħaruf li kien maqtul, lebsin ilbiesi twal bojod u bil-friegħi tal-palm f'idejhom, ma jieqfu qatt jagħtu tifħir u glorja, għerf, radd il-ħajr u ġieh, qawwa u saħħa lil Alla tagħna. Huma dawk li marru fis-sema wara li għaddew minn taħbir kbir u ħaslu u bajdu lbieshom fid-demm tal-Ħaruf, huma jiġifieri dawk li għexu fil-milja kollha tagħhom il-beatitudnijiet: dak l-għemil kollu li, kif ħabbar Ġesù fuq il-muntanja, min jagħmlu jikseb l-hena ta' dejjem.

*X'inhi l-hena ta' dejjem*

X'inhi din l-hena ta' dejjem? Iweġibna San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu. Ma nafux x'inhi, għax ma nafux se nkunu fil-ħajja ta' dejjem: nafu biss li nkunu henjin b'hena li ma jitfissirx bil-kliem, għaliex 'l Alla narawh kif inhu u nkunu bħalu. Din il-verità għandha timliena b'kuraġġ kbir, biex ngħixu l-beatitudnijiet bil-ħeġġa kollha ta' ħajjitna, minkejja s-sagrifiċċji li jitolbu minna. Il-qaddisin fis-sema li għexuhom tul ħajjithom fuq l-art, jidħlu dejjem għalina bit-talb tagħhom u jaqilgħulna l-grazzji li neħtieġu biex ngħixuhom kif jixraq, ħalli meta jasal il-waqt aħna wkoll ningħaqdu ma' dik il-kotra kbira minn kull poplu u ġens u nazzjon u lsien li qiegħda quddiem it-tron ta' Alla u l-Ħaruf, biex magħhom aħna wkoll nagħtu tifħir u glorja, ġieh u radd il-ħajr li Alla l-Missier li jista' kollox u lill-Ħaruf bla tebgħa, Kristu l-Mulej, li ta ħajtu ħalli aħna nkunu qaddisin.

It-32 Ħadd tas-sena

# Alla tal-Ħajjin mhux tal-Mejtin

## *Il-ġrajja ta' l-aħwa Makkabej*

Hi drawwa tal-Knisja li meta jkun qed joqrob it-tmiem tas-sena liturġika, tħabbrilna l-misteru tal-ħajja ta' dejjem. Dan qed tagħmlu llum kemm billi ssemmagħlna xhieda tas-seba' aħwa Makkabej, li għelbu t-tiġrib tal-martirju tagħhom bil-qawwa tat-twemmin fil-ħajja ta' dejjem, u kemm bi kliem Ġesù li wera kemm kienu mqarrqin is-Sadduċej meta ma kinux jemmnu fil-ħajja ta' dejjem.

Nibdew bil-ġrajja ta' l-aħwa Makkabej: kienu sebgħa li, flimkien ma' ommhom, ġew imġegħlin bid-daqqiet tal-frosta u tan-nerv, jieklu l-laħam tal-majjal, ħaġa li l-liġi ta' Mosè kienet tipprojbiha.

L-ewwel sitta, minkejja l-moħqrija li sofrew, ma ridux jiksru l-liġi ta' missirijiethom u ġarrbu mewta l-aktar kiefra, imqawwijin minn ommhom, li bla heda kienet tħiġġiġhom biex iżommu sħiħ, qawwijin bit-tama tal-ħajja ta' dejjem. Kien fadal iż-żgħir li kellu biss xi ħmistax-il sena, u s-sultan ħaseb li jġiegħelu jiekol il-laħam tal-majjal bil-ħafna wegħdiet li għamillu ta' hena u ta' għana f'din id-dinja. Iżda dan iż-żagħżugħ ukoll, imwettaq bil-kelma ta' ommu, żamm sħiħ fil-fidi ta' missirijietu, u wkoll sofra l-martirju; fl-aħħar tat ix-xhieda tagħha omm dawk is-sebat aħwa. Alla waqaf magħhom bil-grazzji tiegħu għall-imħabba li wrew għal-liġi li Alla kien ta lil Mosè ħdejn is-Sinaj, u, għalkemm għexu fi żmien il-Patt il-Qadim, qabel ma ġie Kristu fid-dinja, u bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet tana ħajja ġdida, il-Knisja llum tqimhom bħala martri tagħha.

## *Hi ħaġa tajba titlob għall-mejtin*

Bħas-sebat aħwa Makkabej kien hemm oħrajn fi żmienhom li kienu jemmnu fil-qawmien mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem; fosthom kien hemm il-mexxej tal-Lhud fil-ġlieda kontra l-pagani għall-ħarsien tal-liġijiet ta' missirijiethom: Ġuda, il-Makkabew. Dan, wara taqbida ħarxa konotra l-għedewwa, għamel ġabra ta' flus u bagħatha fit-tempju biex isiru sagrifiċċji ta' tpattija għad-dnub li kienu għamlu xi Lhud meta ħadu għalihom xi ħwejjeġ tal-pagani, u baqgħu mejtin fit-taqbida: Ġuda qiesha ħaġa tajba u xierqa titlob għall-mejtin ħa jeħilsu mill-kastig tagħhom u jidħlu fil-ħajja ta' dejjem.

## *Il-fehma tas-Sadduċej*

Iżda jekk fil-Lhudija fi żmien il-Makkabej u fi żmien Kristu kien hemm ħafna jemmnu fil-ħajja ta' dejjem, kien hemm ħafna oħra li din il-verità ma kinux iħaddnuha; fosthom kien hemm is-Sadduċej, li kellhom influwenza kbira fil-pajjiż fi żmien Kristu, u kienu għedewwa tal-Fariżej li kienu emmnu fil-qawmien mill-imwiet. Dawn is-Sadduċej, biex iwaqqgħu għaċ-ċajt il-verità tal-qawmien mill-imwiet u tal-ħajja ta' dejjem, lil Ġesù ġiebulu problema tagħhom, li smajna waqt il-qari ta' l-Evanġelju; mara li tiżżewweġ sebat aħwa, wieħed wara l-ieħor, biex tħares il-liġi u tagħti tfal lil żewġha, fil-ħajja ta' dejjem ta' min tkun il-mara, għax is-sebgħa żżewġuha? Ġesù malajr weġibhom u wrihom kemm kien fieragħ il-ħsieb tagħhom billi fissrilhom li fil-ħajja ta' dejjem, wara l-qawmien mill-imwiet, il-ħajja ma tintemmx iżda tinbidel: fil-qawmien mill-imwiet la jżewġu u lanqas jiżżewġu, u jkunu bħall-anġli tas-sema, ma jmutux iżjed; ikunu ħajjin għax qed jgħixu l-ħajja ta' Alla, għax Alla hu Alla tal-ħajjin u mhux tal-mejtin. Da jixhdu Mosè li meta Alla kellmu minn nofs ix-xitla ta' l-għollieq taqbad, qallu li hu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb, għalhekk mhuwiex Alla tal-mejtin imma tal-ħajjin.

## *Verità ta' faraġ għalina*

It-twemmin fil-qawmien mill-imwiet u fil-ħajja ta' dejjem hu faraġ kbir għalina, kif jgħidilna San Pawl fit-tieni ittra tiegħu lit-Tessalonkin. Jgħidilna li Alla Missierna ħabbna u tana l-faraġ ta' dejjem u tama sħiħa fil-grazzja tiegħu li twettaqna fil-mixi tagħna f'din id-dinja u twassalna għall-ħajja ta' dejjem: hu jeħlisna mill-Ħażin jekk aħna nagħmlu dejjem dak li jikkmandana u jmexxina lejn l-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu sakemm jasal il-waqt li nidħlu fil-ħajja ta' dejjem, fejn ma jkunx hemm biki, u niket, u tiġrib iżda hena u sliem bla qjies.

It-33 Ħadd tas-sena

# Jekk nibqgħu sħaħ sa l-aħħar, għalina titla' x-xemx tal-ġustizzja

## *Il-ħajja ma tintemmx, imma tinbidel*

Il-Ħadd li għadda l-Knisja fakkritna li wara din il-ħajja fid-dinja hemm ħajja oħra, il-ħajja ta' dejjem. Il-ħajja tagħna f'din id-dinja għad tintemm, iżda ma tintemmx għal kollox, għax tinbidel f'ħajja oħra, ħajja ġdida ta' hena u sliem bla qjies, ħajja li tibqa' għal dejjem, u aħna nkunu dejjem ma' Alla, li narawh wiċċ imb'wiċċ. Din il-ħajja ġdida hi l-premju tal-fedeltà tagħna lejn il-Mulej; wara li jsir ħaqq minna, għax ilkoll kemm aħna, meta nħallu din id-dinja, irridu nidhru quddiem il-Mulej, l-imħallef ġust biex nagħtuh kont ta' l-imġiba kollha tagħna. Dan ikun il-ġudizzju partikolari ta' kull wieħed minna malli nħallu din id-dinja, imma hemm ukoll il-ġudizzju universali, dak li l-Mulej jagħmel fl-aħħar tad-dinja, meta jerġa' jiġi b'setgħa u qawwa kbira flimkien ma' l-anġli kollha tiegħu, imdawwar mill-Appostli tiegħu, biex jagħmel ħaqq mid-dinja u jagħti l-premju lit-tajbin u l-kastig lill-ħżiena.

## *Il-ġudizzju universali*

Il-ħsieb tal-ġudizzju jbeżżagħna, speċjalment il-ħsieb tal-ġudizzju universali f'Jum il-Mulej; iżda kliem il-profeta Malakija, li smajna fl-ewwel qari ta' llum, għandu jwarrab minna kull biża'. Veru li Jum il-Mulej, kif jgħidilna l-profeta, hu jum ta' qilla u jum ta' biża', jum jaħraq bħal forn, imma hu hekk biss għall-ħżiena u għall-kburin; għal dawk li għandhom il-biża' tal-Mulej, u jgħixu ħajja tajba, Jum il-Mulej hu jum ta' hena u sliem bla qjies, għax dakinhar titla' għalihom ix-xemx tal-ġustizzja.

## *Il-waqa' ta' Ġerusalemm xbieha ta' l-aħħar tad-dinja*

Fuq dan il-Jum Ġesù kellem lill-Appostli huwa u dieħel Ġerusalemm biex ibati u jmut għalina. Id-dehra tat-Tempju għaġbet lill-Appostli u bdew jiftaħru bid-dehra li raw quddiemhom, iżda Ġesù ħabbrilhom li minn dak it-Tempju ma kinitx se tibqa' ġebla fuq ġebla, għax it-Tempju kien se jiġġarraf, biex ma jinbena qatt aktar, wara li Ġerusalemm taqa' taħt riġlejn il-ġnus.

Fid-diskors tiegħu, Ġesù fil-waqa' ta' Ġerusalemm ra mħabbra wkoll it-tmiem tad-dinja, u kif it-tiġrib tal-belt tħabbret mill-ġrajjiet li seħħu

qabel li r-Rumani assedjaw lil Ġerusalemm, hekk l-aħħar tad-dinja jkun imħabbar minn ħafna ġrajjiet tal-biża' – iżda ma jkunx għadu t-tmiem. Dawn il-ġrajjiet tal-biża' Alla jippermetihom biex aħna nkunu dejjem imħejjija għall-miġja tal-Mulej, u ma nintelqux jew naqtgħu qalbna, minħabba l-persekuzzjonijiet li jkollna, għax Ġesù jsemmi wkoll il-persekuzzjonijiet tat-tajbin bħala ġrajjiet li jridu jseħħu qabel tmiem id-dinja.

## *Nirbħu l-persekuzzjonijiet biex insaltnu għal dejjem*

Fuq dawn il-persekuzzjonijiet Ġesù jitkellem fit-tul u juri kemm se jkunu kiefra għall-fidili tiegħu, iżda fost dawn il-persekuzzjonijiet l-insara ma jkunux waħedhom, u ma jsofru ebda telfa imma jiksbu rwieħhom. Biex dan iseħħ għalina, x'irridu nagħmlu? Xejn ħlief i nkunu fidili għas-sejħa tagħna ta' nsara. Din il-fedeltà nuruha, jgħidilna San Pawl, jekk naqdu dmirijietna fid-dinja bir-reqqa kollha, mingħajr ma nitgħażżnu u noqogħdu ninħlew fix-xejn. Fi żmien it-tiġrib, f'mumenti ta' diffikultajiet biex inħarsu dmirijietna bħala nsara, m'għandniex inħallu kollox sejjer għal rasu, imma nkomplu naqdu d-dmirijiet tagħna tas-soltu, kif nistgħu u sa fejn nistgħu, b'fiduċja kbira fl-għajnuna ta' Alla, li qatt ma tonqosna. Hu b'dan il-mod li nirbħu t-theddid tal-ħżiena u nibqgħu fidili lejn Alla bla ma naqtgħu qalbna mit-toqol tal-provi li minnhom inkunu għaddejjin. Hu x'inhu f'dawn il-provi ma nkunux waħedna, imma jkollna l-Mulej magħna, li jħarisna, iwettaqna, u jmexxina mill-widien mudlama tad-dinja, għas-saltna ta' l-hena, il-ferħ u s-sliem.

L-34 Ħadd tas-sena

# Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu

## *Is-saltna ta' David*

L-ewwel qari ta' llum ifakkarna f'meta x-xjuħ kollha ta' Iżrael marru f'Hebron, fejn David kien isaltan, u talbuh biex ikun is-sultan ta' Iżrael kollu; dan isaltan seba' snin f'Hebron u tlieta u tletin sena f'Ġerusalemm, u s-snin tas-saltna tiegħu kienu snin ta' ġieħ kbir għal Iżrael kollu. Iżda, forsi wieħed jista' jistaqsi, għaliex illum, fis-solennità ta' Kristu Re, il-Knisja trid tfakkarna fuq is-saltna ta' David?

It-tweġiba jagħtihielna l-Anġlu Gabrijel bil-kliem li qal lill-Verġni Marija, meta ħabbrilha l-misteru ta' l-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla: "Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir u jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru, u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

## *Is-saltna ta' Kristu*

Kliem l-Anġlu lil Marija juru sewwa li s-saltna ta' Kristu m'hijiex bħas-saltniet kollha tad-dinja, u lanqas bħas-saltna ta' David f'Hebron u f'Iżrael: hi saltna li se tibqa' għal dejjem, u għalhekk m'hijiex bħas-saltniet kollha tad-dinja li biż-żmien kollha jiġu fix-xejn, kif ġara wkoll mis-saltna ta' David f'Iżrael li ġiet fix-xejn meta ż-żewġ saltniet ta' Iżrael u Ġuda nqerdu mill-Kaldin u l-poplu kollu ttieħed fil-jasar. U meta, sebgħin sena wara, intemm il-jasar u l-poplu reġa' lura lejn pajjiżu, jaħkem fuq Iżrael ma kien hemm ħadd minn nisel ta' David.

## *Saltna ta' ġustizzja, imħabba u sliem*

X'kienet mela s-saltna li Alla kien se jagħti lil Ibnu magħmul bniedem fil-ġuf safi ta' Marija, u kellha tibqa' għal dejjem? Kienet saltna mhux ta' din id-dinja, mibnija fuq il-qawwa ta' l-armi u miksuba wkoll bil-qerq, imma kienet saltna fil-qlub tal-bnedmin, saltna ta' qdusija u grazzja, saltna ta' ġustizzja, imħabba u sliem, saltna li tiġbor fiha l-bnedmin kollha ta' rieda tajba li huma ħbieb ta' Alla, saltna li tinsab fid-dinja, kollha ġmiel u sebħ, iżda mdallma min-nuqqasijiet u d-difetti tal-bnedmin, saltna li tilħaq il-kobor sħiħ tagħha u tidher fil-milja kollha ta' ġmielha fis-Saltna tas-smewwiet, Ġerusalemm tas-sema, li San Ġwann f'dehra ra nieżla mis-sema, imżejna bħall-għarusa għall-Għarus tagħha, Kristu.

## *Il-weghda tal-Mulej lill-ħalliel it-tajjeb*

Il-ħalliel it-tajjeb, imsallab mal-Mulej fuq il-Kalvarju, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, għaraf x'kienet is-saltna li tagħha Kristu kien is-sultan, u għalhekk, kif ħabbrilna l-Evanġelju ta' llum, waqt li kulħadd kien qed jgħajjar lill-Mulej – u l-ħalliel l-ieħor imsallab ma' Ġesù wkoll – il-ħalliel it-tajjeb talab lil Ġesù u qallu: "Ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek", u Ġesù wieġħbu: "Illum tkun miegħi fil-ġenna".

Kliem Ġesù lill-ħalliel it-tajjeb huma l-aqwa xhieda għalina li s-saltna li hu ġie iwaqqaf fid-dinja m'hijiex ta' din id-dinja, imma hija l-ġenna, għalkemm tinsab ukoll fuq l-art u ċ-ċittadini tagħha huma dawk kollha li ħelsu mill-jasar tat-taħsir u daħlu fis-saltna tad-dawl, fis-saltna ta' l-Iben ta' Alla, li bih ksibna l-fidwa tagħna, il-maħfra tad-dnubiet u sirna ħaġa waħda miegħu bħala membri tal-Ġisem tiegħu li hi l-Knisja.

## *Membri tal-Ġisem ta' Kristu*

Bħala membri tal-Ġisem ta' Kristu, li hi l-Knisja, aħna fid-dmir nagħtu ġieh lil Ġesù bħala r-Ras u s-Sultan tagħna: hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx: lil Alla ħadd ma jarah, imma l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, għarrafulna; hu bħala bniedem hu l-kbir fost il-ħlejjaq kolha, bniedem bħalna jixbahna f'kollox minbarra d-dnub; fih bħala Alla, kien maħluq kollox, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, u hu qabel kollox għax hu minn dejjem u bih kollox qiegħed iżomm. Hu l-ewwel f'kollox, għax bhala bniedem hu l-ewwel li qam mill-imwiet, u bħala Alla fih tgħammar il-milja kollha tad-divinità: bih biss, il-Bniedem-Alla, il-Missier seta' jerġa' jħabbeb kollox miegħu bid-demm li xerred fuq is-salib u b'hekk ġieb is-sliem bejn is-sema u l-art.

Quddiem dawn il-veritajiet hekk għoljin, quddiem l-opra kollha tas-salvazzjoni li seħħet bi Kristu, dmirna hu dejjem li nagħtu ġieh lil Ġesù, is-sultan tagħna, is-sultan tal-ħolqien kollu, Sultan rebbieħ, sultan jaħkem fuq il-ħolqien kollu u kullimkien, f'kull żmien: *Christus vincit,Christus regnat, Christus imperat.*

# Appostolat tat-talb

## INTENZJONIJIET GĦAS-SENA 1999

### Jannar

**Ġenerali:** Tul din is-sena ddedikata lil Alla l-Missier, jalla dawk kollha li jemmnu jitgħallmu jiftħu qalbhom għal Alla b'fiduċja sħiħa bħal dik ta' l-ulied li jafdaw fil-ġenituri tagħhom.

**Missjunarja:** Jalla l-irġiel u n-nisa kollha tad-dinja jiftħu qalbhom għal Alla l-Missier, u jkunu aktar f'xirka waħda bejniethom.

**Lokali:** Jalla dejjem nemmnu u nistqarru li aħna l-Maltin u l-Għawdxin kollha, u n-nies kollha tad-dinja niffurmaw familja waħda, għaliex ilkoll għandna l-istess Missier fis-smewwiet, u għalhekk għandna nkunu aħwa bejnietna.

### Frar

**Ġenerali:** Jalla jkunu mħarsa mit-theddida ta' l-ewtanasija u ta' suwiċidju assistit dawk l-aktar dgħajfa fostna, speċjalment dawk imġarrbin minn mard terminali.

**Missjunarja:** Jalla l-Knisja fil-Vjetnam ikollha libertà reliġjuża sħiħa u jkollha wkoll ir-ragħajja li teħtieġ biex taqdi l-missjoni tagħha.

**Lokali:** Jalla l-morda kollha ta' pajjiżna, speċjalment dawk li għandhom fidi dgħajfa, m jonqoshom qatt il-faraġ li jiġi mir-Reliġjon Nisranija.

### Marzu

**Ġenerali:** Jalla l-insara jġibu 'l quddiem, bil-mod il-mod, it-teħħija tad-dejn finanzjarju tal-pajjiżi foqra, biex is-sena tal-Ġublew, skond il-Kelma ta' Alla, tkun sena ta' ħelsien mid-djun u ta' liberazzjoni.

**Missjunarja:** Jalla, wara l-assemblea speċjali għall-Asja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, il-knejjes tal-post iħabbru l-Evanġelju bla biża' u bis-safa kollu b'mod li jkun jaqbel aktar mad-dinja reliġjuża ta' l-Asja.

**Lokali:** Jalla l-qima tagħna, matul ir-Randan, ma tkunx biss esterna u wirja folkloristika, imma tkun tabilħaqq qima ġejja mill-qalb u twassal għall-konversjoni sinċiera.

### April

**Ġenerali:** Jalla l-insara bla biża' ta' xejn jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom fi Kristu rxoxt bi kliemhom u b'ħajjithom kollha, u hekk jagħtu sehemhom għall-bini taċ-ċiviltà ta' l-imħabba.

**Missjunarja:** Jalla fl-Afrika, imġarrba minn tant tensjoni u vjolenza, il-Knisja taqdi l-missjoni tagħha ta'

rikonċiljazzjoni, fraternità u sliem.

**Lokali:** Jalla dejjem napprezzaw is-Saċerdozju kattoliku, l-Ewkaristija u s-sagramenti l-oħra, bħala doni ta' Kristu rxoxt.

## Mejju

**Ġenerali:** Jalla ż-żgħażagħ, bid-dinamiżmu u l-kreattività tagħhom, ikunu dejjem xhieda tal-kelma ta' Ġesù, għajn ta' tama, hena u sliem.

**Missjunarja:** Jalla l-ġenituri nsara, fuq l-eżempju u bl-għajnuna ta' Marija, jedukaw lil uliedhom f'dik il-fidi li twassalhom ħa jimpenjaw ruħhom f'ħidma appostolika u missjunarja.

**Lokali:** Jalla l-Verġni Marija tkun għalina t-triq li twasalna għand Kristu, u ssaħħaħ ir-rieda tagħna biex ngħixu skond it-tagħlim tiegħu.

## Ġunju

**Ġenerali:** Jalla f'din is-sena, dedikata lil Alla l-Missier, tikber ix-xewqa u jissaħħaħ l-impenn ħa tingħeleb kull firda biex il-bnedmin kollha jinħabbu ma' Alla u ma' xulxin.

**Missjunarja:** Jalla l-Knisja f'Macao tkattar il-qadi missjunarju tagħha favur il-poplu Ċiniż.

**Lokali:** Jalla nsibu fil-Qalb ħanina tas-Salvatur mediċina għall-fejqan spiritwali tagħna u grazzja ta' rikonċiljazzjoni tagħna ma' Alla u mal-proxxmu.

## Lulju

**Ġenerali:** Jalla l-insara, permezz ta' l-ospitalità li juru l-aktar ma' ħuthom l-emigranti, jagħtu xhieda ħajja ta' l-imħabba ta' Alla l-Missier għalina lkoll.

**Missjunarja:** Jalla l-għarfien tad-dmir missjunarju tagħhom jidher sewwa fil-Movimenti ġodda u fl-organizzazzjonijiet ta' l-appostolat fil-Knisja.

**Lokali:** Jalla t-turisti li jiġu jżuruna jaraw fostna eżempji ta' ġentilezza u mġiba nisranija.

## Awissu

**Ġenerali:** Jalla, minn ġenerazzjoni għall-oħra, ulied Alla l-Missier ifaħħru u jrodd ħajr lil Alla l-Għoli għall-għeġubijiet kbar li bla heda jagħmel fil-ġrajja tad-dinja.

**Missjunarja:** Jalla l-Knejjes ta' l-Amerika Latina, imħeġġin mis-Sitt Kungress Missjunarju Latino-Amerikan, jikru fil-veru spirtu missjunarju għall-qadi ta' l-evanġelizzazzjoni l-ġdida.

**Lokali:** Jalla, flimkien ma' Marija, Omm Kristu u ommna, infaħħru l-kobor tal-Mulej, Missierna u Sid tagħna.

## Settembru

**Ġenerali:** Jalla dawk kollha impenjati fil-*mass media* dejjem

aktar jagħarfu r-responsabbiltajiet tagħhom ħa jimpenjaw ruħhom u jirrispettaw id-dinjità ta' kull persuna umana, maħluqa fuq is-sura u xbieha ta' Alla l-Missier.

**Missjunarja:** Jalla l-miljuni ta' refuġjati, speċjalment fl-Afrika, ikollhom żgurat il-ħobż tal-Kelma ta' Alla u programm effettiv ta' għajnuna u promozzjoni.

**Lokali:** Jalla t-tfal li f'dan ix-xahar se jibdew jattendu l-iskejjel, isibu dejjem għajnuna xierqa mill-ġenituri u l-għalliema tagħhom, biex meta jikbru jkunu nsara awtentiċi u ċittadini tajbin.

## Ottubru

**Ġenerali:** Jalla l-professuri u l-istudenti fl-Universitajiet kattoliċi, jimpenjaw ruħhom ħa jġibu 'l quddiem kultura mdawla u mogħtija l-ħajja mill-fidi nisranija.

**Missjunarja:** Jalla l-imgħammdin kollha, imħeġġin mill-Ġublew il-Kbir li hu hekk qrib, jintebħu bil-vokazzjoni tagħhom li jagħtu kooperazzjoni missjunarja sħiħa lill-Propagazzjoni tal-Fidi.

**Lokali:** Jalla dejjem aktar toktor f'pajjiżna l-kuxjenza missjunarja biex inkunu dejjem minn ta' Quddiem fl-għajnuna lill-missjoni bit-talb tagħna u b'kull mezz ieħor.

## Novembru

**Ġenerali:** Jalla l-lajċi fil-Knisja, huma u jgħixu l-impenn tagħhom ta' mgħammdin, bit-talb, il-pariri u l-għajnuna tagħhom, jissieħbu ma' dawk li Alla jsejjaħ biex jgħixu ħajja saċerdotali, reliġjuża u missjunarja.

**Missjunarja:** Jalla l-anzjani, bil-hena kollu, jerġgħu jintebħu bil-ħidma importanti li jistgħu jagħtu fl-isforzi missjunarji tagħna lkoll.

**Lokali:** Jalla t-tifkira tal-mejtin tagħna tqanqal fina xewqa li ngħinuhom bit-talb u s-suffraġi tagħna aħna u nsaħħu dejjem aktar fina t-tama fil-ħajja ta' dejjem.

## Diċembru

**Ġenerali:** Jalla fis-sena 2000 it-tħabbira evanġelika "Tweldilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej" tidwi ma' kullimkien b'qawwa mġedda.

**Missjunarja:** Jalla s-saċerdoti djoċesani jilqgħu s-sejħa ma taqta' qatt għall-qadi missjunarju tal-'*Fidei donum*'.

**Lokali:** Jalla dejjem inroddu ħajr lil Alla l-Missier li tana lil Ibnu biex ikun il-Feddej tagħna, u flimkien miegħu, tana kollox.

# Werrej Ġenerali

**IT-TIENI SENA TA' THEJJIJA GĦALL-ĠUBLEW IL-KBIR TAS-SENA 2000**

L-Ispirtu s-Santu u l-Ekumeniżmu .......... 10
Ottavarju għall-Għaqda ta' l-Insara .......... 34
L-Ispirtu s-Santu u l-Liturġija .......... 48
Mixja matul is-sena liturġika .......... 68
Ċelebrazzjonijiet liturġiċi .......... 78

**MESSAĠĠI TAL-PAPA**

Jum l-Emigrant 1997 .......... 160
Randan 1998 .......... 226
Jum iż-Żgħażagħ 1998 .......... 230
Jum il-Vokazzjonijiet 1998 .......... 237
Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali .......... 461
Jum il-Ġurnata Missjunarja ..........

**DOKUMENTI TAL-PAPA**

Ittra għal Jum il-Paċi 1998 .......... 217
Ittra dwar San Pietru Ċanisju .......... 243
Ittra dwar Santa Tereża tal-Bambin Ġesù .......... 249
Ittra lis-saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka 1998 .......... 458
Talba lill-Ispirtu s-Santu .......... 469
Ittra dwar Jum il-Mulej .......... 550
Ittra "Ad Tuendam Fidem" .......... 600

**VARIA**

Diskors tal-Kard. Agustoni f'għeluq is-Simposju fuq San Ġużepp .. 217
Katekiżmu tal-Knisja Kattolika – korrezzjonijiet .......... 137
Rio declaration on the Family .......... 313
Xi problemi dwar it-tisħib tal-lajċi fil-ministeru saċerdotali .......... 263
"Towards a better distribution of land" estratt minn

"The Challenge of Agrarian Reform" .................................................. 471
Nota dottrinali dwar il-"Professio Fidei" ................................................ 602
Regulations for Doctrinal Examinations ................................................... 7
The pilgrimage in the Great Jubilee ...................................................... 625
Nunzju Appostoliku ġdid ..................................................................... 665
Kalendarju tal-Ġublew tas-sena 2000 .................................................... 654
The Catholic School ............................................................................ 610

## MESSAĠĠI U DISKORSI TA' L-ARĊISQOF

Lil Phoenician Club, N.S.W.: Il-mudell Malti tal-Familja .................. 165
Fis-VII Simposju internazzjonali dwar San Ġużepp ............................ 163
Lill-Għaqda tal-Każini tal-Baned: Nikbru fuq dak li jgħaqqadna .... 335
Lill-avukati tat-Tribunal ekklesjastiku:
    ma jkejlux is-servizz bil-flus .................................................... 339
Fil-festa ta' Kristu Re: Il-ġid sħiħ tagħna lkoll ................................. 339
Lill-"Unions" u lil min iħaddem:
    Ħtieġa ta' edukazzjoni fis-solidarjetà ....................................... 342
Fil-Milied – lill-emigrati: Niskopru 'l Kristu mill-ġdid ......................... 344
    lit-tfal: Festa ta' mħabba ........................................................ 347
    lil kulħadd: Imħabba u għaqda ................................................. 350
    lis-saċerdoti f'ħidma pastorali barra minn Malta ........................ 354
Jum il-Kandlora – Jum il-Ħajja Konsagrata ........................................ 489
Preferenza għall-proxxmu fil-bżonn ................................................... 491
Lill-miżżewġin ġodda: Il-qdusija tal-familja ........................................ 495
Lill-ġurnalisti fil-festa ta' S Franġisk de Sales ................................... 499
Lill-membri ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti, fil-jum tagħhom .................. 502
Tifkira ta' Madre Tereża ta' Calcutta ................................................ 167
Fl-anniversarju ta' l-ordinazzjoni episkopali tiegħu ............................ 170
F'Jum iż-Żgħażagħ: l-għażla tat-tajjeb ............................................... 666
Fil-150 sena tal-Kamra tal-Kummerċ:
    Il-kontribut tal-Komunità kummerċjali ........................................ 670
Fil-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem: punti ta' riflessjoni
    f'laqgħa mal-unions, ma' min iħaddem u mal-politiċi ................. 676
    Diskors waqt Quddiesa lill-ħaddiema ......................................... 673

Il-programm pastorali għas-Sena 2000:
lejn is-sena 2000 bħala familja ........ 693
Sehem il-Mass Media fil-bini tal-komunità ........ 678
Lil Stella Maris College ........ 681
Lill-Moviment Kerygma ........ 682
Lill-Moviment "Youth for Life" tal-Gżira ........ 683

## DOKUMENTI TAL-KONFERENZA EPISKOPALI

Iż-żwieġ u l-familja fil-pjan ta' Alla (pastorali Awissu) ........ 153
Kummissjoni dwar il-familja u d-divorzju ........ 159
Komunikat dfwar il-familja u d-divorzju ........ 159
Ngħidu iva għar-rieda ta' Alla ........ 485

## DOKUMENTI TAL-KURJA

Is-servizz tas-saċerdoti fil-Knisja ........ 684
Digriet dwar Ministri straordinarji ........ 355
Nomini ........ 356, 520, 692
Żona pastorali awtonoma ġdida u tibdil fil-limiti taż-żon ta' l-Ibraġ
Stqarrija dwar l-Ananda marga
Stqarrija tal-Kummissjoni tal-knisja dwar
il-familja Maltija u d-divorzju ........ 685
Lejn Programm ta' Ħidma Pastorali – Vision statement ........ 360
Istitut dwar il-Ministeru tal-Kelma – Programm 1997-98 ........ 364
Rapport tal-Kummissjoni ikatekietika 1996 ........ 389
Formazzjoni tal-katekisti u l-Għalliema tar-Reliġjon ........ 179
Rapport tat-Tribunali Ekklesjastiċi 1997 ........ 504
Memorandum dwar il-futur tal-familja ........ 509
Il-Knisja tiffoka fuq il-prijoritajiet –
Appostaolat tat-Talb 1998 ........ 313
Appostolat tat-Talb 1999 ........ 723
Lejn is-Sena 2000 fil-qadi tal-bniedem fil-bżonn ........ 695
Il-Knisja tiffoka fuq il-prijoritajiet ........ 177
sit-in ta' l-Arċisqof u kapijiet tad-dikasteri tal-Kurja ........ 177
Saċerdoti u reliġjużi li mietu fl-1997 ........ 413

## ĊIRKULARITJIET TAL-KURJA

n.357: Illum l-Art Imqaddsa 1997 ... 173
n.358: Tifkira ta' Mother Tereża –
Is-7 Simosju dwar San Ġużepp ... 174
n.359: Anniversarju ta' l-ordinazzjoni ta' l-Arċisqof –
Xahar tar-Rużarju ... 175
n.360: Ġurnata Missjunarja 1997 ... 176
n.361: Ġabra għall-iskejjel tal-Knisja ... 356
n.362: Festa ta' kristu Re 1997 – Jum l-emigranti u r-refuġjati ... 357
n.363: Ġabra għall-Karità 1998 ... 359
n.364: Jum dinji tal-morda bil-lebbra ... 514
n.365: Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti 1998 ... 515
n.367: Ħlasijiet fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ... 516
n.368: Wirja ta' Vari għall-Millennju ... 690
n.369: Offerta għall-Papa 1998 ... 691

## EŻEMPJU TA' OMELIJI

### AVVENT

I. Il-Fidwa tagħna hi fil-qrib ... 181
II. Il-Jum ta' Kristu ... 183
III. Inħejju ruħna kif jixraq għax il-Mulej qorob ... 185
IV. "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek" ... 187

### MILIED

Il-misteru tal-Milied ... 189
Il-Familja Mqaddsa ... 191
L-Imqaddsa Marija Omm Alla u l-bidu ta' sena ġdida ... 193
L-Epifanija tal-Mulej ... 195
Il-Magħmudija tal-Mulej ... 197

### RANDAN

I. Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem ... 383
II. Il-misteru tat-Trasfigurazzjoni ... 384
III. Jekk ma tindmux ilkoll tintilfu xorta waħda ... 386

IV. L-iben il-ħali ........ 388
V. "Se nagħmel ħaġa ġdida" ........ 390
VI. Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej ........ 393

## GĦID

I. Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema ........ 393
II. Tmint ijiem wara l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet ........ 395
III. "Tħobbni int?" ........ 397
IV. Ri-Ragħaj it-Tajjeb (JUm il-Vokazzjonijiet) ........ 399
V. Kmandament ġdid ........ 401
VI. Il-Wegħda ta' l-ispirtu s-Santu ........ 403
VII. Ħniena u mħabba ........ 211
X. It-Trinità Qaddisa ........ 409
XI. Il-misteru tal-Ġisem u d-demm għażiż tal-Mulej ........ 411
XII. Ilbisna 'l Kristu ........ 521
XIII. Il-mixi wara Kristu ........ 523
XIV. Is-sliem ta' Kristu ........ 525
XV. Kristu, is-samritan tajjebtagħna ........ 527
XVI. Marta u Marija ........ 529
XVII. Il-qawwa tat-Talb ........ 531
XVIII. "Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema" ........ 533
XIX. Il-qawwa tal-fid ........ 535
XX. Faċi u firda ........ 539
XXI. L-imsejħin fis-saltna ta' Alla ........ 541
XXII. L-umiltà ........ 543
XXIII. L-Għerf tassew ........ 699
XXIV. Ir-rikonċiljazzjoni ........ 701
XXV: Il-ġustizzja soċjali – I ........ 703
XXVI. Il-ġustizzja soċjali – II: l-għonja u l-foqra ........ 705
XXVII: Il-Fidi ........ 707
XXVIII: Ir-radd il-ħajr ........ 709
XXIX: Il-Ġurnata missjunarja ........ 711
XXX: Alla hu dejjem ma' min jiċċekken u jafda fih ........ 713
XXXI: Il-Qaddisin kollha ........ 715

XXXII: Alla tal-ħajjin, mhux tal-mejtin ................................................ 717
XXXIII: Jekk nibqgħu sħaħ sa l-aħħar għalina
titla' x-xemx tal-ġustizzja ................................................ 719
XXXIV: Ġesù Kristu, Sultan tal-ħolqien kollu ................................................ 721
10 ta' Frar: San Pawl ................................................ 207
15 ta' Awissu, Santa Marija ................................................ 537